# IL-ĦAJJA f'Għawdex

€ 2 \ Lm 0.86c

Novembru 2008 * LEHEN L-GĦAWDXIN GĦAL 63 SENA * Nru. 902




## "Forġa għal Soċjetà aktar Nisranija"

**- Mons. Isqof Mario Grech**


Antonio Nani
(1842 - 1929)
Messa del Naufrago (1872)
for male voices and orchestra
APS bank
in collaboration with
The Metropolitan Cathedral Chapter
and
The St. John's Co-Cathedral
Foundation
St. John's Co-Cathedral, Valletta
Thursday 4th December 2008
For tickets please phone on Tel. No: 2560 3221/2

# IL-ĦAJJA f'Għawdex

L-Ewwel Ħarġa f'Ġunju 1945
*Ħarġa nru. 902*
*Novembru 2008*
Maħruġa mid-Djoċesi ta' Għawdex

*Direzzjoni u Amministrazzjoni:*
Lumen Christi Media Centre
Triq Fortunato Mizzi,
Victoria - Għawdex VCT 2579
Tel. 21560496/7 Fax. 21561860
*e-mail:* gozopress@onvol.net

Abbonament: €10 (Lm 4.30)
Benefattur: €20 (Lm 8.60)

Issettjata u Stampata:
*"Gozo Press" Tel.21551534*

*Il-fehmiet li jistqarru l-kittieba m'humiex neċessarjament dawk tal-Bord Editorjali.*


## f'din il-ħarġa


Editorjal • 3
Il-Ħajja fid-Djoċesi • 4
X'jgħidilna l-Isqof • 6
Kummentarju (1) • 7
X'għadda minn għalina • 9
Riflessi • 15
Għawdex fil-Ġurnali • 16
Għawdex fil-Parlament • 17
Kummentarju (2) • 18
L-Identità ta' Għawdex (3) • 20
Speċjali Sena Pawlina (4) • 22
Letteratura Għawdxija • 24
Kotba minn Għawdex • 25
Dawl għall-Ħajja • 26
**DOKUMENTAZZJONI**
Il-Misteru tal-Knisja (17) • 28
Snajja Qodma (14) • 30
Kummentarju (3) • 32
Xhieda Nisranija • 34
Għawdex "On-Line" (4) • 35
Lenti fuq il-Ħajja Madwarna • 36
Passiġġata Biblika (40) • 38
Għawdex Qabel ir-Ritratti (9) • 40
Għawdex 300 sena ilu (168) • 41
B'Impenn u Bi Pjaċir • 42
Ma' Mewġ il-Ħajja (3) • 44
Ibża' għal Saħħtek • 46
Tisliba Maltija • 48
Mix-Xena Sportiva f'Għawdex • 49
Imkejjen Għawdxin (14) • 50



**Ritratti:** *Ħajr lil Dun Anton Sultana, Joseph J.P. Zammit, Lynda Caton Roseblade, Ted Attard, Ministeru għal Għawdex, Charles Spiteri, u Kunsilli Lokali t'Għawdex.*
**Ritratt tal-Qoxra:** *Ħajr lil Paul Curmi u l-Kappillan tal-Munxar.*





# *Il-Flus ta' l-Għawdxin*

*It-tweġiba għall-Mistoqsija Parlamentari 1784 (ara paġna 17) fiha x'wieħed jixtarr. Fit-tliet xhur bejn il-31 ta' Diċembru 2007 u l-31 ta' Marzu 2008, id-depożiti ta' l-Għawdxin fil-banek żdiedu b'aktar minn 7 miljun ewro, filwaqt li s-self tagħhom mill-banek żdied b'aktar minn 9 miljun ewro. Jidher ukoll, li filwaqt li n-numru ta' l-Għawdxin li jqegħdu flushom fil-banek qiegħed kulma jmur jonqos, in-numru ta' dawk li jisselfu mill-banek qiegħed kulma jmur jiżdied. Fit-tliet xhur imsemmija n-numru ta' dawk li kienu ddepożitaw flushom fil-banek naqas b'1,118, filwaqt li n-numru ta' dawk li ssellfu mill-banek żdied b'724. L-istatistika wriet dan l-andament ukoll fis-sena ta' qabel.*

*Għal dawn il-figuri jista' jkun hemm spjegazzjoni finanzjarja li huma biss fenomenu momentanju iżda min-naħa l-oħra dawn jistgħu jkunu wkoll sinjal taż-żminijiet. Għax din hi xejra ta' bidla fl-atteġġament tradizzjonali ta' l-Għawdxin magħrufin li jibżgħu għas-sold u jaħsbuha darbtejn qabel ma jifirxu saqajhom 'il barra mill-friex. Jaqaw il-poplu Għawdxi qiegħed kulma jmur isir aktar midjun? - għax dan "is-self" min-naħa l-oħra tal-munita huwa wkoll "dejn"!*

*Wieħed naturalment jeħtieġ jinterpreta dawn in-numri u jqiegħed il-mistoqsijiet: Min huma dawk li qed jissellfu? Hemm fosthom xi kategorija mis-soċjetà li tispikka? Huma l-familji, ż-żgħażagħ, il-koppji ġodda, in-negozjanti ...? Min qed ikunu?*

*U x'inhu l iskop tagħhom li ħadu dan is-self? Għalfejn qegħdin jissellfu? Għax iridu jfasslu l-ġejjieni u hemm xi neċessità li saret muntanja quddiemhom? Huma l-ġenituri li qed jaħsbu fl-edukazzjoni ta' wliedhom? Huma l-koppji ġodda li qed iħejju fejn joqogħdu? Huma n-negozjanti li jieħdu r-riskju kalkolat, jew huma spekulaturi li jsibu ċ-ċans isiru miljunarji f'ħakka t'għajn? Huma ż-żgħażagħ li jridu jkomplu bl-istudji tagħhom, jibdew impriża; jew dawk li jridu jixtru karozza ma' l-ewwel stipendju? Bżonnijiet jew kapriċċi?!*

*Hemm raġuni għaqlija wara s-self, jew hemm stil ta' ħajja li mingħajr kapriċċi ma jgħaddux? - għaliex fiħ il-kumditajiet tal-bieraħ saru l-ħtiġijiet tal-lum u l-fdalijiet ta' għada. Jew forsi qed tiżdied fostna l-mentalità tal-'carpe diem' – aħtaf il-waqt, għada min jafu?*

*Din il-bidla fil-mentalità ta' l-Għawdxin lejn il-flus, jekk qegħda sseħħ tabilħaqq, teħtieġ riflessjoni soċjoloġika biex tittieħed azzjoni minn min għandu għal qalbu l-ġid tas-soċjetà Għawdxija. Għax din il-bidla fil-mentalità hija sintomu ta' bidliet oħra profondi fil-valuri tal-ħajja. Il-flus huma konkorrent ta' Alla. "Ma tistgħux taqdu 'l Alla u lill-flus." (Mt. 6:24) Għal ħafna l-flus saru "kollox"!*

*"Il dio denaro", jgħidu t-Taljani. Il-flus huma alla falz li jaljena bil-konsumiżmu; huma alla jassâr bid-djun u bl-użura...*

**Joseph W. Psaila**




***Il-ftuħ tal-Missjoni Djoċesana***

Wara li fil-quddies kollu li sar nhar is-Sibt filgħaxija 4 ta' Ottubru, u l-għada l-Ħadd tħabbret il-Missjoni Djoċesana lill-Insara kollha ta' Għawdex, nhar il-Ġimgħa 10 ta' Ottubru infetħet b'mod uffiċjali din il-Missjoni. Dan sar permezz ta' quddiesa sollenni li bdiet fis-6pm fil-pjazza tal-knisja tal-Munxar. Għaliha ġew nies minn kull parroċċa ta' Għawdex, u kienu mistednin ukoll b'mod speċjali dawk il-lajċi li offrew li jmorru għand il-familji u d-djar tal-gżira tagħna. Fil-pjazza nħarġet l-istatwa ta' l-Appostlu San Pawl minn ġol-knisja tal-Munxar, u dan biex niftakru li l-Missjoni qed issir fi żmien ta' grazzja oħra li hija s-Sena Pawlina, mnedija mill-Papa Benedittu XVI. Flimkien ma' l-isqof kien hemm il-kappillani, flimkien ma' għadd sabiħ ta' saċerdoti u reliġjużi. **Fl-omelija li għamel Mons. Isqof, huwa saħaq fuq l-importanza li nħabbru mill-ġdid lis-soċjetà li qegħdin ngħixu fiha l-messaġġ nisrani, hekk kif id-dinja li qegħdin ngħixu fiha hija mħajra tibni l-ħajja tagħha fuq valuri oħrajn. Il-valur fundamentali tal-vanġelu huwa l-imħabba, u għalhekk is-sejħa tagħna l-Insara għandha tkun li nistiednu lis-soċjetà ssib mill-ġdid l-imħabba u l-fraternità.** Wara l-omelija sar talb speċjali mid-diversi kategoriji tal-Knisja: miżżewġin, għarajjes li qed jitħejjew għaż-żwieġ, tfal li ser jirċievu l-Griżma u l-Ewwel Tqarbina, seminaristi, reliġjużi, u saċerdoti. Dan għamluh filwaqt li ressqu fuq l-artal fjamma li hija sinjal tal-fidi.

Wara t-tqarbin ġie ppreżentat ukoll lill-kappillani u l-arċipreti il-Lezzjonarju l-ġdid tal-qari waqt il-quddies tal-Ħdud u s-sollennitajiet li ppubblikat il-Kummissjoni Liturġika. Dan il-Missal mbagħad ġie mgħoddi lil dawk il-lajċi li ser jieħdu ħsieb is-segreteriji parrokkjali li se jassistu l-Missjoni Djoċesana fil-parroċċi. Wara din il-quddiesa, issa kull nhar ta' ġimgħa bdew il-laqgħat ta' formazzjoni għal-lajċi li sejrin jieħdu sehem fil-Missjoni Djoċesana, fl-ewwel fażi sal-5 ta' Diċembru.


















***Ftuħ tas-Sena ta' l-Azzjoni Kattolika f'Għawdex***

Nhar is-Sibt 18 ta' Ottubru 2008, l-Azzjoni Kattolika f'Għawdex tat bidu għas-Sena Soċjali ġdida, b'ċelebrazzjoni li saret fid-Dar Ċentrali fir-Rabat. It-tema ġenerali għas-Sena Soċjali 2008-2009 hi: *"L-imħabba ta' Kristu ġġeddidna"*, u hi marbuta mal-motto tal-Missjoni Djoċesana li qed tiċċelebra d-Djoċesi: *"L-imħabba ta' Kristu ssuqna"* (2 Kor 5,14). Fost oħrajn saru diversi taħdidiet dwar is-sehem li għandha x'tagħti l-Azzjoni Kattolika fis-soċjetà tagħna llum, filwaqt li ġie ppreżentat l-Assistent Ekkleżjastiku l-ġdid għal Malta: Mons. Paul Vella. Saru taħdidiet oħra dwar temi pawlini. L-Isqof Mario Grech, li ppresieda l-attività ta' sagħtejn u nofs, mexxa konċelebrazzjoni u fl-omelija wassal messaġġ bit-tema "Il-Knisja tgħin fit-tiġdid tas-soċjetà". Ikkonċelebraw miegħu diversi Assistenti Ekkleżjastiċi.








***MARIJA TA' NAZARET - musical ġdid***

F'għeluq l-125 sena mis-Sejħa tal-Madonna Ta' Pinu u l-150 Sena mid-Dehriet ta' Lourdes, l-Oratorju Don Bosco t'Għawdex ser itella' *musical* ġdid dwar il-Madonna u l-messaġġ tagħha għar-realtà soċjali ta' żmienna.

Il-*musical* "Marija ta' Nazaret" qed jittella' f'pajjiżna bil-permess ġentili tal-kompożitur Taljan Armando Bellocchi u l-awtriċi Giuseppina Bellocchi u Giuseppina Costa. Dan inqaleb għall-Malti minn Fr. Effie Masini, u kien rekordjat għand il-*PRO Studios* ta' Għawdex. Id-direzzjoni vokali u mużikali tħalliet f'idejn il-kantanta u kompożitriċi Pamela Bezzina li se tinterpreta hi wkoll il-parti ewlenija tal-Madonna. Kantant ieħor ewlieni li qed jieħu sehem f'dan il-*musical* huwa Mario Caruana li se jinterpreta l-parti ta' San Ġużepp. Mumenti komiċi mill-*musical* huma interpretati mid-duo Charlie Zammit u George Sacco, waqt li l-koreografija tħalliet f'idejn Dr. Simone Grech, Lara Vella u Frances Zammit..

Bħalissa għaddejjin fl-aqwa tagħhom il-preparamenti biex dan il-*musical* jittella' għall-pubbliku lokali. Il-President tar-Repubblika għogbu wkoll jestendi l-patroċinju tiegħu għal dan l-ispettaklu mużikali li mhux ta' min jitilfu. Bi produzzjoni ta' Gordon Grech ser ikollna spettaklu ta' sagħtejn mużika, kant u żfin, li fih se jieħu sehem kast ta' 'il fuq minn mitt persuna. *"Marija ta' Nazaret"* se jintwera għall-ewwel darba nhar is-Sibt 22 ta' Novembru. *Shows* oħra ser isiru l-Ħadd 23, u s-Sibt 29 ta' Novembru kollha fis-7.30pm fl-Oratorju Don Bosco t'Għawdex. Ser isiru wkoll xi spettakli oħra għat-tfal ta' l-iskejjel.

Sadanittant fl-aħħar granet ġie llanċjat id-*Double CD Album "Marija ta' Nazaret"* li jinkludi fih il-mużika kollha ta' l-istess spettaklu.

Il-biljetti għal dan l-ispettaklu mużikali jew kopji tas-CD *"Marija ta' Nazaret"* jistgħu jinkisbu mill-Oratorju Don Bosco t'Għawdex, jew inkella billi wieħed iċempel fuq in-numri 21556616 jew 99487751.

# Biex nevitaw l-Anarkija



*Siltiet mill-Omelija ta' Mons Isqof Mario Grech fil-Konċelebrazzjoni ta' l-Ewwel Ċentinarju mit-Twaqqif tal-Assoċjazzjoni tal-Iscouts fil-Gżejjer Maltin li saret fis-Seminarju tar-Rabat Għawdex, il-Ħadd 5 ta' Ottubru 2008.*

"Wieħed mis-sigrieti għaliex l-Assoċjazzjoni tal-*iscouts* irnexxielha tibqa' wieqfa għal dawn l-aħħar mitt sena, bla dubju huwa l-fatt li l-*iscouts* jagħmlu l-wegħda li joqogħdu għal-liġi. Fejn m'hemmx rispett għal-liġi, li hija garanzija tal-ordni u tal-istabbiltà fil-ħajja individwali u soċjali, ikun hemm id-diżordni.

Dan narawh fil-ħajja tagħna ta' kuljum meta llum ħafna jidhrilhom li jistgħu jgħaddu mingħajr regoli tal-ħajja jew jieħdu l-liġi b'idejhom. Meta l-bniedem iwarrab dawn ir-regoli, jkun hemm anarkija għax kulħadd jagħmel dak li jaqbillu.

**Din l-ubbidjenza lejn il-liġi tissarraf f'żewġ atteġġamenti prinċipali: ir-rispett lejn il-liġi t'Alla u lejn il-liġi magħmula mill-bnedmin. Din ta' l-aħħar ma tkunx liġi ġusta jekk ma tkunx tirrifletti l-liġi divina naturali.**

**Hemm min hu tal-fehma li l-uniċi normi li l-bniedem għandu d-dmir li josserva huma biss dawk li jfassal il-bniedem, bħalma huma l-liġijiet ċivili, ir-regoli ta' xi assoċjazzjoni, eċċ. Skond dawn it-talin, biex dawn in-normi jkunu tajba huwa biżżejjed li jsiru minn min għandu s-setgħa li jagħmel il-liġijiet, bħalma huwa l-parlament, jew bi ftehim bejn il-partijiet, bħal fil-każ ta' xi trattat bejn pajjiżi diversi.**

**Imma dan l-argument mhux tajjeb. Fl-istorja kien hemm diversi każijiet fejn il-leġiżlatur abbuża mis-setgħa tiegħu u għamel liġijiet inġusti għax kienu kontra d-dritt naturali, bħalma huma liġijiet favur l-abort u d-divorzju. Meta liġi umana tmur kontra l-ordni mwaqqaf mill-Ħallieq, issir ġerħa serja lill-persuna u lis-soċjetà.**

Infatti, il-liġi divina hija ta' żewġ għamliet. Hemm dawk in-normi li, għalkemm ma nsibuhomx miktuba la fuq il-karta u anqas fuq l-irħam, suppost ikun jafhom kull bniedem għax huma miktubin fil-qalb umana. (ara Rum 2,14-15) Bl-għajnuna tar-raġuni, l-bniedem kapaċi jasal biex jikxef il-liġi naturali li hija komuni għal kulħadd u kullimkien.

Imbagħad, għal dawk li jemmnu hemm il-liġi divina pożittiva: dawk in-normi li Alla ikkomunika lill-bniedem permezz tar-Rivelazzjoni tal-Kelma tiegħu, bħalma huma l-Għaxar Kmandamenti.

**Ir-rimedju għall-ħajja anarkika li teżisti fir-relazzjonijiet ta' bejnietna, fil-familja, fil-komunitajiet nazzjonali u internazzjonali huwa li l-bniedem jitgħallem joqgħod għal-liġi, li hija bħal lġiem li trieġi l-bniedem ħieles.**

Għalhekk dawk kollha li huma responsabbli mill-edukazzjoni ta' tant tfal, adolexxenti u żgħażagħ fi ħdan l-Assoċjazzjoni tal-*iscouts* ħaqqhom kull apprezzament, għax bl-impenn tagħhom jistgħu jgħinu biex ikollna ġenerazzjoni li tassew tkun tirrispetta l-liġijiet, li huma gwida biex ngħixu ħajja dinjituża."


Alex Saliba
I.T Sales and Services
65, Ta' Said Street Nadur, Gozo
Tel: 21 555 358 Mob: 99 864 262
alexandersaliba@gmail.com



SMUGGLER'S CAVE
BAR • RESTAURANT • PIZZERIA
Il-Menqa, Marsalforn, Gozo.
Tel: 21 551005 - 21 551983
Fax 21 559959
Full A La Carte Menu, Fresh Fish,
Take Away & Pizza.
HOME MADE PASTA IS OUR SPECIALITY



*Kummentarju (1)*

# *Jiżdiedu fin-numru, jonqsu fl-età... X'se nagħmlu?*



*kitba ta'* MARIA ATTARD

*Introduzzjoni*

**Il-kelma kaos tfisser li ma hemm xejn f'postu. Tfisser li wieħed ma jistax jara ċar, u li l-affarijiet tilfu r-ritmu naturali tagħhom. Tfisser ukoll li xi ħaġa minn barra s-sitwazzjoni jew il-persuna ħolqot nuqqas ta' armonija.**

**Aħna l-protagonisti tal-bidu tas-seklu l-gdid u qegħdin ngħixu f'kaos. Waqqajna l-ħitan kollha, neħħejna l-*boundaries* u l-lquħ kollu u sirna xagħri fejn kulħadd iballat u jgħaffeġ kemm jista'.**

**Fatturi ewlenin li jindikaw dan hi r-rata dejjem tiżdied ta' *teenage pregnancy*, tqala barra ż-żwieġ u l-infedeltà. Fl-istatistika nsibu li fis-sena 2006 n-numru ta' twelid lil tfajliet ommijiet kien ta' 812, id-doppju meta mqabbel ma' dak tal-2000 li kien 429. Minn dawn 504 kellhom bejn il-15 u l-24 sena. Kull sena tindika li ż-żgħażagħ tagħna, jew aħjar il-parti l-kbira ta' l-istudenti tagħna, jew ma għadhomx jiġu mgħallma u mħarsa mid-dar, jew ma baqalhomx stima tagħhom infushom jew ma għandhomx viżjoni ta' futur.**

Il-bniedem donnu tilef għaqlu u flok ma waqaf biex jagħraf aktar hu min hu, ħa r-riedni f'idejh u beda jiddeċiedi hu x'jaqbillu. Il-bniedem tilef il-kunċett taż-żmien u l-istadji tal-ħajja. Ma għadux jimxi bil-kriterji ta' *'Kollox għandu żmienu u kull ħaġa għandha waqtha taħt is-sema'* (Koħ.3.1).

Is-soltu nfasslu programm għal kull fażi tal-ħajja. Biex nagħmlu dan tgħinna l-istess natura. Fit-tfulija wieħed jistenna li jirċievi edukazzjoni ta' soċjalizzazzjoni u ħajja aktar mżewqa bil-logħob; attività tant neċċessarja għall-iżvilup tal-persuna. L-adolexxenza hu żmien ta' preparazzjoni għall-karriera, għarfien tal-kapaċitajiet, żmien ta' avventura fis-sens tajjeb tagħha, żmien ta' ħbiberiji u le żmien li tidħol biex terfa' r-responsabbiltà tat-twelid ta' tarbija u forsi dan waħdek.

Hija ħasra li tara tfajla ta' ħmistax-il sena li suppost għada għaddejja mill-iżvilupp, u li għada tibda l-ħajja, tidħol għall-piż li terfgħu iva bl-imħabba, iżda dan għandha tagħmlu f'ħinu u f'waqtu.

Din il-problema nixtieq nindirizzaha lil tlett strutturi partikolari li b'mod jew ieħor jistgħu jinfluenzaw u jbiddlu r-rotta ta' din il-ġirja sfrenata għall-pjaċir immedjat, għan-nuqqas ta' rispett lejn 'il-jien' u lejn l-oħrajn, u għal manipulazzjoni ta' dak li x-xjenza skopriet. Dawn it-tlett strutturi huma l-Istat, il-Knisja u l-familja.

*L-Istat*

**L-ewwel struttura li tista tinfluenza ħafna lill-adoloxxenti hi l-iskola. L-edukazzjoni dwar is-sesswalità, l-familja, l-bidu tal-ħajja ma tistax tittieħed bil-biċċiet.**

Fis-sistema preżenti l-aspett bioloġiku qiegħed jiġi ppreżentat fil-lezzjonijiet tax-xjenza u l-bioloġija. L-aspett fiżjoloġiku hu mħolli għall-P.E., l-aspett emozzjonali għall-PSD, fil-waqt dak morali hu mħolli għar-reliġjon u dak soċjali għall-istudji soċjali u dan kollu hu marbut mas-sillabu mferrex fuq ħames jew tlett snin. Mela hi edukazzjoni tal-biċċiet u mhux sħiħa fejn l-istudent qiegħed jirċievi formazzjoni b'mod sħiħ u fejn jista' jiġi segwit b'mod speċjali matul il-ħames snin tas-sekondarja.

Formazzjoni sħiħa f'din l-età hi pedament sħiħ fejn il-binja tal-futur tista' tkun aktar fis-sod. L-esperjenza turina li meta għalliem jimxi ma' l-istudenti minn sena għall-oħra tinbena ħbiberija li tista' tkun ta' għajnuna kbira fil-formazzjoni. Dan għaliex issir taf l-istudent u tista' tfassal miegħu programm ta' formazzjoni skond il-bżonnijiet partikolari tiegħu. Din il-ħidma tista' ssir minn *team* ta' għalliema tad-dixxiplini diversi. Dan jiġri f'oqsma oħra bħal ma hi dik tas-saħħa u jħalli l-frott. Mela għaliex ma jsirx ukoll fejn tidħol materja hekk delikata u fl-istess ħin tant importanti fil-ħajja ta' l-adolexxent?

Jekk l-adolexxent hu f'siktu, jimxi 'l-quddiem fil-qasam akkademiku, jekk le jrid iterraq fit-tul biex jasal, jekk ma jispiċċax f'nawfraġju. B'dan il-mod niżguraw li l-formazzjoni għas-sesswalità hi aktar personalizzata, aktar xjentifika, aktar kredibbli u aktar uniformi fil-metodu u fil-materja preżentata.

**Il-benefiċċji soċjali huma ta' għajnuna għat-tfajla omm b'mod immedjat u din l-għajnuna hi mħollija fid-diskrezzjoni tat-tfajla omm. Dawn il-benefiċċji jistgħu ma jiġux użati għall-iskop proprju intenzjonat. Ikun aktar effettiv jekk isir *assessment* tal-veru bżonnijiet.** Dawn jistgħu jkunu fuq livell finanzjarju iżda wkoll ta' ħiliet



li għandhom jiġu ffinanzjati mill-istess omm u hekk titgħallem tqassam il-flus skond il-veru bżonn. **Ma humiex ftit dawk li jikkuntentaw ruħhom jgħixu fuq il-benefiċċji soċjali u ma jkomplux jiżviluppaw il-kapaċijiet tagħhom. Dan kollu hu ta' detriment għalihom, għal uliedhom u għas-soċjetà.**

**Dawn il-benefiċċji wkoll qegħdin ikunu kawża ta' abbużi meta, biex jakkwistaw dawn il-flus il-missier ma jiġix rikonoxxut pubblikament.**

### *Il-Knisja*

Il-Knisja għandha missjoni ferm importanti f'dan il-qasam. Jekk il-proġett ta' l-istat hu li joħloq ix-xogħol, iħares iċ-ċittadin, jara għall-bżonnijiet edukattivi u tas-saħħa, **l-Knisja għandha l-missjoni li turi lill-bniedem min hu fil-pjan tal-ħolqien u tas-salvazzjoni.**

Il-Papa Ġwanni Pawlu II fil-bidu tal-pontifikat tiegħu kien għamel sensiela ta' diskorsi profondi u attwali fuq it-Teoloġija tal-Ġisem. Fl-Istati Uniti ġie mwaqqaf Istitut li jgħallem u japprofondixxi aktar din it-Teoloġija. Aħna bħala Knisja f'Malta u Għawdex nistgħu nintroduċu dan it-tagħlim hekk attwali u bżonnjuż.

Il-ġisem hu don, hu meravilja tal-ħolqien, kapolavur uniku. Il-bniedem qiegħed jippossedih u jagħmlu proprjetà tiegħu u ma jirrealizzax li hu fid-dmir li jieħu ħsiebu. Il-ġisem min-natura tiegħu jiġġenera l-ħajja. Għalhekk meta l-ġisem jiġi misqi d-droga, l-alkoħol, u kimika oħra li tħassar in-natura tiegħu, jkun qiegħed jiġġenera l-mewt. Ġisem b'saħħtu hu rifless ta' spirtu fil-paċi u ta' ruħ fil-grazzja; dan jiġġenera d-dawl u jsir dawl għall-oħrajn.

Is-sbuħija kollha ta' madwarna tgħib meta nagħmlu minnha xi ħaġa assoluta. Poġġi dak li hu l ewwel f'postu u tat-tieni jiġi waħdu f'postu; poġġi tat-tieni fl-ewwel post u titlef kemm ta' l-ewwel u kif ukoll tat-tieni. Per eżempju qatt ma nieħdu l-gost ta' l-ikel fl-aħjar tiegħu jekk wieħed ikun immexxi mill-gula.

Hekk ukoll is-sesswalità meta ssir ħaġa assoluta u jintilef l-iskop proprju tagħha, titlef il-preġju tagħha u dak kollu li jmur magħha.

Għalhekk **il-Knisja għandha tinvesti aktar f'dan il-qasam biex il-familji futuri jkunu mibnija fuq tagħlim nisrani sod** u tinħoloq generazzjoni ta' ġenituri li jafu jedukaw fid-dawl ta' tagħlim aġġornat.

### *Il-Familja*

Il-familja wkoll għandha l-missjoni tagħha f'dan il-qasam. L-ewwel edukazzjoni tiġi mill-familja u għalhekk hu ferm importanti li l-ġenituri ma jibżgħux jedukaw lill-uliedhom u jitkellmu magħhom dwar l-istadji tal-ħajja u s-sesswalità. L-ulied dejjem għandhom bżonn il-preżenza tal-ġenituri f'kull mument tal-ħajja. L-imħabba hi dak l-ingredjent li kull persuna għandha bżonn doża qawwija tiegħu. Mela kemm aktar l-adolexxenti u ż-żgħażagħ iridu jagħmlu l-esperjenza tal-vera mħabba fil-familja. **Bosta drabi tfajla kif ukoll ġuvni li jkunu ġejjin minn familja li hemm xi problemi jew fejn l-imħabba ma tinħassx, aktar huma fir-riskju li jkunu vulnerabbli u jsibu ruħhom f'qadiet xejn mixtieqa.**

Il-ġenituri jistgħu jaslu biex joffru dan l-ambjent jekk ikunu iffurmati tajjeb. Ma jistgħux fid-dinja ta' llum irabbu tajjeb jekk ma jakkwistawx ħiliet li dawn jiġu ndirizzati lilhom permezz ta' korsijiet u programmi oħra ppreparati għalihom kemm mill-Istat kif ukoll mill-Knisja. Bniedem avżat nofsu armat.

**Aspett importanti ħafna li l-ġenituri jridu jifhmu u jgħarfu l-influenza tiegħu hu l-istress li l-*peer pressure* toħloq fuq iż-żgħażagħ tagħna. Bosta drabi din tħalli l-vittmi tagħha f'dawk li għandhom stima baxxa tagħhom infushom, ma għandhomx viżjoni għall-futur u għandhom formazzjoni spiritwali dgħajfa.**

Il-parir hu dejjem bżonnjuż f'ċirkostanzi partikolari speċjalment meta hemm imġieba mhix f'posta u fil-każ ta' tqala barra ż-żwieġ. Hija ħasra li ċerti ġenituri meta jiġu quddiem din id-dilemma ma jfittxux parir professjonali b'konsegwenza li ssir ħafna ħsara.

### *Konklużjoni*

**Il-veru bniedem hu qawwi, jaf jikkontrolla lilu nnifsu, interjorment liberu, ħaddiem ta' ħila u leali. Aħna dan li nixtiequ; li jittrawwam karattru sod fl-adolexxenti u ż-żgħażagħ tagħna. Biex naslu għal dawn, l-entitajiet li semmejna jridu jagħtu s-sehem sħiħ tagħhom.**

# X'għadda minn għalina



*Kronaka Għawdxija minn Charles Spiteri*

## *Jum l-Indipendenza - Ċerimonja ta' Tifkira f'Għawdex*



*Il-Prim Ministru Dr Lawrence Gonzi jispezzjona l-Gwardja ta' l-Unur.*

L-attivitajiet ta' Jum l-Indipendenza f'Għawdex, organizzati mill-Kumitat Festi Nazzjonali li saru l-Ħadd 21 ta' Settembru, 2008, fil-5.15 ta' filgħaxija, bdew b'parata li saret mill-Forzi Armati ta' Malta (FAM). Il-Banda u żewġ stakkamenti tal-FAM immarċjaw minn Pjazza Savina, fir-Rabat sa Pjazza Indipendenza fejn taw diversi wirjiet. Il-parata tmexxiet mill-Maġġur Michael Cardona.



*Il-Banda tal-Forzi Armati waqt il-parata fi Pjazza Indipendenza.*

Mal-wasla tal-Brigadier Carm Vassallo, il-Kmandant tal-FAM, akkumpanjat mill-ADC, il-Kaptan Joseph Spiteri, indaqq salut waqt li mal-wasla tal-Prim Ministru u s-Sinjura Gonzi ndaqq salut nazzjonali. Il-Prim Ministru Dr Lawrence Gonzi mbagħad spezzjona l-Gwardja ta' l-Unur tal-FAM. L-attivitajiet għal Jum l-Indipendenza komplew bit-tqegħid ta' bukkett fjuri mill-Prim Ministru Lawrence Gonzi quddiem l-irħama kommemorattiva li hemm imwaħħla mal-faċċata tal-*Banca Giuratale*, fi Pjazza Indipendenza. Iċ-ċerimonja spiċċat bid-daqq ta' l-Innu Nazzjonali. Wara saret iż-żewġ stakkamenti tal-FAM immarċjaw minn Pjazza Indipendenza għal Triq ir-Repubblika għal Triq Putirjal.



*Il-Prim Ministru Dr Lawrence Gonzi jpoġġi l-fjuri quddiem l-irħama kommemorattiva.*

Fost il-persuni distinti għaċ-ċerimonja fi Pjazza t-Tokk, kien hemm il-Ministru għal Għawdex Giovanna Debono, is-Segretarju Parlamentari fl-Uffiċċju tal-Prim Ministru Dr Chris Said, il-Membru Parlamentari Laburista Justyn Caruana, il-President tal-Kumitat Festi Nazzjonali f'Għawdex Vincent Grech, iċ-*Chairman* tal-Kultura Kevin Sciberras, is-Sindki Robert Tabone (il-Belt Victoria), Francis Cauchi (Għajnsielem), David Apap (Għarb), id-Direttur Ġenerali fil-Ministeru għal Għawdex Mario Calleja, id-Diretturi Joseph Portelli, Joyce Dimech, Emanuel Grech u n-Nutara Mary Debono Borg (Qrati tal-Ġustizzja), Marthese Portelli, President tal-Kumitat Eżekuttiv tal-Partit Nazzjonalista u rappreżentanti mid-diversi dipartimenti tal-Gvern u rappreżentanza mill-Għaqdiet mhux Governattivi Għawdxin fosthom il-*Victoria Scout Group*. Tifkiriet bħal din isiru wkoll f'Jum ir-Rebħa (8 ta' Settembru) u f'Jum ir-Repubblika (13 ta' Diċembru).



*Uħud mill-mistednin distinti fosthom il-Prim Ministru Dr Lawrence Gonzi u martu Kate.*

## Logħob fil-baħar - avveniment annwali fix-Xlendi

F'temp mill-iktar sabiħ u baħar ċar, il-bajja pittoreska tax-Xlendi reġgħet kienet maħnuqa bin-nies jassistu għal logħob fil-baħar li ta' kull sena jsir bħala parti mill-festa tal-Madonna tal-Karmnu. Il-festa ġiet iċċelebrata nhar il-Ħadd 7 ta' Settembru.



Paul Galea jirbaħ il-Ġostra.

Il-logħob fil-baħar beda fit-3.00 ta' wara nofsinhar bil-kompetizzjoni tal-ħabel fejn il-parteċipanti jitilgħu ma' ħabel vertikali minn ġol-baħar u jaqsmu il-port imdendlin ma' ħabel ieħor orizzontali fejn jippruvaw jilħqu il-bnadar imdendla ma' l-istess ħabel. Din il-logħba ma tantx ħadet ħin għaliex l-ewwel tlieta li telgħu rnexxielhom jaqtgħu it-tlett bnadar li kien hemm. Dritt wara beda jindilek l-arblu tal-Ġostra u twaħħlet il-bandiera fit-tarf tiegħu biex hekk bdiet l-aktar kompetizzjoni popolari li hi wkoll waħda tradizzjonali. Mill-ewwel deher li t-taqtiegħa għat-titlu kienet ser tkun bejn Steve Xuereb, *champion* renjanti għal dawn l-aħħar sentejn, u Paul Galea dominatur ta' din il-logħba għal tant snin qabel. Għalkemm l-oħrajn li kienu jikkompetu magħhom għamlu dak li setgħu biex forsi jaslu, xorta l-isforz tagħhom ma kienx biżżejjed. Assenza li wieħed seta' jinnota Joel Portelli li minħabba raġunijiet ta' xogħol ma setax jieħu sehem. Bħas-soltu l-logħba bdiet bil-kompetituri jnaddfu kif jistgħu l-*grease* minn fuq l-arblu u jitfgħu r-ramel biex jevitaw li jiżolqu. Steve u Paul dehru dejjem pass qabel l-avversarji tagħhom. Mal-ħin dawn it-tnejn bdew jersqu aktar viċin u propju magħhom beda jersaq Chris Farrugia, kompetitur ieħor promettenti, li f'attentat tiegħu idu tgħaddi żbrixx minn mal-bandiera. Iżda meta reġa' wasal it-*turn* ta' Paul Galea ma żbaljax għaliex tela' tajjeb ma' l-arblu b'dak il-pass sod u sfrutta tajjeb it-tul tiegħu biex jaqbeż l-aħħar ftit piedi u jqaċċat il-bandiera fost il-ferħ u għajjat tal-pubbliku preżenti.



*Joseph Sultana, Sindku tal-Munxar jidher jippreżenta trofej lil Martha Galea (xellug) u lil Elaine Buttigieg, rebbieħa tat-tiġrija tal-bniet magħrufa bħala Paddle Boat Race.*

Il-logħob kompla bit-tiġrijiet tal-għawm, *paddle boats* u *canoes* li għalihom ħadu sehem numru sabiħ ta' tfal u adoloxxenti. Fi tmiem il-logħob is-Sindku Joseph Sultana ppreżenta t-trofej u midalji lir-rebbieħa. Il-Kunsill tal-Munxar kien l-i*sponsor* ewlieni ta' dan il-logħob.

## Xogħlijiet ta' Restawr fit-Torri ta' Mġarr ix-Xini



*It-Torri ta' Mġarr ix-Xini.*

Bħalissa jinsabu għaddejjin xogħlijiet ta' restawr fuq it-Torri ta' Mġarr ix-Xini, liema torri ġie mibni fi żmien il-Gran Mastru De Redin fl-1661. Ix-xogħlijiet jinkludu rikostruzzjoni tal-garigor li jagħti għall-bejt, ċangatura ġdida, tikħil ta' diversi partijiet tat-torri, kif ukoll diversi aperturi fosthom il-bieb u l-pont li jwassal għalih. Dawn ix-xogħlijiet ta' restawr saru wara li twettqu diversi atti vandali matul dawn l-aħħar snin, kif ukoll minħabba problemi oħra kkawżati mill-elementi. Ix-xogħlijiet qed isiru mill-Ministeru għal Għawdex flimkien ma' l-għaqda volontarja "Wirt Għawdex".

Il-Ministru għal Għawdex Giovanna Debono, nhar it-Tlieta 16 ta' Settembru, żaret il-post u ltaqgħet mal-president u s-segretarju ta' Wirt Għawdex, il-Maġistrat Dr Paul Coppini u Giovanni Zammit rispettivament kif ukoll ma' l-impjegati tad-Dipartiment tal-Proġetti u Żvilupp fi ħdan il-Ministeru, li wettqu dawn ix-xogħlijiet.



*Waqt iż-żjara tal-Ministru Debono fi Mġarr ix-Xini. Fir-ritratt il-Ministru Debono tidher il-ħames persuna mix-xellug. Fuq ix-xellug tagħha jidher il-president ta' Wirt Għawdex, il-Maġistrat Dr Paul Coppini waqt li fuq il-lemin tagħha jidhru fost oħrajn, Joe Portelli, Direttur Proġetti u Żvilupp, il-Perita Ivana Farrugia u s-segretarju ta' Wirt Għawdex, Giovanni Zammit.*

## *L-ewwel kamp tas-Sajf għax-"Xagħra Scout Group"*

L-ewwel kamp tas-sajf mix-*Xagħra Scout Group* sar bejn l-20 u l-24 t'Awwissu. Il-parkeġġ tar-Ramla l-Ħamra kien id-dar għal tmintax-il *leader* u sitt *scouts*. Dsatax-il *cub scout* attendew ukoll ghal dan il-kamp bejn il-21 u t-22 t'Awwissu.



*Ix-Xagħra Scout Group fil-Bajja tar-Ramla.*

Din kienet l-ewwel esperjenza ta' kamp għall-membri tax-Xagħra *Scout Group* li sabu għajnuna kbira minn għand il-*Victoria Scouts* fosthom l-ASL David Grech li organizza dawn il-jiem avventurużi. Malli kien jisbaħ, il-*leaders* kollha kienu jiltaqgħu fil-*campsite* ħalli jittellgħu t-tined qabel titla' x-xemx. Il-*Victoria Scouts* organizzawlhom diversi attivitajiet, fosthom diversi logħob ġol-baħar u *Scavenger Hunt*. Sar ukoll tindif tal-bajja li kien organizzat mill-Fundazzjoni Gaia. Ma naqsux ukoll il-BBQ's għal kulħadd li kienu jispiċċaw bil-*Camp Fire*. L-*iscouts* ma kinux jibqgħu mingħajr smiegħ ta' quddies. Jieħu ħsieb kien hemm l-AGSL Fr Jesmond Gauci.



*Ix-Xagħra Scout Group waqt ħin il-logħob, fil-Bajja tar-Ramla.*

Il-kampijiet ġew akkwistati minn għand diversi persuni, wieħed minnhom ġentilment mogħti mill-kittieb Charles Coyne u martu.

## *Jibda xogħol ta' restawr fuq il-faċċata tal-Katidral*



Il-Kapitlu Katidrali ddeċieda li jsir ix-xogħol meħtieġ għall-konservazzjoni u restawr fil-binja tal-Knisja Katidrali, il-proġett li jirrigwardja prinċipalment il-faċċata tal-knisja.

Il-Vigarju Ġenerali tad-Djoċesi, l-Arċidjaknu, Mons. Giovanni B. Gauci qal lil *Il-Ħajja f'Għawdex* illi x-xogħol fuq il-faċċata huwa għadma aktar iebsa. Imma jittama li jirnexxi. Jittama wkoll illi jibqgħu jsibu l-għajnuna u l-ħidma ta' dawk li taw sehemhom fir-restawr li diġà sar tal-kampnar u l-parti t'isfel tal-koppla.

Ix-xogħol li beda fl-ewwel ġranet ta' Settembru, 2008, qed isir taħt is-superviżjoni tal-Perit Raymond Agius, wara konsultazzjoni mal-MEPA. Ix-xogħol tar-restawr hu f'idejn Wiġi Vella u ibnu Mark, mgħejjuna minn ħaddiema oħra. Id-Ditta ta' Ġużeppi Caruana tar-Rabat, Għawdex tat is-sehem kollu tagħha fejn jidħol l-armar meħtieġ.

## *Frott ta' l-art u xogħol il-bniedem f'Tal-Massar*

Il-Malti jgħid "dak li jindara bix-xejn jinxtara". Jekk għall-Għawdxin il-qtugħ ta' l-għeneb hu avveniment li huma mdorrijin bih u saħansitra jitnaffru mix-xogħol li jinvolvi, dan ma jgħoddx għal grupp ta' barranin li nhar is-27 t'Awwissu għażlu li waqt il-btala tagħhom f'Għawdex, iqattgħu jumejn jaqtgħu l-għeneb ta' azjenda Għawdxija li tipproduċi l-inbid, li din is-sena ċċelebrat l-ewwel ħsad tagħha. Din l-inizzjattiva ta' eko-turiżmu kienet waħda unika fil-gżira Għawdxija, għaliex il-propjetarji Anthony Hili u martu Marisa għarfu joħolqu attività mhux biss ta' ħidma iżda ukoll ta' pjaċir għal dawk kollha li taw daqqa t'id fil-ħsad.



*Barranin jaqtgħu l-għeneb fl-Għarb, f'Tal-Massar.*

Din kienet esperjenza pożittiva għaliex dawn il-barranin ingħataw iċ-ċans li jgawdu u jitpaxxew mhux biss bis-sbuħija tal-pajsaġġ trankwill li joffri r-raħal pittoresk ta' l-Għarb iżda ukoll jieħdu sehem fis-suċċess ta' din l-azjenda Għawdxija, magħrufa bħala 'Tal-Massar' li għandha l-mira li tipproduċi wieħed mill-ifjen inbejjed li kapaċi jipproduċu l-gżejjer Maltin. Ta' min jgħid li s-sena d-dieħla dawn it-turisti reġgħu niżżlu fil-kalendarju tagħhom din l-attività bit-tama li jduqu l-inbid mill-għeneb li qatgħu huma stess. Il-ħsieb wara din l-attività qalet Marisa lil *'Il-Ħajja f'Għawdex'* huwa wieħed, dak li nuru s-sbuħija u l-benna tal-prodotti Għawdxin.



*Ġorġ Mifsud (magħruf bħala Tax-Xemx, mill-Għarb), u martu Marija, it-tielet u l-ħames mix-xellug, flimkien ma' Joseph Mercieca (tal-Minsuħa, minn San Lawrenz), l-ewwel, fuq il-lemin, jallegraw lit-turisti u lir-residenti barranin wara l-qtugħ ta' l-għeneb.*

## Tagħlaq Mitt Sena - ir-raba' waħda f'Għawdex



*Marija taqsam il-kejk ta' l-okkażjoni.*

Marija Saliba mix-Xewkija għalqet l-età ta' mitt sena. Il-familjari u l-qraba tagħha ngabru madwarha fid-dar tagħha, nhar is-Sibt 27 ta' Settembru, biex jiċċelebraw din l-okkażjoni sinifikanti u momentuża f'ħajjitha.

L-E.T. Mons. Isqof Mario Grech iċċelebra quddiesa flimkien ma' Mons. Carmel Mercieca, l-Arċipriet tal-Parroċċa tax-Xewkija u Mons. Saviour Muscat, l-Arċipriet tal-Parroċċa tan-Nadur.



*Marija Saliba flimkien ma' l-E.T. Mons. Isqof Mario Grech, familjari u qraba.*

Fost dawk preżenti għall-okkażjoni kien hemm ukoll il-Ministru għal Għawdex, Giovanna Debono, membri parlamentari oħra Għawdxin u s-Sindku tal-lokalità tax-Xewkija, Monika Vella, LLD.

Fiż-żwieġ tagħha ma' żewġha Joseph, Marija kellha ħamest itfal li għamluha nanna ta' tmienja u bużnanna ta' tnax. Marija għadha tgħix ħajja trankwilla fid-dar tagħha u tikkomunika tajjeb ħafna ma' dawk ta' madwarha.

F'Għawdex bħalissa hawn erba' anzjani li għalqu l-mitt sena.

## Tieħu sehem f'Kungress Annwali tal-Bizzilla u Rakkmu



*Mary Louise Bajada, f'sessjoni waqt il-Kungress Annwali tal-OIDFA.*

Sar it-tlettax-il Kungress Annwali tal-OIDFA '*International Bobbin and Needle Lace Organisation*' fl-Olanda. Għal din l-attività attendew 'il fuq minn sitt mitt membru minn pajjiżi madwar id-dinja, tlieta minnhom minn Malta, fosthom Mary Louise Bajada mill-Munxar Għawdex.

Mary Louise hija waħda mill-gradwati '*Diploma in Lace Studies*' fil-kors li sar għall-ewwel darba fiċ-Ċentru tal-Università t'Għawdex. Hija ukoll għalliema tal-bizzilla u tar-rakkmu fiċ-Ċentru tal-Arti u Artiġanat Wistin Camilleri. Matul dan il-kungress Mary Louise pparteċipat u ħadet sehem f'korsijiet u *workshops* fuq il-bizzilla u rakkmu tipiċi ta' dawk l-inħawi. Fost l-attivitajiet li ġew organizzati, ġiet imtella' wirja ta' bizzilla minn diversi pajjiżi. Malta u Għawdex kienu rappreżentati b'sezzjoni mdaqqsa b'xogħlijiet tipiċi Maltin antiki u kontemporanji.

Il-membri tal-OIDFA kienu l-mistiedna tas-Sindku tal-belt ta' Groningen, ir-Rettur tal-Università ta' l-istess post u l-Kummissarju tar-Reġina għal Provinċja ta' Groningen għal riċeviment li sar għal din l-okkażjoni.

Fl-okkażjoni ta' għeluq dan il-kungress sar *Gala Dinner* li għalih ħafna mill-membri attendew lebsin il-kostum tradizzjonali ta' pajjiżhom. Il-membri Maltin liebsu l-ilbies tipiku Malti tas-seklu dsatax.

Mary Louise attendiet dan il-kungress bl-għajnuna tal-programm Ewropew "Grundvig" u tad-Direttorat għas-Servizzi tal-Konsumatur fi ħdan il-Ministeru għal Għawdex.

## Lech Walesa jżur Għawdex u jinvista l-Madonna Ta' Pinu



*Walesa fil-Kappella tal-Madonna Ta' Pinu, filwaqt li r-Rettur Fr Buhagiar jispjega.*

L-Eks President tal-Polonja u fundatur tal-Moviment *Solidarnosc*, Lech Walesa, nhar is-Sibt 4 t'Ottubru, żar Għawdex. Mal-wasla tiegħu, Walesa mar poġġa kuruna tal-fjuri fuq il-Monument tal-Papa Ġwanni Pawlu II, fi Triq Papa Ġwanni Pawlu II, fil-Belt Victoria, fejn kien milqugħ mill-president, Dr Monica Vella u membri tal-Kumitat Monument Nazzjonali Papa Ġwanni Pawlu II, li ppreżentawlu *frame* bi xbiha tal-Monument.

Walesa żar ukoll is-Santwarju Nazzjonali tal-Madonna Ta' Pinu, fejn kien milqugħ mir-Rettur Dun Gerard Buhagiar. Mal-wasla tiegħu, Walesa esprima ż-żjara tiegħu fis-Santwarju Ta' Pinu, bħala żjara ta' talb. Infatti baqa' dieħel

dritt fil-kappella tal-Madonna Ta' Pinu fejn għadda mumenti ta' talb fis-skiet.

Wara żar il-Mużew li hemm fl-istess Santwarju u ġie ppreżentat bi xbiha tal-Kwadru tal-Madonna Ta' Pinu. Qabel ħalla s-Santwarju, Walesa kiteb dan bil-Pollakk, fil-ktieb tal-viżitaturi. "Hu pjaċir tiegħi li ninsab nimxi fuq il-passi tal-Kbir Papa Ġwanni Pawlu II li żar dan is-Santwarju".



*Waqt il-preżentazzjoni lil Walesa, tax-xbiha tal-Madonna Ta' Pinu mir-Rettur tas-Santwarju, Dun Gerard Buhagiar.*

## Mfakkar San Piju minn Pietrelcina għand il-Kapuċċini

Biex jiġi mfakkar kif jixraq l-erbgħin anniversarju mill-mewt (23 ta' Settembru 1968) u t-twelid fil-ġenna ta' San Piju minn Pietrelcina kif ukoll id-disgħin anniversarju minn meta dan il-qaddis kbir irċieva l-pjagi miftuħa, li ġrat fil-kunvent ta' San Giovanni Rotondo fl-20 ta' Settembru 1918, fis-Santwarju tal-Madonna tal-Grazzja tar-Rabat Għawdex nhar it-Tlieta, 23 ta' Settembru, ġiet iċċelebrata l-festa liturġika.



*Mons. Isqof jagħti l-messaġġ tiegħu fl-okkażjoni tal-festa liturġika ta' San Piju minn Pietrelcina.*

Kienet tassew okkażjoni speċjali. Opportunità biex dawk kollha preżenti jirriflettu fil-fond fuq it-tagħlim li ħallielna dan il-qaddis filwaqt li rringrazzjaw lill-Mulej talli għoġbu jibgħat fi żmienna lil dan il-profeta, li Hu stess żejjen bil-pjagi tal-Passjoni Tiegħu.



*Waqt l-offertorju. Mons. Isqof jidher jgħid kelma lill-abbati David Grech. Tidher ukoll Nina Cassar li tellgħet il-pissidi. Fuq ix-xellug ta' Mons. Isqof jidher Mons. Salvu Grima waqt li Patri Karm Dimech, il-Gwardjan, jidher fuq il-lemin.*

Il-Gruppi ta' Talb mwaqqfa minn dan il-Qaddis, li llum huma mxerrda madwar id-dinja kollha, huma ħerqana li jwasslu l-vuċi tal-Fundatur tagħhom kemm lill-għorrief kif ukoll lil dawk ta' bla skola, kemm lil dawk li għandhom il-fidi kif ukoll lil dawk li naqsitilhom il-fidi u dawk ta' bla twemmin, sabiex il-messaġġ qawwi ta' San Piju jasal sa l-ibgħat postijiet tad-dinja; "Alla jħobb lil kull wieħed u waħda minna. Huwa jħobb l-umanità kollha."

Iċ-ċerimonja bdiet bir-Rużarju meditat quddiem Ġesù Ewkaristija u wara ingħatat il-Barka Sagramentali. Mons Mario Grech, Isqof ta' Għawdex, ippresieda quddiesa kkonċelebrata, flimkien ma' Patri Karm Dimech OFM.Cap., Gwardjan u Direttur Spiritwali tal-Grupp tar-Rabat, Mons Salvu Grima, Direttur Spiritwali tal-Grupp tan-Nadur, Kan. Michael Borg, Direttur Spiritwali tal-Grupp tax-Xagħra, Patri Cornelju Bonello OFM. Cap., Patri Remig Galea OFM. Cap., Patri Godfrey Zarb OFM. Cap. u Dun Salvu Tabone, ċerimonjier.



*Parti mill-Għawdxin li attendew għaċ-ċelebrazzjoni f'ġieħ San Piju tal-Pjagi.*

Fl-omelija tiegħu, Mons. Isqof saħaq li sabiex naslu għall-glorja tal-ġenna, hemm bżonn li nġorru bis-sabar is-salib li l-Mulej għoġbu jagħtina. Huwa ħabbar li bi preparazzjoni għall-Missjoni Djoċesana, bi ħsiebu jibgħat ittra lil kull familja Għawdxija u jistieden lill-membri kollha tagħha sabiex jiftħu qalbhom għall-Vanġelu ta' Kristu.

Fi tmiem il-festa liturġika, il-membri tat-tliet Gruppi ta' Talb Għawdxin kif ukoll in-numru sabiħ ta' devoti li attendew, allavolja maltemp b'xita qawwija, biesu r-relikwija ta' San Piju. Il-kor 'Fjur t'Assisi' ħa sehem f'din iċ-ċerimonja u fi tmiem il-quddiesa kanta l-innu lil San Piju.

## Tberik tal-Annimali fi Skola tas-Sorijiet Franġiskani



It-Tberik tal-Annimali hija attività li l-iskola *St Francis* tar-Rabat, Għawdex, skola mmexxija mis-Sorijiet Franġiskani tal-Qalb ta' Ġesù, torganizza kull sena biex tikkommemora l-festa ta' San Franġisk li tiġi ċċelebrata fl-4 t'Ottubru.

Din is-sena, din il-ġurnata tant mistennija mit-tfal ġiet organizzata fit-2 t'Ottubru. L-istudenti kollha ħadu magħhom l-iskola l-annimali tagħhom sabiex id-Direttur Spiritwali, Dun Ġużepp Gauci, ikun jista' jberikhom. Dawn l-annimali ttieħdu f'gaġeġ u basktijiet tat-tibna li ġew imżejna bi ċfuf u żigarelli

*Tberik t'għasafar tat-tfajjel Gabriel. Malcolm, Martina, George u Kylie attenti jisimgħu dak li kellu x'jgħidilhom Dun Ġużepp.*

kkuluriti. Uħud mit-tfal ħadu saħansitra ħut u fkieren f'ġarar żgħar tal-ħġieġ. It-tberik li soltu jsir fil-grawnd tal-iskola, din is-sena kellu jsir ġewwa minħabba x-xita. Dun Ġużepp dar il-klassijiet kollha fejn qal talba qasira u qara silta mill-Bibbja qabel ma bierek dawn il-kreaturi sbieħ li San Franġisk tant kellu għal qalbu. It-tfal dehru kuntenti u ferħanin jammiraw il-*pets* ta' sħabhom. Matul il-ġurnata ħadu ħsiebhom ħafna u raw li ma kien jonqoshom xejn f'dan il-jum speċjali tagħhom.

## *Il-"Qala International Folk Festival"... Tieġ ta' dari...*



Il-Ħadd 28 ta' Settembru kienet ġurnata partikulari għal-lokalità tal-Qala fejn Misraħ Isqof Mikiel Buttigieg ġie ttrasformat f'raħal antik. L-epoka kienet tmur fi żmien il-Kavallieri fejn il-pubbliku seta jassisti għall-attrazzjonijiet u xenarji li kienu jeżistu f'dak il-perjodu. Wieħed seta' jara l-bejjieħ tal-ħaxix, il-bejjieħ tal-ħut, il-bejjieħ tal-ħalib tan-nagħaġ, it-tfal jilgħabu logħob tipiku, nisa jaħdmu l-artiġanat fosthom il-palm, il-bizzilla, s-suf tan-nagħaġ, in-newl, il-purtieri tal-qasab, in-nases tas-sajjieda u artiġanat u snajja oħra li komplew taw atmosfera tipika ta' raħal antik.



Il-qofol ta' din l-attività kien it-Tieġ f'dik l-epoka. L-atturi kollha kienu lebsin kostumi addattati għal dak il-perjodu. Xenarji fejn il-ħuttab jilmaħ qasrija tal-ħabaq fil-ħoġor tat-tieqa tat-tfajla Ġorġa, li kien ifisser li f'din id-dar hemm tfajla lesta għaż-żwieġ. Dan dlonk javviċina lill-ġuvni Żeppi li kien ilu li tefa' għajnejh fuq it-tfajla Ġorġa u intant javviċinaw lil missier l-għarusa sabiex jitolbuh jekk jaċċettax li Żeppi jieħu lil Ġorġa b'martu. U minn hemm, jiżvolġi xenarju wara l-ieħor. L-għanja taħt it-tieqa, bejjiegħa fil-pjazza, tfal jiġru u jilgħabu l-passju, dawra durella, l-boċċi u żibeġ, nisa jixtru l-frott, ħaxix u tjur, u ma naqasx li jtaqtqu fuq dik u l-oħra. Imbagħad ħareġ in-nutar sabiex jatwa l-kuntratt taż-żwieġ u tingħad id-dota li kienet ser iġġib magħha l-għarusa. Sakemm fl-aħħar tibda l-purċissjoni taħt il-baldakkin, bl-għarus u l-għarusa sa ħdejn il-knisja, fejn imbagħad sar iż-żwieġ bejn il-koppja. Festin tat-tieġ kompla jgħaqqad il-finali ta' dan it-*Tieġ fl-Antik*, fejn il-mistednin flimkien mal-miżżewġin friski, ingħaqdu sabiex jiċċelebraw bi brindisi minn xarba tipika ta' dak iż-żmien, ir-rosolin, u ma naqsitx il-kokkodina ukoll. Bankonċini, pasti ta' l-għarusa, frott ta' l-intrita u perlini, komplew il-festin li ġab fi tmiemu din l-epoka li qajmet interess fost l-Għawdxin u l-barranin.



Wara ġiet miftuħa wirja ta' artiġanat tipiku li għadek issib jinħadem fir-raħal tal-Qala. Wirja li kompliet tittrasforma l-misraħ ewlieni tal-Qala f'raħal antik, mimli drawwiet, storja u folklor tradizzjonali Għawdxi.



Din il-festa ta' drawwiet folkloristiċi Għawdxin kienet parti minn programm sħiħ ta' attivitajiet li l-Kunsill Lokali Qala flimkien mal-*Menhir Qala Folk Group* organizza għat-tielet sena konsekuttiva, **Il-Qala International Folk Festival** li din is-sena it-tema magħżula kienet **'Viva Malta'**. F'dan il-festival li beda l-Ħamis 25 ta' Settembru u li ġie fi tmiemu l-Ħadd 28 ta' Settembru biċ-ċerimonja ta' l-għeluq ipparteċipaw żewġ gruppi barranin, wieħed mill-Portugall u ieħor mis-Serbja li qasmu mal-pubbliku li attenda għal dawn l-attivitajiet id-drawwiet folkloristiċi ta' pajjiżhom b'kant, daqq u żfin. Matul dawn l-erbat ijiem ta' attivitajiet ipparteċipaw ukoll tlett gruppi folkloristiċi Għawdxin li flimkien mal-*Menhir Qala Folk Group* esebixxew dak kollu li jifforma parti mill-istorja u d-drawwiet tal-gżejjer Maltin.

**RIFLESSI** — *Osservazzjonijiet tal-Kav. Joe M. Attard*



## Novembru - x-xahar tal-Erwieħ

Fil-gżira tagħna, kif ukoll f'Malta (nitkellmu dwar dawn iż-żewġ gżejjer, għax aħna nazzjon wieħed), ix-xahar ta' Novembru huwa xahar għażiż ħafna għax ifakkarna f'dawk li ħallew dan il-wied tad-dmugħ u għaddew għall-ħajja aħjar. Fil-fatt, dan il-ħdax-il xahar tas-sena jiftaħ b'jumejn għeżież ħafna għalina l-insara: il-festa tal-Qaddisin Kollha u eżatt l-għada, jum iddedikat lill-Erwieħ Mejtin Kollha. Matul dawn il-jumejn u tul il-bqija tal-jiem li jiġu wara, niesna għandhom id-drawwa qaddisa li jżuru ċ-ċimiterji tagħna mferrxa m'Għawdex kollu. Ħafna mil-lapidi ta' fuq l-oqbra jieħdu ħasla u tindifa wara forsi ġimgħat u xhur ta' telqa, u bukketti ta' ward ikkulurit u xemgħa tixgħel iżejnu l-oqbra tal-mejtin tagħna. Isir ħafna talb u xi demgħa ma tonqosx. Ħafna tarahom sejrin xi passiġġata fin-nofstanhari meta s-Sajf ta' San Martin iħajrek toħroġ tagħmel xi żewġ passi fil-kampanja li issa tkun laħqet ħadet xi bexxa xita, waqt li żjara liċ-ċimiterju ma tonqosx.

Tista' tgħid li kull parroċċa għandha ċ-ċimiterju tagħha u dan dejjem tara li jinżamm fi stat tajjeb. Fin-Nadur u fix-Xagħra qed isir kull sforz biex il-parruċċani jkomplu jtejbu u jkabbru dawn l-imkien qaddisa, waqt li f'San Lawrenz l-eks Kappillan Dun Mikiel Borġ kien stinka ferm biex jagħti lir-raħal cimiterju adegwat u modern. Il-Qala wkoll gawdiet mill-inizjattivi ta' wieħed mill-arċipreti tagħha Dun Anton Sultana li fi żmienu kien ra li biswit il-knisja qadima tal-Kunċizzjoni, l-Qalin ikollhom midfen mill-isbaħ kif tassew jixraqlu l-poplu t'Alla. Ix-Xewkija wkoll għandha ċimiterju kbir u miżmum b'ċerta għożża u biswitu eżatt insibu ċ-ċimiterju magħruf bħala 'Tal-Barmil' jew ta' 'Santa Marija' fejn hemm midfuna l-maġġoranza tar-Rabtin – 'il quddiem għad insib posti hawn jien ukoll! Jiddispjaċini ngħid li eżatt kif toħroġ mill-bieb ewlieni ta' dan iċ-ċimiterju, tilmaħ quddiemek dehra ta' ħajt imwaqqa' li ġġarraf xhur ilu bix-xita, li radam il-pjanti u x-xtieli li kien hemm quddiemu. Naħseb li ntilfet ukoll xi ħamrija li baqgħet sejra mal-ħamla. Tgħid ma jinqalax xi proxxmu biex jerġa' jtella' dan il-ħajt u jkenni l-ħamrija ta' ġol-għalqa?! Dan l-istat tal-biki diġà ktibt dwaru x'imkien ieħor iżda issa jidher li dan l-ilment waqa' fuq widnejn torox! Mhux sew li nħallu l-bruda u l-indifferenza jirkbuna u jaħkmuna! Intant, ċimiterju bi storja huwa dak li nsibu faċċata tal-knisja tal-Għonq iddedikata lil Santa Marta. F'dan iċ-ċimiterju m'għadux isir dfin u naħseb li llum jeħtieġ tindifa u dawra sewwa. Tal-inqas matul Novembru jkun imdawwal sewwa fuq barra.

**Nemmen li n-nies tagħna għandha f'qalbha post speċjali għaċ-ċimiterji tagħna u ħafna huma dawk li jagħmlu l-almu tagħhom biex ikollhom il-qabar tagħhom għalkemm mhux dejjem faċli li tixtri wieħed, apparti l-fatt li lanqas ma huma b'xejn! Veru li xħin tmut mhux se jħalluk f'nofs ta' triq, imma kemm hi ħaġa sabiħa li membri tal-familja jkunu miġbura f'qabar wieħed, b'lapida li tfakkarhom bla tbatija lil dawk li jżuru ċ-ċimiterju, b'mod speċjali matul Novembru, ix-Xahar tal-Erwieħ.**

Novembru daħal anke fil-letteratura tagħna. Fil-fatt xtaqt nagħlaq din ir-riflessjoni billi nġibilkom hawnhekk poeżija ħelwa u qasira li darba fost l-oħrajn kiteb il-poeta Għawdxi mwieled fix-Xagħra, l-kapuċċin Patri Mattew Sultana meta darba fost l-oħrajn fettillu jmur iżur iċ-ċimiterju ta' l-Addolorata:

*'Dħalt fil-maqbar t'Ommna Mnikkta*
*Mort biex nitlob għal kulħadd;*
*Qrajt il-kitba ta' fuq l-oqbra –*
*W erġajt ħriġt; ma tlabt għal ħadd!*

*Għal min titlob! Matul ħajtu*
*Kulħadd kien qaddis, kif qrajt;*
*ħriġt ngħid waħdi: 'Mela jiena*
*għax brikkun, ngħix sallum bqajt!'*

Eħ, jaħasra, ninsew kemm aħna midinbin!!


# Imperial Eagle

**DAILY (from Monday to Friday)**
**Transport of goods between**
**Gozo & Malta and Malta & Gozo.**




Contact: **Joseph Spiteri**
"Villa Loreto" Bishop Buttigieg Str.,
Qala, Gozo.
**Tel: 2155 4929 - 2137 6193 - 9944 6521**

## DWAR GĦAWDEX FIL-ĠURNALI

**Viżjoni 2015 : stennija u ottimiżmu**

"L-impenn tal-Gvern għal Għawdex jibqa' dak li jkun mudell f'dak li jirrigwarda l-ambjent. Il-mira hi li Għawdex isir gżira ekoloġika bi proġett Eko-Għawdex li jwassal biex il-gżira ssir mudell fl-iżvilupp sostenibbli u l-ħarsien ta' l-ambjent. Dan ma jfissirx biss mudell għal dak li jirrigwarda sorsi ta' enerġija alternattiva, li ssir gżira organika fil-qasam ta' l-agrikoltura, u li jiżviluppa l-kunċett ta' eko-turiżmu u agro-turiżmu.

*Editorjal,* **In-Nazzjon**, *2 ta' Ottubru 2008*

**Liema Għawdex ser jirtu ż-żgħażagħ tagħna?**

"Il-Prim Ministru u Kap Nazzjonalista Lawrence Gonzi ltaqa' ma' grupp ta' żgħażagħ li ppreżentawlu dokument li ħejjew huma bil-proposti tagħhom dwar il-proġett ambizzjuż tal-Gvern, li jittrasforma lil Għawdex fi gżira ekoloġika sal-2015."

*Rapport,* **In-Nazzjon**, *6 ta' Ottubru 2008*

**Għalenija ! Ilkoll kemm aħna!**

"Biex nagħmlu lil Għawdex sabiħ u verament Eko-Għawdex, il-Gvern bl-ebda mod m'għandu jħalli monstrożitajiet ta' bini jitla' bla rażan fl-aħjar veduti, f'widien barra miż-żoni ta' żvilupp...Ma jridux jingħataw permessi għall-bini bħal dak li qed isir u approvat bħal dak tad-Dwejra fejn minkejja l-protesti kollha li saru, din il-binja għadha hemm...Ilkoll kemm aħna favur l-Eko-Għawdex u l-implimentazzjoni għall-ħarsien tal-istorja ta' pajjiżna."

**Lino Debono**, *L-Orizzont, 3 ta' Ottubru 2008*

**Seminar : Rapporti validi**

*"The reports of the workshops were presented to parliamentary secretary Chris Said who said various measures needed to be taken...These included educating people, improvements in the training of local wardens, more efficient systems which were less expensive, better control of the enforcement system, and coordinating among all entities involved, such as the police, environment wardens and local wardens."*

*Report,* **The Malta Independent**, *3rd October 2008*

**Id-drittijiet taċ-ċittadini lokali kollha**

*"The Gozo Federation of Persons with Disabilities said only seven out of fourteen local council buildings in Gozo are fully accessible."*

*Report,* **The Times**, *29th September 2008*

**Il-Fontana fl-ewwel post**

*"The small Gozitan hamlet of Fontana emerges as the best-kept locality in Malta and Gozo...This emerges from efficiency reports carried out by the Department for Local Government in all Maltese local councils between April 2007 and March 2008... Overall, 41councils out of 68 have failed to surpass the sufficiency mark of 7...With a population of just 846, Fontana gets the best mark of 9.1"*

**James Debono**, *Maltatoday, 5 ta' Ottubru 2008*




**L-istatistika trid tinterpretaha**

"Għal darb' oħra r-riżultati ta' l-eżamijiet għad-dħul fil-*Junior Lyceum* offrewlna statistika li ssib lill-Għawdxin fuq quddiem...Il-lokalitajiet li jiggwidaw il-klassifika huma pjuttost żgħar – inkluż ix-Xlendi bi student wieħed (jew waħda!), hekk li seta' allura spiċċa b'0 fil-mija flok b'100 fil-mija!"

**Asterisk**, *Il-ĠensIllum, 4 ta' Ottubru 2008*

**It-triq, il-pont u l-kont**

*"From the roads in Gozo to the bridge of St Julian's, the costings have gone way out of budget."*

**Saviour Balzan**, *Maltatoday, 5th October 2008*

**Mejju b'aħbar ir-risq! – Xogħol għall-Għawdxin f'Għawdex stess!**

*The labour supply increased by 2,271 people during May over the same month in 2007, the National Statistics Office said yesterday...Full-time employment increased by 2,419 in Malta and by 414 in Gozo.*

*Report,* **The Times**, *10th October 2008*

**Min jaqsam il-fliegu l-aktar?**

*"Another appropriate thing that must be done is a study on who is using the service (of the Gozo Channel) and why. In recent years the number of cars and people crossing over to Gozo has increased drastically. This in turn has created long queues. Many claim that the principal reason is internal tourism, due to more Maltese investing in property in Gozo. This may be true, but how many Gozitans cross daily or weekly to Malta to earn a living? There are several economic factors affecting this number. One of the primary reasons is the Gozitan economy, which failed to regenerate itself, moving from one based on cheap labour to one based on professional services."*

**Joseph L. Attard**,
*The Malta Independent, 3rd October 2008*

**Infittxu l-iskuża fil-komma ta' l-UE?**

*"Gozitans have forgotten that the abattoir in Gozo was closed because it did not comply with EU standards. They probably have not noticed too that the EU Standard formula has become an excuse for all types of diversion that make the illogical look somewhat reasonable."*

**Alfred Grech**,
*The Malta Independent, 3rd October 2008*

# MILL-PARLAMENT

*Art lil Istituzzjonijiet Edukattivi*

**2079. L-Onor. Anton Refalo** staqsa lill-Ministru għal Għawdex: Tista' l-Ministru tgħid x'sar s'issa mill-Gvern biex joffri art lill-istituzzjonijiet edukattivi ta' reputazzjoni internazzjonali li jkunu interessati jiżviluppaw *campus* tagħhom ġewwa Għawdex u jipprovdu programmi edukattivi primarjament indirizzati lejn studenti internazzjonali? *11/07/2008*

**Onor. Giovanna Debono:** Ninforma lill-onorevoli Interpellant li l-art għal dan il-proġett ġiet identifikata u se jsiru diskussjonijiet ma' istituzzjonijiet edukattivi ta' reputazzjoni internazzjonali. **Seduta 35,** *29/09/2007*

*Għawdex - Depożiti / Self mill-Banek*

**1784. L-Onor. Anton Refalo** staqsa lill-Ministru tal-Finanzi, l-Ekonomija u Investiment: Jista' l-Ministru jgħid kemm kienu d-depożiti fil-banek u s-self mill-banek f'Għawdex fl-aħħar ta' Diċembru 2007 u fl-aħħar ta' Marzu ta' din is-sena? Kemm kien hemmm kontijiet ta' depożitu u ta' self rispettivament? *02/07/2008*

**Onor. Tonio Fenech:** Ngħarraf lill-Onor. Interpellant illi l-informazzjoni mitluba hija kif ġej:

| *Deskrizzjoni* | *Perijodu* |
|---|---|
| | *31 Diċ. 07* |
| Total deposits (Euro 000's) | 577,097 |
| Number of accounts (actual) | 86,378 |
| Total loans and advances (Euro 000's) | 313,987 |
| Number of accounts (actual) | 5,268 |
| | *31 Mar. 08* |
| Total deposits (Euro 000's) | 584,586 |
| Number of accounts (actual) | 85,260 |
| Total loans and advances (Euro 000's) | 323,434 |
| Number of accounts (actual) | 5,992 |

**Seduta 35,** *29/09/2008*

*Għawdex - Adult Training Centres*

**2194. L-Onor. Justyne Caruana** staqsiet lill-Ministru għal Għawdex: B'riferenza għall-mistoqsija parlamentari 1984, tista' l-Ministru tgħid kemm hemm *adult Training Centres* Għawdex? Fejn qegħdin u kemm hu l-*average attendance* f'kull ċentru kuljum? *16/07/2008*

**Onor. Giovanna Debono:** F'Għawdex hemm Ċentru wieħed għat-Taħriġ ta' l-Adulti, li qiegħed fi Triq l-Imġarr Għajnsielem. Hemm 39 persuna reġistrata, li jattendu b'mod regolari u jirċievu s-servizzi provduti miċ-Ċentru. Fil-preżent qed isir xogħol fuq Ċentru ġdid fir-Rabat Għawdex li nbena apposta għal dan l-iskop u ser jieħu post dak preżenti.

**Seduta 36,** *30/09/2008*

*Gozo Sewage Treatment Plant*

**2279. L-Onor. Leo Brincat** staqsa lill-Ministru għall-Infrastruttura, Trasport u Komunikazzjoni: Jista' l-Ministru jgħarraf lill-Kamra jekk il-*Gozo Sewage Treatment Plant* ta' Ras il-Ħobż li huwa EU *funded* huwiex *fully operational*? Jekk sal-lum ipprovdiex xi *treated effluent* lill-bdiewa għall-irrigazzjoni fir-rebbiegħa u fis-sajf kif kien ġie mwiegħed? Jekk fl-affermattiv, l-ilma kif qed jiġi distribwit? Hemm xi *charge* fuq l-użu ta' dan l-ilma? Jista' jikkonferma jekk dan l-ilma hux se jkun *available* is-sena kollha? *25/08/2008*

**Onor. Austin Gatt:** Ninsab infurmat li l-Impjant tat-tisfija tad-drenaġġ f'Għawdex qed jopera b'mod normali u l-impjant mhux jipprovdi ilma ttrattat lill-bdiewa. **Seduta 42,** *14/10/2008*

*Żvilupp Rurali* - **Green Cores**

**2669. L-Onor. Stefan Buontempo** staqsa lill-Ministru għar-Riżorsi u Affarijiet Rurali: Jista' l-Ministru jispjega għal-liema raġuni qatt ma ġie propost mill-Ministeru tiegħu sabiex isiru l-*green cores* fil-qalba ta' l-irħula f'Malta u f'Għawdex bħala parti mill-iżvilupp rurali? *01/10/2008*

**Onor. George Pullicino**: Jien infurmat li fil-programm ta' żvilupp rurali ffinanzjat mill-U.E. hemm miżura maħsuba biex jiġu ffinanzjati numru ta' proġetti li jinkuraġġixxu t-turiżmu f'dawn iż-żoni rurali, inkluż il-qalba ta' villaġġi li huma f'*areas* rurali. Għalhekk il-*green cores* li qed jirreferi għalihom l-Onor. Membru huma waħda mill-azzjonijiet maħsuba li jiġu ffinanzjati fl-ambitu ta' proġetti aktar mifruxa u integrati.

**Seduta 42,** *14/10/2008*

*Gozo Channel - Public Service Obbligation Agreement*

**2678. L-Onor. Ċensu Galea** staqsa lill-Ministru għall-Infrastruttura, Trasport u Komunikazzjoni: Jista' l-Ministru jagħti tagħrif dwar meta skond il-ftehim li hemm bejn il-*Gozo Channel* u l-Gvern ta' Malta kellu jispiċċa t-terminu tal-monopolju ta' l-istess servizz mogħti lill-*Gozo Channel*? Billi kien hemm talba min-naħa tal-Unjoni Ewropea biex dan il-perijodu jitnaqqas, jista' l-Ministru jagħti tagħrif dwar jekk kienx hemm xi tibdil dwar dan iż-żmien, kif miktub fil-*Public Service Obligation Agreement*? *01/10/2008*

**Onor. Austin Gatt**: Ninforma lill-Onor.Interpellant li r-risposta tingħata f'xi seduta oħra. **Seduta 42,** *14/10/2008*

*Għawdex - Inċentivi għall-Industrija - Nefqa*

**2395. L-Onor. Anton Refalo** staqsa lill-Ministru għal Għawdex: Tista' l-Ministru tgħid kemm kienet in-nefqa kull sena mill-1999 sal-lum fuq inċentivi għall-industrija f'Għawdex? Għal liema sena/snin ta' operat kienet in-nefqa ta' kull sena? Kemm kumpaniji bbenefikaw minn dawn l-inċentivi kull sena? Kemm hemm għotjiet li huma approvati u għadhom ma tħallsux? Għal liema snin huma u kemm hu l-ammont għal kull sena? Meta huwa mistenni li jitħallsu? *22/09/2008*

**Onor. Giovanna Debono** : Jien infurmata li n-nefqa kull sena mill-1999 sal-lum u dettalji relattivi huma kif jidher fl-iskeda annessa. Jien infurmata wkoll li dawn il-ħlasijiet imorru lura għal snin ta' operat li jibdew mill-1996 u li għad hemm ħmistax-il talba (imqassma fuq sitt benefiċjarji) għall-għotjiet u għadhom ma tħallsux li jammontaw għal Ewro 885,525 u li jirreferu għal snin ta' operat li jibdew mill-2001. Il-pagamenti pendenti jsiru aktar 'il quddiem.

| Sena | Nefqa (Euro) | Numru ta' Benefiċjarji |
|---|---|---|
| 1999 | 132,774. 00 | 10 |
| 2000 | 179,595. 00 | 16 |
| 2001 | 321,221. 00 | 14 |
| 2002 | 0. 00 | 0 |
| 2003 | 168,362. 00 | 9 |
| 2004 | 135,101. 00 | 14 |
| 2005 | 693,685. 00 | 20 |
| 2006 | 372,700. 00 | 14 |
| 2007 | 320,897. 00 | 12 |
| 2008 | 372,701. 00 | 10 |

**Seduta 37,** *01/10/2008*

Kummentarju (2)



# Sostenibbiltà... Iċ-Ċavetta tas-Suċċess!

Kitba ta' **FRANCO MASINI**, francomasini@gmail.com

**Kelma tqila, diffiċli anke biex tippronunzjaha. Iżda tfisser ħafna. Hija ċ-ċavetta tas-suċċess ta' kull żvilupp. Huwa importanti ħafna li jkun hemm żvilupp, iżda indispensabbli li l-iżvilupp ikun sostenibbli. U dana japplika mhux biss għall-iżvilupp ekonomiku jew soċjali imma għal kull żvilupp, speċjalment dak infrastrutturali.**

Kwalunkwe żvilupp jeħtieġ li jkun studjat sewwa qabel ma jsir, anzi qabel ma jkun proġettat. Għaliex x'jiswa li tibni triq ġdida jekk wara li titlesta ssib li din trid tiġi maqluha jew anke mkissra mill-ġdid. Nuqqas ta' ħsieb f'kull proġett ifisser ħela ta' flus, ta' riżorsi u theddida għall-istess proġett.

F'Għawdex kellna fil-passat, u jidher li għad għandna, nuqqas ta' studju serju dwar is-sostenibbiltà ta' żvilupp f'ħafna oqsma. Jekk neżaminaw biss il-qasam tat-trasport bejn Għawdex u Malta nsibu li investimenti li saru fil-passat biex dan l-iżvilupp ikun suċċess u jsir titjib fuqu sfaw fix-xejn. Dan għaliex ma kienx hemm ħsieb serju fuq is-sostenibbiltà ta' dan l-iżvilupp għaliex min wettqu ftit ħaseb biex jara li dak li kien inkiseb ma jisfax fix-xejn. Fil-passat jiena kelli x'naqsam ma' żewġ innovazzjonijiet li sfortunatament sfaw fix-xejn u Għawdex tilef. Insemmi l-idea ta' kuntatt veloċi bejn iż-żewġ gżejjer għal dak li għandu x'jaqsam il-baħar. Il-*Gozo Channel* kien introduċa l-ewwel mezz ta' vjaġġ modern meta kien akkwista l-*Hovermarine* fl-aħħar tat-tmeninijiet. Kienet idea ġdida li għad li mhix perfetta, kienet fetħet orizzonti ġodda għal dak li kienu vjaġġi veloċi bejn iktar minn punt wieħed bejn iż-żewġ gżejjer. Iktar tard din l-idea kienet żviluppata iktar bil-ksib ta' katamaran li kien titjib fuq l-idea oriġinali. Iżda llum wara dawn is-snin kollha dan il-mezz modern u attraenti m'għadux magħna. Għaliex? Min kien inkarigat ma sabiex faċli biex itejjeb is-servizz u jipperfezzjonah. Qatlu għal kollox. Tgħid dan l-iżvilupp ma kienx sostenibbli? Kien sostenibbli kemm trid iżda jekk xi ħadd irid, u jkollu l-istonku li jeqirdu allura jispiċċa bħallikieku xejn. Insemmi servizz ieħor li kelli sehem żgħir fil-ħolqien tiegħu. Dan kien is-servizz tal-*helicopter*. Dan is-servizz ra l-bidu tiegħu bi sforz, u rrid ngħid sagrifiċċju finanzjarju, tal-*Gozo Channel*, l-*Air Malta* u l-lukandi Għawdxin. Fil-bidu ż-żewġ kumpaniji, b'investiment mhux żgħir, irnexxilhom joħolqu l-ewwel servizz bl-ajru bejn iż-żewġ gżejjer. Kien servizz li pprometta, tant hu hekk, li anke investiment infrastrutturali sar biex inħoloq il-*heliport*. Illum wara dawk l-isforzi u sagrifiċċji s-servizz spiċċa fix-xejn. Għaliex, nerġa' nistaqsi?



Nistgħu nagħtu eżempji oħra. Iżda llum nieqfu hawn. **Is-sostenibbiltà trid tkun magħġuna ma' l-istess bidu ta' kull proġett. Iżda ankè meta wieħed ikun ħaseb biex proġett ikun sostenibbli, ma jfissirx illi dan jibqa' hekk. Għaliex is-sostenibbiltà hija dinamika, trid tmantniha, tieħu ħsiebha u forsi anke tistinka biex tħalliha teżisti. Żvilupp ġdid mhux neċessarjament jissostitwixxi ieħor ta' qablu.** Jekk naraw il-kwistjoni tat-trasport bejn iż-żewġ gżejjer irridu ninnotaw il-fatt li l-ksib ta' tliet vapuri ġodda u addattati kien pass verament 'l quddiem. Iżda xorta jibqa l-fatt li mezz veloċi bejn iż-żewġ gżejjer, li jgħaqqad portijiet differenti taż-żewg gżejjer, għadu nieqes kif għadu nieqes servizz ta' l-ajru. Meta spiċċaw servizzi li kienu hemm, li saru b'sagrifiċċji kbar u li kienu ta' fejda kien reġistrat pass lura fl-iżvilupp. Jidher ċar illum illi hemm bżonn ta' servizzi anċillari u kumplimentari għal dawk tajbin ta' llum. Ma



*"VIĠILANZA KONTINWA" (Ritratt ta' Ted Attard)*

nistgħux nistaħbew wara l-fatt li servizz ikun tajjeb biex niskartaw possibbiltajiet u żviluppi oħra.

X'nistgħu nagħmlu biex inkattru s-sostenibbiltà ta' żvilupp? L-ewwelnett huwa importanti ħafna illi nemmnu sewwa f'kull żvilupp li jsir. **Hemm bżonn ħafna li l-iżvilupp fih innifsu ma jsirx b'mod ta' kafkaf jew b'nofs qalb, jew isir biex ikun sar xi ħaġa. Imbagħad hemm bżonn ta' VIĠILANZA KONTINWA biex dak li niksbu ma jintilifx f'isem il-progress jew minħabba skuża jew oħra.** Iżda fuq kollox hemm bżonn ta' opinjoni pubblika Għawdxija soda, virili u attiva biex tesprimi ruħha fil-ħin u b'mod qawwi meta s-sostenibbiltà ta' proġett tidher mheddha.

Irridu dejjem nżommu quddiem għajnejna li fil-kas ta' Għawdex kif jintqal fir-riklami finanzjarji, ***"il-passat mhux garanzija tal-futur".***

A Whole New Look

Sharmain's
Styling Salon

57,
St. Joseph Square
Qala, Gozo
Tel: 2156 6236

Xerri l-Bukkett



Bar
Restaurant Pizzeria
Dine while enjoying the best view in the Maltese islands
Triq iż-Żewwieqa Qala
Tel. 21553500

HILITE
HARDWARE STORE
FRANCO - BELGE
FIRE PLACES
Importers of
Copper Pipes & Fittings
Lava Solar Heaters
Adensa Space Heaters
and Fire Places
113, St. Bert Street, Xewkija, Gozo
Tel: 2155 5736 • Fax: 2155 5525
Mob: 9947 8884

L-IDENTITÀ TA' GĦAWDEX

# It-Turiżmu...

## il-mutur ewlieni fl-ekonomija ta' gżiritna

**Wara tnejn u erbgħin sena fil-Parlament, kemm bħala Rappreżentant ta' l-Għawdxin - li minnhom aktar minn disa' bħala l-ewwel Ministru għal Għawdex - u kemm bħala President tal-Kamra tad-Deputati, ANTON TABONE għadu jimraħ fiżikament u intellettwalment madwar Għawdex, jitkellem man-nies li ta' spiss jipprovokawh b'mistoqsijiet bħal dawn:**

***It-turiżmu għalina l-Għawdxin isaħħaħ jew ixellef l-identità tagħna?***



*Iwieġeb* **ANTON TABONE**

Il-qasam tat-turiżmu jesponi lill-Għawdex kollu kemm hu bħala gżira ġirien ta' Malta f'nofs il-baħar tal-Mediterran, kif ukoll jinkwadra lilna l-Għawdxin fl-istess xenarju. Jiġifieri meta tistaqsini jekk it-turiżmu jagħmilx parti mill-identità tal-gżira, t-tweġiba tiegħi hi li **forsi xejn iktar mit-turiżmu ma joħroġ daqshekk fil-beraħ l-identità t'Għawdex u ta' l-Għawdxin.** U l-ikbar sodisfazzjon għalina hu li din l-identità turistika Għawdxija tidher li tingħoġob minn kulħadd. Kemm mis-suq domestiku u kemm mis-suq barrani. **Effettivament is-settur turistiku huwa kkunsidrat li hu l-mutur ewlieni fl-ekonomija tal-gżira.**

Għadni niftakar sew rapport rigward il-*MasterPlan* tat-turiżmu għall-gżejjer Maltin ta' *Horwarth & Horwarth* jiddeskrivi lill-Għawdex bħala d-djamant fil-kuruna tat-turiżmu Malti u jirrakkomanda li Għawdex għandu jkun reklamat għalih waħdu bħala **destinazzjoni turistika separata** minn Malta. Niftakarni ukoll nibdel il-kelma



separata ma' dik **distinta** għaliex ta' l-ewwel setgħet tiġi interpretata ħażin minn min għandu l-perċezzjoni żbaljata li Għawdex irid jitlaq kompletament għal rasu. Allura biex jonqsu dawn il-preġudizzji, deherli li l-kelma distint toqgħod sew, għax filwaqt li tiddistingwi gżira minn oħra, għandha ukoll it-tifsira ta' eċċellenza. Jekk niftakar sew dan ir-rapport kien ikkummissjonat minn aġenzija turistika tal-Gvern għall-aħħar tas-snin tmenin.

Infatti matul is-snin ġie ddikjarat kemm il-darba li Għawdex għandu jitqies bħala destinazzjoni turistika. Anzi l-*mission statement* tal-Gvern kien, u sa fejn naf baqa', li l-gżira t'Għawdex hi destinazzjoni turistika. Qiegħed nagħmel enfasi fuq din l-istqarrija apposta. Għaliex dikjarazzjoni uffiċjali li tipproklama li Għawdex hu destinazzjoni turistika, għandha warajha ruxxmata ta' implikazzjonijiet serji li jridu jiġu rispettati u implimentati bħala politika (*policy*), biex verament jintlaħaq l-oġġettiv tad-dikjarazzjoni.

L-implikazzjoni prinċipali hi li f'dan il-qasam (bħal oqsma oħra) trid tidduplika ġo Għawdex dak li ġa jeżisti ġo Malta. Jiġifieri **ma tistax taqdi lil Għawdex bl-infrastruttura turistika ta' Malta biss, imma trid tibni l-infrastruttura turistika ġo Għawdex stess.** Per eżempju ma tistax taqdi lil Għawdex bit-turisti alloġġjati f'lukandi f'Malta, imma trid ukoll akkomodazzjoni *alberghiera* f'Għawdex stess, jekk verament trid twettaq id-dikjarazzjoni uffiċjali li biha trid tagħmel minn Għawdex destinazzjoni distinta jew separata f'dan is-settur. Għawdex għandu bżonn il-lukandi tiegħu **u hu ta' inkwiet meta mill-ftit lukandi li fih jgħalqu numru minnhom!** Għandu bżonn tipi t'akkomodazzjoni oħrajn, bħal *farmhouses* u appartamenti - kif fil-fatt għandu, imma huma l-lukandi u l-kwalità tagħhom li tabilħaqq jagħmluh u jikkwalifikawh bħala destinazzjoni *on its own merits*, biex b'hekk tinħoloq industrija tat-turiżmu professjonali.

U biex din l-identità Għawdxija tkun dejjem iktar viżibbli permezz tal-qasam turistiku, **Għawdex għandu jkun denjament rappreżentat f'kull aġenzija nazzjonali mwaqqfa apposta biex tippromwovi lill-pajjiż ħa jiġbed lejh it-turisti minn kullimkien.** Jiġifieri l-











Awtorità tat-Turiżmu (l-MTA) fil-fehma tiegħi, għandha tħaddan, skond il-liġi li waqqfitha, rappreżentanza wiesgħa Għawdxija. Mhux li jkun fiha biss persuna residenti f'Għawdex u/jew midħla tal-gżira bħala membru ta' l-Awtorità. Dak mhux suffiċjenti, għax teknikament dik il-persuna tkun hemm tirrappreżenta biss lilha nnifisha. L-ideali jkun li r-rappreżentanza ssir permezz ta' persuni nominati bis-saħħa ta' emenda fil-liġi (li għad trid titfassal): nominati mill-Ministeru, mill-assoċjazzjoni turistika lokali u preferibbilment mill-Kunsilli Lokali wkoll, bil-għan preċiż **li lkoll jaraw li Għawdex ikun kostantament fuq l-aġenda u li jieħu s-sehem tiegħu kompatibbli ma' l-*istatus* ta' destinazzjoni turistika distinta.**

Alternattiva għal dan ikun it-twaqqif ta' fergħa Għawdxija tal-MTA, koperta naturalment bil-liġi. Konsiderazzjoni oħra hi li titwaqqaf GTA (*Gozo Tourist Association*) li jkollha warajha s-saħħa tal-liġi. Ma tibqax assoċjazzjoni konsultattiva imma ssir assoċjazzjoni b'awtorità. **Għaliex ma jistax jibqa' jkun li Għawdex, id-djamant fil-kuruna tat-turiżmu Malti, ma jkollux vuċi awtorevoli u diretta fil-kapitlu tat-turiżmu nazzjonali, meta bħala gżira, jilgħab rwol ewlieni li jiġbed mijiet t'eluf ta' viżitaturi lejn xtutna, f'Malta u f'Għawdex.**

B'hekk biss jista' Għawdex b'Kemmuna miegħu, jinserixxi l-potenzjal sħiħ li joffri bl-identità tiegħu lis-settur. Li jkollu sehem fuq il-pjanifikazzjoni ta' l-iżvilupp u l-kwalità tiegħu u fuq kull aspett ieħor rilevanti u relatat, bħal reklamar; mezzi ta' trasport kemm tal-baħar kif ukoll ta' l-ajru, ambjent u mitt ħaġa oħra. Huwa fl-interess qabel xejn tagħna l-Għawdxin li Għawdex jinżamm fl-aqwa tiegħu. Daqskemm hu fl-interess tagħna lkoll li das-settur **joħloq fih l-ikbar għadd possibbli ta' impjiegi sodi lill-Għawdxin f'Għawdex stess.** Għax wara kollox l-għan finali ta' l-iżvilupp mixtieq u mistenni hu preċiżament li jinħoloq ix-xogħol diċenti li jirrendi kwalità ta' ħajja superjuri u ċertament paragunabbli mal-bqija tal-pajjiż.

Fi ftit kliem **Għawdex għandu bżonn ta' politika reġjonali, u kieku hu reġjun,** il-proposti li jidhru hawn fuq u oħrajn jaqgħu f'posthom kważi b'mod awtomatiku. **Għawdex, ċertament f'dan is-settur, huwa ta' gwadann, anzi kontributur għall-ekonomija nazzjonali, għax ikabbar u jsebbaħ l-immaġini ta' l-Arċipelagu Malti kollu. B'hekk jiggwadanja kulħadd. U dak hu l-veru interess nazzjonali.**



Servizz Speċjali Sena Pawlina - 4

# L-Eskatoloġija fit-tagħlim ta' San Pawl (1)



kitba ta' **MONS. ISQOF EMERITU NIKOL G. CAUCHI**

**L-eskatoloġija hija d-duttrina teoloġika, dwar dak li għandu jiġri fl-aħħar taż-żminijiet, u l-etimoloġija tagħha ġejja mill-kelma Griega "eskata" li tfisser "ħwejjeġ ta' l-aħħar."**

Fil-każ tal-bniedem bħala individwu, it-tmiem tiegħu, f'din id-dinja, jasal mal-mewt li mbagħad warajha jiġi l-ġudizzju. Iżda t-tmiem tal-ħajja umana fuq l-art, jew l-"eskaton" ta' l-umanità fid-dinja, iseħħ fl-aħħar taż-żminijiet, u huwa marbut mal-"parousija," jew it-tieni miġja ta' Kristu. Bil-parousija, jintemm il-proċess ta' l-istorja tas-salvazzjoni u sseħħ ir-rivelazzjoni tal-glorja ta' Kristu l-Feddej, imsieħeb mal-qaddisin mifdija minnu bil-misteru tal-Għid tiegħu.

Għalhekk nistgħu nitkellmu kemm dwar eskatoloġija partikulari, jiġifieri, dwar il-mewt u l-ġudizzju ta' kull bniedem, kif ukoll dwar eskatoloġija ġenerali, jew dak li jiġri mill-ġens uman kollu kemm hu.

### *Il-mewt u l-ġudizzju partikolari*

L-istorja ta' l-umanità tidher bħala taqbida bejn il-ħajja u l-mewt. Din it-taqbida li fiha l-mewt ħafna drabi ħarġet rebbieħa, kellha bidu sa miż-żerniq ta' l-istorja, għaliex minħabba l-ħtija ta' l-ewwel bniedem fid-dinja daħlet il-mewt.

**Il-liġi tal-mewt hija effett tad-dnub oriġinali, li minn Adam għadda għall-bnedmin kollha. San Pawl jgħallem li "Kien permezz ta' bniedem wieħed li fid-dinja daħal id-dnub, u peremzz tad-dnub, il-mewt, u hekk il-mewt laħqet il-bnedmin kollha" (*Rum*.5,12).**

Iżda l-kelma "mewt", għandha tifsiriet diversi bħal ma għandha l-kelma "ħajja." Ma nistgħux ngħidu li fil-kitbiet ta' San Pawl, din il-kelma tfisser dejjem il-mewt fiżika jew il-firda tar-ruħ mill-ġisem. Difatti, hija wżata b'sens figurattiv u spiritwali f'dawn it-testi: *Rum*.1,33, "Min jagħmel dan ħaqqu l-mewt"; *Rum*.6,11 "Għandkom tqisu lilkom infuskom, mejtin għad-dnub, iżda ħajjin għal Alla, fi Kristu Ġesù"; *Kol*.2.13, "Kontu mejta minħabba dnubietkom"; *Kol*.3.3, "Għax intom mittu, imma ħajjitkom hi moħbija, flimkien ma' Kristu f'Alla"; *II Tim*.2.11,"Jekk aħna mitna miegħu, għad ngħixu miegħu wkoll."

Minn naħa l-oħra, jiżbaljaw ukoll dawk li jgħidu li fit-tagħlim ta' San Pawl, il-mewt bħala konsegwenza tad-dnub, tfisser dejjem mewt spiritwali. Il-kelma "mewt" għandha tifsira differenti, skond il-kuntest fejn tkun tinsab.

**Nistgħu għalhekk, nitkellmu dwar erba' għamliet ta' mewt: *Il-mewt fiżika*, meta l-ġisem u r-ruħ jinfirdu minn xulxin, *il-mewt spiritwali*, tar-ruħ imbegħda minn Alla, *il-mewt eterna* jew it-telfien ta' dejjem u meta l-Appostlu jsemmi l-mewt f'dan is-sens, ikun qiegħed jirreferixxi għall-kastig ta' l-infern. Dawn it-tliet għamliet huma direttament jew indirettament ġejjin minn oriġini komuni, ċioè, l-waqgħa fl-Eden.**

**Ir-raba għamla hija *l-mewt "mistika"*, dik ta' l-insara "li jmutu fi Kristu" u li hija r-rimedju għat-tliet għamliet l-oħra ta' mewt li semmejna, kif ukoll hija l-pleġġ ta' l-immortalità glorjuża, "Jekk aħna mitna ma' Kristu, nemmnu wkoll, li għad ngħixu ma' Kristu" (*Rum*.6,8).**

Fi kliem ieħor, fl-ittri ta' San Pawl, il-mewt, skond il-kuntest fejn tkun din il-kelma, xi drabi tfisser is-separazzjoni fiżika tar-ruħ mill-ġisem, u xi drabi il-privazzjoni tal-grazzja qaddisa, jew l-istat tad-dnub, xi drabi wkoll it-telfien ta' dejjem li San Ġwann isejjaħlu "It-tieni mewt." Dawn huma aspetti marbutin flimkien u jiddependu minn xulxin. L-effetti kollha tad-dnub jaqgħu taħt dan l-isem "il-mewt" kif l-effetti kollha tal-grazzja, għandhom isem wieħed, "il-ħajja."

Kif jgħallimna l-Appostlu Missierna, "Għax il-ħlas tad-dnub hu l-mewt, imma d-don li tana Alla hu l-ħajja ta' dejjem fi Kristu Ġesù Sidna" (*Rum*.6, 23). Il-kastig etern ta' l-infern huwa l-ħlas tad-dnub, kif il-ħajja ta' dejjem fil-ġenna, hija l-premju ta' min jagħmel it-tajjeb.

**Madankollu, il-mewt fiżika mhix deni assolut, għax għall-bniedem ġust mhix ħlief il-preludju għall-premju ta' dejjem fil-hena tal-ġenna, "Għax aħna nafu li jekk it-tinda ta' l-għamara tagħna fl-art tiġġarraf, aħna għandna dar oħra maħduma mhux bl-idejn, imma xogħol ta' Alla, għal dejjem fis-Sema" (*II Kor*.5,1).**



Għad li n-nisrani jista' jiġi milqut mill-biża tal-mewt, iżda għandu jagħmel il-kuraġġ għax jaf, li wara l-mewt, ikun mal-Mulej, fid-dar tiegħu, fil-waqt li kif jgħallimna l-Appostlu Missierna "sakemm indumu mlibbsa b'dan il-ġisem, nibqgħu 'l bogħod mill-Mulej" (II Kor.5,6).

### *Il-ħaqq ta' kull wieħed*

**Il-ġudizzju divin huwa s-sentenza li Kristu bħala mħallef tar-ruħ ta' kull persuna, jagħti lil kull wieħed, wara mewtu, kif ukoll is-sentenza li Kristu bħala Sid u Mħallef tal-bnedmin kollha jagħti lil kulħadd, ilkoll flimkien, fit-tmiem id-dinja.**

Għalhekk, fil-kotba tar-Rabta l-Ġdida, nsibu distinzjoni bejn dawn iż-żewġ ġudizzji, partikolari ta' l-ewwel u universali t-tieni.

Il-ġudizzju partikolari hemm riferenza għalih fil-parabbola ta' Lazzru u r-raġel għani (*Lq.*16,19-31) li timplika ġudizzju li jsir wara l-mewt ta' l-individwu u mhux fl-aħħar taż-żminijiet. Dwar il-ġudizzju partikolari, li jsir immedjatment wara l-mewt, għandna konferma fl-ittra lil Lhud (9,27) "Kif hu mikltub, għall-bnedmin li għandhom imutu darba biss, u wara dan isir il-ġudizzju."

### *PAROUSIJA*

Il-"parousija" xi drabi jittradu ċuha bħala, "it-tieni miġja" iżda letteralment tfisser "preżenza" jew "dehra." Xi wħud kienu jifhmu biha "ir-ritorn trijonfali tal-Messija." Fir-Rabta l-Ġdida, din il-kelma hija wżata biex tindika, it-tieni miġja ta' Kristu.

**San Pawl isemmi ħafna drabi, speċjalment fl-ittri lit-Tessalonkin il-miġja ta' Kristu fl-aħħar taż-żmien: "Min hu t-tama tagħna, il-ferħ tagħna, l-kuruna tagħna, il-foħrija tagħna, għal quddiem Sidna Ġesù Kristu, f'jum il-miġja tiegħu?** (*I Tess.*2,19); **"Ħalli jkollkom qdusija bla għajb, quddiem Alla Missierna, għal meta jiġi Sidna Ġesù, mdawwar bil-qaddisin tiegħu"** (*I Tess.*3,13); "Aħna li nkunu għadna hawn ħajjin, għall-miġja tal-Mulej, immorru qabel dawk li raqdu" (*I Tess.*4.15); Alla "jżommkom sħaħ bla mittiefsa fl-ispirtu fir-ruħ u fil-ġisem, sa ma jiġi Sidna Ġesù Kristu" (*I Tess.*5.23); "Toqgħodux tħawdu raskom malajr u tinħasdu bħallikieku l-miġja ta' Jum il-Mulej qorbot" (*II Tess.*2,1-8).

Bħala għejjun għat-tagħlim tiegħu, dwar il-"parousija", San Pawl, barra mill-Vanġelu kiseb ukoll tagħrif ieħor mill-eskatoloġija Ġudajka kif insibuha fil-ktieb ta' Danjel (12,1-2) kif ukoll f'xi siltiet mit-tieni ktieb ta' Isaija, u mill-kotba tal-Makkabej.

**Hemm seba' veritajiet ewlenin, li nsibu fit-tradizzjoni Ġudeo-Kristjana li għandhom x'jaqsmu mal-"parousija":**

i. **It-tribulazzjoni ta' qabel l-aħħar jiem,**
ii. **Il-ktieb tal-ħajja bl-ismijiet ta' dawk li jistħoqqilhom, l-immortalità glorjuża,**
iii. **Ir-reżurrezzjoni tat-tajbin u tal-ħżiena,**
iv. **Il-ħajja eterna u l-glorja tal-ġusti,**
v. **Il-għajb ta' l-ikkundannati,**
vi. **Il-firda tat-tajbin mill-ħżiena,**
vii. **Il-firda li tibqa' għal dejjem ta' dejjem.**

Huwa fatt li ma jistax jiġi miċħud li ħafna mill-insara ta' l-epoka appostolika, kienu jemmnu li kien qed joqrob it-tmiem tad-dinja. Imma, San Pawl ma għallimx li d-dinja waslet biex tispiċċa, anzi ddikjara sollennament li l-konsumazzjoni jew tmiem ta' kollox, ma kienx imminenti, iżda qabel kellhom iseħħu l-profeziji ta' Kristu kif hemm fil-Vanġelu. Mill-ewwel ittra lit-Tessalonkin, ma kienx ċar biżżejjed jekk il-"parousija" kinitx fil-qrib jew il-bogħod ħafna. Difatti, d-destinatarji tagħha, fehmuh li t-tmiem kien fil-qrib u kellu jikteb it-tieni ittra biex jispjegalhom il-ħsieb tiegħu.

*(jissokta)*

CT computertech
the name after quality, service & after sales guarantee
• Computer / Laptop Sales • Accessories • Consumables • Printers • Digital Cameras
WE DO SERVICES ON ALL COMPUTERS, LAPTOPS, & PRINTERS
• Format/Reinstallation/ Updates (pick-up & delivery)
• Computer Diagnostics
• Data backup to CD/DVD
• Virus Removal • Web Design
• At home computer tuition
Contact
'JCF', Frangisk Portelli St, Gharb
mob 7995 0309 tel 2701 6000
e-mail info@computertechgozo.com
For all Your Computer Needs...
...with good quality products & lowest prices on the island
www.computertechgozo.com

LETTERATURA GĦAWDXIJA — *Poeżiji*

# SAN PAWL

*minn* **Mons. Josè Agius**
*(Brażil)*

Rieda taż-żonqor, qalb bin-nar moħmija
Ta' mħabba mkebbsa minn qawwiet id-Din,
Kelmtu ħerqana trattab l-ebusija
Ta' wlied id-dlam, għal riħhom mitluqin.

F'ġismu m'hemmx serħ u ma tgħelbux tbatija,
Jafuh ix-Xerq u x-Xmiel minnu mgħammdin:
F'Ateni, f'Ruma u wkoll fil-Lhudija
Wassal aħbar il-Fidwa tal-bnedmin

Bejn Alla u bejn il-baxxâr ewlieni
Huwa biss Kristu, illi b'mewtu fdiena
Tad-dnub mill-jasar u għallimna s-Sewwa.

Għalhekk f'Damasku msejjaħ ġie minn kmieni:
Biex lill-ġnus jgħammed, u sabiex bla ħniena
Kull xbieha jfarrak tal-allat għedewwa.



# ŻOMM SOD

*minn* **Francis Sultana**

Għal dak l-għanqud li ma tilħaqx,
tokrobx.
La xxerridx dmugħ il-kukkudrill,
żomm sod.
Li jaqta' l-għatx, u tista' tilħqu int,
hemm frott.

Għal ġid li qatt ma jista' jkollok,
la tgħirx.
Kun bħal ċawla kuntenta b'rixha,
taf tgħix.
Għarrex u imraħ fl-għerf u t-tagħlim,
u ixrob bil-gost.

# KARBA TAT-TLUQ

*minn* **Mons. Josè Agius**
*(Brażil)*

Tħallinix, art twelidi, nitilqek
U f'art oħra bogħod minnek immur,
Tħallinix nokrob karba ta' firda
Minn min ħabbni u stmani fiż-żgur.

Għalkemm kmieni ħallejtek u, msiefer
Doqt id-drawwa ta' nies barranin,
Miġbud nibqa' lejn l-art li rabbietni
U għanietni bid-dawl tat-Twemmin.

Fik infittex u nsib dik il-qawwa,
Fejn tfuliti ferrieħi għaddejt,
Il-widien u l-għelieqi ħadrana,
Il-ħitan tas-sejjieħ qatt ma nsejt.

Siġar, ħdura fejn tilħaq il-ħarsa,
Tjur, għasafar li jsebbħu l-ħolqien,
Raba' jfawwar b'għelejjel kotrana
U frott benna tas-sena f'kull żmien:

Dan hu l-post illi fih ilni ngħammar
Tul xi ħames għexieren ta' snin
Ma' nies twajba kull risq jixtiequli
Fejn imħeġġeġ żammewni kull ħin.

Tħallatt magħhom u sirt wieħed minnhom,
Ta' ħajjithom ħassejt kull imrar,
Nissilt fihom it-tama tal-ħajja
Biex jitgħallmu jgħixuha aħjar.

Newwiltilhom il-ħila li kelli
Biex nerfagħhom tal-ħondoq mill-qiegħ,
Sawwart fihom sisien għaqda ġdida
Fejn jixxettlu l-progress u l-mistrieħ.

Madankollu f'mumenti ta' għejja
'L hawn jimirħu tal-moħħ ħsibijiet,
Hawn tiġbidni kull ġebla, kull ħofra,
Hawn fadluli l-aħjar tifkiriet:

Ta' żmien ilu li qatt jerġa' lura
Ma' missierna u l-omm miġburin,
Ħamest aħwa trobbija fl-imħabba,
Xejn ma kellna, 'mma konna henjin,

Sa ma s-safar firidna, ferrixna,
Bħal ħuttaf l-aħwa fetħu l-ġwinħajn,
Min mar naħa, min oħra, lkoll tirna
'L hinn mis-Sanap fejn le tilħaq l-għajn.

Din il-gżira li tagħha jien l-iben
Taħbi l-fdal ta' l-għeżież li ħabbejt;
Biex inwettaq is-sejħa ta' Kristu
Għalhekk lilhom tant bikri ħallejt.

Żommni hawn, art twelidi w ħallini
Mill-Bardan bik nitgħaxxaq kull waqt,
Żommni hawn biex nistrieħ mit-tagħbija
Li fi dmiri b'tant ħeġġa kont xtaqt.

**KOTBA**

*Minn Għawdex*

# PAWLU L-APPOSTLU TAL-ĠNUS U MISSIER IL-MALTIN

## *Mixja ma' San Pawl biex niskopru mill-ġdid lil Kristu*

**Kitba ta' Mons. Lawrenz Sciberras S.S.L, S.Th.L, M.A. Ippubblikat mil-"Lumen Christi Publications"; l-ewwel edizzjoni: Settembru 2008; Sensiela "Orizzonti Bibliċi", nru. 10.; pp. 162; prezz €7.00**

*Pawlu, l-Appostlu tal-Ġnus u Missier il-Maltin* ta' Mons. Lawrenz Sciberras, biblista magħruf fil-gżejjer tagħna, huwa ktieb tassew eċċezzjonali għal matul din is-Sena Pawlina li fiha qegħdin infakkru l-elfejn sena mit-twelid ta' l-Appostlu u Missierna San Pawl. Il-ktieb, li huwa speċjali fir-riċerka tiegħu huwa mimli esperjenza twila ta' studju bibliku profond dwar San Pawl. Għalhekk għandu jkun għodda tassew utli f'idejna matul din is-sena speċjali, biex pass pass ma' San Pawl niskopru mill-ġdid lil Kristu.

Il-ktieb fih tliet taqsimiet. Fl-ewwel taqsima, fil-bidu wieħed isib tagħrif ferm interessanti dwar it-tfulija u ż-żgħożija ta' San Pawl, dwar il-belt ta' Tarsu fejn twieled u t-tagħlim tiegħu taħt il-Fariżej. It-tieni kapitlu huwa ddedikat għall-ġrajja kbira ta' Damasku li biddlet b'mod radikali l-ħajja ta' San Pawl. It-tielet kapitlu jittratta ż-żmien ta' wara l-konverżjoni tiegħu, fejn wara li tgħammed mar jagħmel żmien irtirat fid-deżert fl-Arabja u wara narawh fl-ewwel kuntatti tiegħu mal-appostli u l-Knisja tal-bidu.

Fit-tieni taqsima nsibu rakkont ferm dettaljat tat-tliet vjaġġi missjunarju ta' San Pawl b'riferenzi importanti għall-ittri tiegħu u bi studju eżeġetiku. Fil-bidu ta' din it-taqsima l-awtur jagħtina viżjoni tal-ambjent u l-kultura ta' dawn il-vjaġġi. Il-ħames kapitlu jiddeskrivilna l-ewwel vjaġġ missjunarju, minn Antjokja fis-Sirja għal Cipru u fin-nofsinhar tal-Anatolja fl-Asja Minuri. Il-kapitli ta' wara jitkellmu dwar l-ewwel Konċilju ta' Ġerusalemm, it-tieni u t-tielet vjaġġ missjunarju. Fl-aħħar ta' din it-taqsima, naraw lil San Pawl lura fil-Palestina fejn kien arrestat u miżmum għal sentejn u l-vjaġġ tiegħu bħala priġunier sabiex jappella għand Ċesari, fejn wara maltempata u skond il-Providenza ta' Alla jiġi Malta u jdum tlett xhur.




It-tielet taqsima titratta l-aħħar snin ta' Pawlu ġewwa Ruma, fejn jinkuruna din il-ħidma tiegħu bil-martirju. Il-ktieb huwa mżewwaq ukoll b'ħafna illustrazzjonijiet tassew artistiċi fosthom dawk ta' Gagliardi, Podesti, De Sanctis, Dies u oħrajn, li jinsabu fil-Bażilika Maġġuri ta' *San Paolo fuor le Mura* f'Ruma, fejn ser isiru ċ-ċelebrazzjonijiet prinċipali tas-Sena Pawlina mill-Papa Benedittu XVI.

Huwa ktieb għalhekk li għandu jkun f'idejn dawk kollha li qegħdin jilqgħu l-istedina tal-isqfijiet tagħna għal din is-Sena Pawlina u għalhekk jixtiequ jagħmlu verament mixja ta' fidi, kif ukoll dawk kollha li għandhom xi ministeru fil-Knisja. Huwa wkoll l-isbaħ tifkira li jista' jkollok ta' San Pawl Missierna f'din is-sena ddedikata lilu, kemm għat-tagħlim u tagħrif ġenwin dwaru, kif ukoll għall-għadd kbir ta' ritratti, pitturi u illustrazzjonijiet oħra li bihom hu miżgħud dan il-ktieb tassew sabiħ. Tajjeb ħafna wkoll bħala rigal f'okkażjonijiet speċjali matul din is-Sena speċjali.

Għandu jkun utli ħafna fil-laqgħat tal-Kelma t'Alla li jsiru u ser isiru fil-parroċċi tagħna, għall-familji, għal-laqgħat ta' kategoriji diversi, fl-irtiri, u studji; sabiex bħala Maltin u Għawdxin inkomplu ngħaddu lill-ġenerazzjoni futura dak li għaddielna San Pawl, l-Imħabba ta' Kristu, li trid tgħaqqadna, tmexxina, f'kelma waħda 'issuqna': *Caritas Christi urget nos* (2 Kor 5:14).

***Fr. Charles Buttigieg***

*Fit-tmiem tas-Sena Liturġika tal-Knisja*

# KRISTU JSALTAN... I



## 1 HU RE.... IMMA...

**Hu Re Manswet**
ma jaħkimx bil-vjolenza
iżda bl-umiltà.

**Hu Re ta' l-Imħabba**
ma jiddominax bil-forza
iżda jikkorieġi bl-imħabba.

**Hu Re li t-tronn tiegħu**
mhux tal-bellus
iżda l-għuda tas-Salib.

**Hu Re tal-qlub**
isaltan bl-imħabba
mhux bl-armi.

**Hu Re tas-sewwa**
"Jien it-triq, is-SEWWA
u l-ħajja."

**Hu Re Salvatur**
Rejjiet oħra kienu jeżiġu
li s-sudditi jxerrdu demmhom għalihom.
Kristu, għall-kuntrarju,
xerred demmu Hu għal kulħadd.

**Hu Re u Mħallef**
Hu l-bidu u t-tmiem.
Hu s-Sid ta' l-istorja.
Hu jagħmel ħaqq "mill-ħajjin u mill-mejtin".

## 2 KLIEM IL-PAPA BENEDITTU XVI

**Tibżgħux minn Kristu**
"Il-Knisja hija ħajja,
Għaliex Kristu hu ħaj.
**La tibżgħux minn Kristu...**
**ma jeħdilkom xejn**
**u jagħtikom kollox.**

Meta ningħataw Lilu
aħna nirċievu minn għandu
mitt darba aktar.

**Iftħu beraħ il-bibien lil Kristu**
**u intom issibu l-vera ħajja."**

*(fil-jum tal-ħatra tiegħu bħala Papa, fi Pjazza San Pietru)*

## 3 IL-FERĦ TAGĦNA HUWA KRISTU

"Għeżież żgħażagħ.
- Ġesù huwa l-veru ħabib tagħkom u l-Mulej tagħkom.
- Intom issibu l-hena tagħkom biss fi Kristu.
- Il-ferħ tagħkom għandu isem, għandu wiċċ:
- **Dan hu Ġesù ta' Nazaret."**

*(liż-żgħażagħ ta' l-Olanda,27 ta' Novembru 2007)*

## 4 ALLA WRIENA WIĊĊU FI KRISTU

"Hawn ħafna xbiħat foloz ta' Alla
li Alla hu vjolenti u oppressiv.

Aħna rridu nagħrfu lil Alla
li wriena wiċċu fi Kristu,

# MMA B'DIFFERENZA!

li bata għalina,
li ħabbna sal-punt li miet għalina
u hekk għeleb il-vjolenza.

Alla mhux
xi ħadd barrani,
xi alla immaġinarju,
xi idea maħluqa mill-moħħ.

Iżda hu Alla
li wera lilu nnifsu,
li wera wiċċu fi Kristu."

*(Papa Benedittu XVI)*

## 5 KLIEM IL-PAPA ĠWANNI PAWLU II

"Għeżież Żgħażagħ,
Tibżgħux minn Kristu,
Mhux se jeħdilkom il-libertà,
iżda Hu jagħtihielkom.

- Hu Alla li sar

  **Salvatur,**
  **Feddej,**
  **Ħabibna,**
  **u Ħuna.**
- Għalhekk ngħidilkom fittxuh bl-onestà u l-kuraġġ; lil Kristu fittxu li ssiru tafuh fil-fond.
- **Emmnu fi Kristu,**
- **Afdaw fi Kristu,**
- **Ħobbu lil Kristu,**
- **Għixu fi Kristu,**
- **Fittxu li tgħixu ta' Kristjani, jiġifieri ta' dixxipli ta' Kristu**
  - **fil-familja**
  - **fil-kulturi**
  - **fis-soċjetà**
  - **fil-ħajja umana kollha.**

*(liż-żgħażagħ tal-Paragwaj, 21 ta' Mejju1983)*



## 6 X'QALU FUQ ĠESÙ

*Frans Werfer, kittieb Lhudi li kiteb "Song of Bernadette :*
**"F'din id-dinja m'hemm l-ebda problema għajr waħda : dik li tiltaqa' ma' Kristu."**

*Theilhard de Chardin, Ġeżwita u studjuż tax-xjenza :*
**"Kristu mhux xi ħaġa aċċessorja, jew miżjuda mad-dinja. Lanqas xi ornament, xi re li hu sid jew propjetarju ta' ġid materjali...**

**Hu l-bidu u t-tmiem,**
**l-Alfa u l-Omega,**
**il-ġebla bażi u l-Muftieħ.**
**Kristu huwa ċ-Ċentru."**

*Mahatma Gandhi, mexxej Indjan ta' twemmin Hindu, u kampjun tan-non-vjolenza :*
**"Kristu huwa għall-bniedem l-aqwa għajn ta' forza spiritwali. Kristu ma jappartinix biss lill-Kristjaneżmu, iżda jappartieni lid-dinja kollha."**

*Herbert George Wells kien storiku Ingliż. Ma kienx jemmen. Iżda bħala storiku ammetta li:*
**Kristu kien l-akbar fost dawk kollha li għexu fuq wiċċ id-dinja.**

*H.G. Wells jgħid li l-messaġġ ta' Kristu*
**Hu bidla rivoluzzjonarja li biddlet il-kors tal-ħsieb tal-bniedem.**

- Ebda seklu sa issa ma mexxielu jifhem b'mod sħiħ il-qawwa tremenda li fih dan il-messaġġ.
- Id-dinja nbidlet u saret differenti minn dak il-jum li fih bdiet tiġi mxandra d-duttrina ta' Kristu.
- Kull storiku meta jiġi biex ikejjel il-kobor ta' xi bniedem, jistaqsi: Dal-bniedem x'ħalla warajh biex jikber? Dan il-bniedem kif influwenza lin-nies biex bdew jaħsbu b'mod differenti,anki wara mewtu?
- B'dan il-kriterju biss, **Kristu jgħaddi lil kull bniedem li qatt għex fuq wiċċ din l-art.**

*(Mark J. Links, Sunday Homilies, year B, Series I)*

TIFSIR FUQ IT-TAGĦLIM TAT-TWEMMIN NISRANI (69)



# IL-MISTERU TAL-KNISJA

KITBA TA' MONS. ISQOF EMERITU NIKOL Ġ. CAUCHI

*(IS-SBATAX-IL PARTI)*

## IN-NOTI KARATTERISTIĊI TAL-KNISJA (2)

*2. IL-KNISJA HIJA QADDISA*

Hu qaddis min ikun ħieles mid-dnub u minn kull ħażen waqt li jgħix f'għaqda ma' Alla li huwa waħdu huwa perfettissimu u l-istess qdusija. Kristu li għandu natura divina, mhux biss hu l-mudell tagħna, iżda wkoll l-għajn tal-qdusija u ta' kull grazzja;, "Għax mill-milja tiegħu aħna lkoll ħadna grazzja fuq grazzja" (*Ġw.*1,16). In-nisrani qaddis hu dak li għandu d-don li jgħix il-ħajja tal-grazzja t'Alla u li jħabrek biex iħobb 'l Alla u lil għajru skond it-tagħlim ta' Kristu.

**Il-bniedem isir iktar qaddis, aktar ma joqrob lejn Alla u jieħu sehem mill-qdusija tiegħu; u iktar ma nkunu magħqudin ma' Kristu, iktar nikbru fil-grazzja tiegħu.**

Bi Kristu bħala r-Ras tagħha u bl-Ispirtu s-Santu bħala gwida, il-Knisja tħabrek sabiex tkun il-poplu qaddis ta' Alla u l-Ġisem Mistiku tal-Mulej. Permezz tal-Magħmudija, l-insara jingħaqdu ma' Kristu u jsiru membri tal-poplu ta' Alla (*I Pt.*1,15).

Il-Konċilju Vatikan II jistqarr: "Aħna nemmnu li l-Knisja li l-Konċilju Mqaddes qiegħed ifisser il-misteru tagħha, hija qaddisa, bla ma tista' qatt tonqos din il-qdusija. Infatti Kristu, l-Iben ta'Alla, li hu mħabbar flimkien mal-Missier u ma' l-Ispirtu s-Santu bħala 'l-waħdu qaddis', ħabb il-Knisja bħala l-għarusa tiegħu, ta lilu nnifsu għaliha biex iqaddisha" (*Lumen Gentium,* n.39).

Kristu ried li l-Knisja tiegħu tkun qaddisa u għalhekk taha:
(a) **tagħlim qaddis**, il-kelma divina, li xandrilha
(b) **il-grazzja qaddisa** li hija sehem min-natura divina tiegħu,
(c) **is-sagramenti**, l-għejjun tal-grazzja u tal-qdusija, kif ukoll
(d) **id-doni u l-kariżmi** ta' l-Ispirtu s-Santu.

Dwar din il-qdusija tal-Knisja għandna x-xhieda fil-kitba tar-Rabta l-Ġdida. Bir-raġun San Pietru lill-insara jgħidilhom: **"Imma intom ġens maħtur, saċerdozju rjali, nazzjon qaddis, poplu li Alla kiseb għalih, biex ixxandru t-tifħir ta' dak li sejħilkom mid-dlam għad-dawl tiegħu ta' l-għaġeb" (*I Pt.*2.9).**

San Pawl itenni l-istess tagħlim "Kristu ħabb il-Knisja u ta ħajtu għaliha. U dan għamlu biex iqaddisha u jnaddafha bil-ħasil ta' l-ilma, u l-kelma u biex iressaqha quddiemu, **din il-Knisja, sabiħa, bla tebgħa, bla tikmix, bla għajb, u b'xejn minn dan, imma qaddisa u bla tmaqdir min ħadd" (*Ef.*5,25-26).**

Skond il-pjan tiegħu, il-Knisja hija magħquda ma' Kristu bħala l-Ġisem Mistiku tiegħu, Kristu li huwa r-ras qaddisa u l-għajn ta' kull qdusija; Hu li kiseb għall-bnedmin, il-kariżmi ta' l-Ispirtu s-Santu u kull ġid ieħor li ġej mit-tjubija ta' Alla. Ladarba Kristu kien qaddis, ma setgħax jonqos li ma jagħtix ukoll lill-Knisja tagħlim qaddis u mezzi oħra għall-qdusija.

Il-Knisja Kattolika weħidha li għandha afdati f'idejha, t-tagħlim qaddis għax rivelat minn Alla, il-kult għas-sagrifiċċju tal-liġi l-ġdida u l-amministrazzjoni tas-seba' sagramenti, li huma l-għejjun tal-qdusija.

Kristu ried mhux biss li l-Knisja bħala komunità tkun qaddisa, iżda wkoll li l-membri tagħha jkunu qaddisin, kif stqar fit-talba saċerdotali, "Qaddishom permezz tal-verità; il-kelma tiegħek hi l-verità. Kif inti bgħatt lili fid-dinja, jekk jiena bgħatt lilhom fid-dinja. U jien minħabba fihom naghti ħajti, **biex huma wkoll ikunu mqaddsin permezz tal-verità"**(*Ġw.*17, 17-19).

It-tliet gradi jew kategoriji ta' qdusija li jistgħu jaslu fihom il-membri tal-Knisja huma;
(a) **qdusija ordinarja** li għandhom dawk li huma fl-istat tal-grazzja,
(b) **il-qdusija ogħla**, ta' dawk li josservaw il-kunsilli tal-Vanġelu u
(c) **qdusija erojka**, jew fl-ogħla grad.

Xi whud mill-membri tagħha laħqu l-quċċata ta' qdusija erojka, u fosthom dawk li kellhom is-setgħa jagħmlu l-mirakli. **Dejjem kien hemm xi qaddisin, f'kull perijodu ta' l-istorja tal-Knisja.**

B'mod speċjali, l-Knisja tagħmlilna l-kuraġġ biex nimxu fit-triq tal-qdusija, billi tqegħdilna quddiem għajnejna l-eżempju

ta' dawk l-irġiel u nisa li mxew ħafna l-quddiem fil-perfezzjoni nisranija. Il-Knisja lil dawn l-erwieħ tajba tgħaddihom mill-proċess tal-beatifikazzjoni u l-kanonizzazzjoni, li hija l-proċedura mitluba mil-Liġi Ekkleżjastika biex jiġu rikonoxxuti uffiċjalment bħala beati u qaddisin. L-eżempju tal-qdusija erojka ta' dawn ħutna jfakkarna li aħna wkoll imsejħin li nsiru qaddisin billi ngħixu ħajja tajba fuq it-tagħlim ta' Kristu.

**Iżda l-qdusija tal-Knisja għadha mhix perfetta. Xi wħud mill-membri tagħha għadhom midinbin, u d-dnub personali tagħhom jaffettwa l-Knisja u jagħmel ħsara lil qdusija tagħha. Din il-ħsara xi drabi ma tkunx tidher u ftit tinħass, iżda drabi oħra toħloq ċaqliqiet koroh. Madankollu, anke meta l-iskandli jitfaċċaw fil-Knisja, tibqa' dejjem valida l-garanzija ta' Kristu li l-"bibien ta' l-infern ma jistgħux jegħelbuha."**

Kristu wkoll fil-parabbli tiegħu tax-xibka li taqbad fiha l-ħut it-tajjeb u l-ħażin, (*Mt.*13,25–47) u tal-għalqa li fiha kibru flimkien il-qamħ u s-sikrana (*Mt.* 13,24-30), jagħti ħjiel li f'din id-dinja fil-merħla tiegħu hemm it-tajbin u l-ħżiena.

Dwar il-preżenza tal-midinbin fil-Knisja, l-Konċilju Vatikan II *Lumen Gentium* n. 8 josserva: "Il-Knisja li għandha fi ħdanha wkoll il-midinbin, li hi qaddisa, iżda fl-istess ħin, dejjem fi ħtieġa ta' purifikazzjoni, qatt ma tehda tagħmel penitenza u ġġedded lilha nfisha."

**Fil-Knisja dejjem tibqa' tinħass il-ħtieġa tar-riforma u tat-tisfija, difatti l-Konċilju jafferma: "Matul il-pellegrinaġġ tagħha f'din l-art, Kristu jsejjaħ il-Knisja għal dan it-tiġdid kontinwu tagħha nfisha, tiġdid li l-Knisja, għax hija istituzzjoni umana, dejjem teħtieġ"** (*Unitatis Redintegratio*, n. 6).

### *3. IL-KNISJA HIJA KATTOLIKA*

Il-Knisja tissejjaħ Kattolika jew universali għax hija mxerrda ma' kullimkien, tgħodd għal kull żmien u għal kull pajjiż. Hija maħsuba għall-bnedmin kollha kif ukoll għal ġid tal-bniedem kollu, ruħ u ġisem.

"Il-poplu t'Alla – nsibu fil-*Lumen Gentium*, n.13 – huwa preżenti fil-ġnus kollha tad-dinja, huwa jagħmel ċittadini tiegħu nies mill-ġnus kollha u jibdilhom f'ċittadini tas-saltna li mhix ta' l-art imma tas-Sema".

Dwar ix-xandir tal-Evanġelju li seħħ bil-ħidma ta' l-Appostli, l-Iskrittura tgħid **"Leħinhom xtered ma' l-art kollha; il-kelma tagħhom laħqet truf id-dinja."** Kristu l-Iben ta' Alla, għandu potesta u setgħa universali, jiġifieri fuq il-bnedmin kollha. Hu ordna lid-dixxipli tiegħu li jxandru t-tagħlim tiegħu fost il-ġnus kollha "Morru, mela, agħmlu dixxipli mill-ġnus kollha, u għammduhom fl-isem tal-Missier u ta' l-Iben u ta' l-Ispirtu s-Santu, u għallmuhom iħarsu dak kollu li ordnajtilkom jien. U ara, jiena magħkom dejjem, sa l-aħħar taż-żmien" (*Mt.*28,19); **"Morru fid-dinja kollha, xandru l-Evanġelju lill-ħolqien kollu"** (*Mk.*26.15). Hu ħabbar ukoll li "Dan l-Evanġelju tas-Saltna jixxandar fid-dinja kollha, biex il-ġnus kollha jkollhom xhieda. Mbagħad jiġi t-tmiem" (*Mt* 24,14).

Kien meħtieġ li l-Knisja tkun Kattolika għaliex ladarba Kristu ried li jsalva l-bnedmin kollha, u waqqaf il-Knisja biex tkun il-mezz tas-salvazzjoni għal kulħadd, allura hija mezz li jgħodd għal kull art u għal kull żmien (*Rum.* 10,18). Meta Kristu ġie fostna fil-misteru ta' l-inkarnazzjoni tiegħu, Hu ġie għal kulħadd, bnedmin tar-razez kollha u ta' kull ġens.

**Il-Knisja hija Kattolika għax hija supernazzjonali jiġifieri 'il fuq minn kull nazzjon, hija ogħla minn kull ġens jew nazzjon u hija l-patrija komuni ta' kull bniedem.** Hija "dar tal-ħniena" u tiftaħ il-bibien tagħha, anki għal dawk li huma mġarrbin bil-mard u bin-niket. **Fil-Knisja m'għandu jkun hemm ebda segregazzjoni jew diskriminazzjoni minħabba r-razza, l-kultura jew pożizzjoni soċjali.** Fil-Knisja hemm post għal kull min sinċerament jixtieq jidħol fiha biex jikseb is-salvazzjoni ta' Kristu.

*De jure*, jiġifieri min-natura tagħha stess hija maħsuba sabiex tkun universali u tħaddan il-ġnus kollha. Hija dejjem iddefendiet bħala jedd tagħha u ħassitu bħal dmir tagħha, li tħabrek ħalli tinfirex fost il-bnedmin kollha mingħajr ebda għażla ta' razza, lsien jew lewn. Il-Knisja hija kattolika, għaliex Hija tadatta ruħha għal kull kultura; "Mal-Lhud, sirt Lhudi, biex nirbaħ il-Lhud; ma' dawk li huma taħt il-liġi, qgħadt taħt il-liġi – jien li m'iniex taħt il-Liġi" (*I Kor.* 9.20); u tħaddan il-ġnus kollha **għax Alla "jrid li l-bnedmin kollha jsalvaw, u jaslu biex jagħrfu l-verità" (*I Tim.*2,4).** Il-Knisja kienet Universali anki fil-bidu tagħha meta l-membri li kellha kienu ftit u minn ftit pajjiżi, għax kellha diġà l-potenzjal li tikber u tiżviluppa fost il-ġnus (ara l-Atti ta' l-Appostli).

*De facto* il-Knisja mhix limitata għal xi post, għal xi nazzjon jew għal xi kategorija partikolari ta' nies iżda hija mxerrda fost il-ġnus kollha, irġiel u nisa u ta' kwalukwe kultura. Infatti l-Vanġelu ġie pprietkat fl-irkejjen kollha tad-dinja.

Fil-Knisja Universali, hemm ħafna Knejjes lokali. Huma kollha jappartjenu għall-Knisja Universali, u kull waħda minnhom hija tabilħaqq il-"Knisja ta' Alla " (Cfr.*I Kor.*1,2). Ir-rabta ta' bejniethom hija l-komunjoni jew xirka, li tissejjaħ ukoll "*koinonia*".

Il-Kostituzzjoni "*Lumen Gentium*," (n.13) tikkummenta **"Dan il-karattru ta' l-universalità li jżejjen il-Poplu ta' Alla, huwa don ta' l-istess Mulej, li bih il-Knisja Kattolika tfittex dejjem u b'mod effikaċi li tiġma' lura l-umanità kollha, bil-ġid kollu tagħha, fi Kristu li hu r-Ras, fl-għaqda ta' l-Ispirtu tiegħu." Għandha l-missjoni li tħaddan il-ġens uman kollu u għalhekk tkompli tibgħat missjunarji biex jiksbu għaliha wlied ġodda.** *(jissokta)*

GĦANDEK IL-BEJT QED JOQTOR
JEW ĦITAN BIL-MOFFA?
TKOMPLIX TONFOQ FLUS
F'TISWIJA LI MA SSERVIKX!
...ĦALLI F'IDEJN

**GREZZJU BONELLO**
**Jiġi jagħtik stima b'xejn**
"GrezJos", Triq Filfla, Għajnsielem.
Tel: **2155 7694** Mob: **9946 9102**




# IS-SNAJJA' QODMA F'GĦAWDEX

*(L-Erbatax-il Parti )*

## *IL-KAĊĊA TAL-FNIEK TAL-LIEBRU*

**F'diversi postijiet fil-gżejjer Maltin insibu jgħammru kwantitajiet ta' fniek selvaġġi jew, kif jafuhom x'uħud, fniek tal-liebru. Dawn il-fniek jonqsu u jiżdiedu l-aktar skond liema mard jaħkimhom. Fejn il-mard ma jaħkimhomx, allura l-għadd tagħhom, jekk ma jitrażżanx bil-kaċċa, jaf jiżdied u joktor b'mod li dawn il-fniek jibdew jagħmlu l-ħsara fl-uċuħ tar-raba' mkabbra b'tant xogħol u ħidma tal-bdiewa tagħna. Storikament, nafu li dan kien ġara fi żmien il-Kavalieri, meta l-Gran Mastru Spanjol Francesco Ximenes de Texada (1773-1775) kien ipprojbixxa l-kaċċa tal-fniek selvaġġi u qala' ħafna inkwiet mal-bdiewa.**

Bħala eżempju ta' dan se nsemmu wkoll x'ġara fl-aħħar Gwerra Dinjija (1939-1945) fl-inħawi magħrufa bħala "tal-Kanun", iż-Żebbuġ ta' Għawdex. Dan it-tagħrif ħadnieh mill-ktieb *Iż-Żebbuġ u Ġrajja Tiegħu* ta' l-Istoriku Għawdxi Mons. Andrea Vella, D.D., J.C.D., illum mejjet:

*"Fi żmien l-aħħar gwerra, meta l-ikel kien għoddu spiċċa, il-Gvern ħareġ ordni biex il-bhejjem kollha jkunu maqtula biex l-ikel li kien baqa' jservi iżjed.*

*Iżda kwart laħam ma kontx issibu, għalkemm kien għad baqa' xi tiġieġ, għax min kien sejjer joqtol tiġieġa meta bajda kienet tqum żewġ xelini?*

*Mela ġara f'dik il-ħabta li minn ġewwa l-għoljiet tal-Kanun (jiġu fuq ir-riħ tal-Knisja ta' Wied il-Għasri) bdew ħerġin kwantità ta' fniek li bdew jagħmlu ħsara kbira fil-ġonna. Għalhekk is-sid beda jsejjaħ lil kulħadd biex imur joqtol. Min ried jiekol il-laħam ma kellux ħlief imur b'senter u joqtol. Xi drabi kien hemm min b'tir wieħed qatel tnejn. U n-nies toqtol u tiekol, u ħadd ma jista' jsib tarfhom dawn il-fniek.*

*Għandek tgħid kemm hi kbira l-ħniena ta' Alla: Għalhekk il-Għawdxin fil-gwerra ma batewx daqs il-Maltin."*

(paġni 319-320)

Fejn jikbru l-aktar il-fniek selvaġġi ta' dawn il-gżejjer? F'Għawdex iżommu l-aktar qrib il-blat, *il-bruġ* u *l-ħruq* (i.e. xquq kbar fil-blat) tal-qċaċet tal-għoljiet. Bħala eżempju nistgħu nsemmu l-għoljiet tal-Harrax, ta' Kuljat, id-Dabrani, ta' Ġurdan, Għajn Mhelhel, in-Nuffara, Ras il-Qala, u f'diversi nħawi oħra taż-Żebbuġ, ix-Xagħra u n-Nadur, irħula mibnijin fuq il-għoljiet. Il-fniek kienu jżommu wkoll f'Kemmuna u Kemmunett.

F'Malta nsibuhom f'bosta nħawi fejn hemm ix-xagħri, l-aktar lejn in-naħa tan-nofs in-nhar, il-punent u t-tramuntana tal-gżira.

Il-kaċċa tal-fniek selvaġġi tista' ssir bil-lejl jew bin-nhar, bis-senter (dari bl-ixkubetta) u bix-xbiek. Il-kaċċaturi jkunu jafu jekk fl-inħawi hemmx fniek billi jsibu *r-reddiesa* tagħhom. Dawn l-annimali għandhom ħabta jmorru jħammġu fl-istess post, imsejjaħ 'reddiesa', mill-kelma 'redus' li hu l-ħmieġ tal-fniek. Hawn ta' min igħid ukoll dwar il-fniek tal-grixti li r-reddiesa tingħaraf jekk tkunx ta' fenek jew ta' fenka: ta' fenek ir-redus ikun tond, ta' fenka jkun ġej tawwali. Għalhekk ikun hemm min joqgħod għassa tagħhom bil-lejl f'dawl il-qamar jew bin-nhar u meta jilmaħ fenek jispara fuqu. Naturalment, aktar ma jkun kbir il-għadd tal-fniek f'dawk l-inħawi, aktar ikun ħafif li wieħed jilmaħ xi fenek.

Hemm oħrajn li joqogħdu bil-lejl fuq ir-riħ ta' fejn ikun hemm il-fniek. Imbagħad, kull tant u tant iħaġġru bil-ġebel biex il-fniek jibżgħu joħorġu u hekk jagħmlu l-lejl kollu ma jieklu xejn. Ma ninsewx li l-fniek l-aktar li joħorġu jieklu bil-lejl. Issa billi bil-lejl jibqgħu bil-ġuħ, għax dawn ikunu mnaffra bit-tħaġġir, iridu u ma jridux, ikollhom joħorġu jieklu bin-nhar. Il-kaċċatur ikun mistoħbi wara l-ħitan tas-sejjieħ jew wara xi blata kbira, u malli jara l-fniek ħerġin jispara fuqhom.

F'Għawdex jingħadu bosta ħrejjef u leġġendi dwar fniek kbar b'għajnejhom ileqqu li ma kienu fniek xejn, imma

ħares. Issa jista' jkun li dawn il-ħrejjef kienu joħolquhom l-istess kaċċaturi biex in-nies ma tersaqx lejn l-inħawi fejn ikun hemm il-fniek u hekk ħadd ma jtellifhom fis-sengħa jew id-delizzju tagħhom. Ara l-istorja ta' "Il-Fenek b'Għajnejh Ileqqu" imxandra minna f'*L-Orizzont* tal-5 ta' Ottubru, 1984, p. 4.

Bħalma diġà għidna, il-fniek selvaġġi jinqabdu wkoll bix-xbiek. Imma, għal din is-sengħa ta' nassab tal-fniek wieħed irid ikun imgħammar sewwa b'dak kollu li jeħtieġ, u wieħed irid ikollu wkoll l-esperjenza kemm tax-xogħol kif ukoll ta' l-inħawi fejn jonsob.



Il-fniek selvaġġi jonsbu għalihom fis-sajf. Wieħed irid ikollu l-klieb, nemes u xbiek. Naturalment, il-klieb iridu jkunu tar-razza tal-"Klieb tal-Fenek". Dawn għandhom pilhom qasir lewn kannella ħamrani, kultant b'xi tebgħa bajda fuq għonqhom, saqajn kemm xejn twal u żaqqhom niexfa. Huma klieb fidili ħafna, kulħadd hu sidhom, u għandhom dehra nadifa ħafna. Razez ta' klieb oħra m'humiex tajbin għall-kaċċa tal-fenek, għal diversi raġunijiet.

In-nassab irid ikollu wkoll in-nemes, annimal qisu ballottra, li ma tantx jagħraf 'il sidu. Dan jinżamm ġewwa garżella jew kajsella, li tkun qisha kannestru żgħir tal-vireg li titgħatta bil-għatu. Jitimgħuh bajd, ħalib bil-ftiet, minestra u ikel ieħor bħal dan. Jiekol ukoll il-bajtar tax-xewk! Meta joħroġ biex jaqbad il-fniek, in-nassab jieħu n-nemes miegħu.

Meta jasal fl-inħawi fejn ikun hemm il-fniek, in-nassab jitlaq il-klieb u dawn imorru jiġru fil-qrib u fil-bogħod u bin-naska speċjalizzata tagħhom ikollhom il-ħila jxommu r-riħa tal-fniek, kemm jekk ikunu jiġru barra, kif ukoll jekk ikunu mistoħbijin ġo xi ħarq (xaqq kbir jew dagħbien), ġo xi ħajt jew ġewwa xi borġ. Malli jxommu l-fniek, dawn jibdew '**jintunaw**', jiġifieri jgħajtu għajat li n-nassab permezz tiegħu jinduna malajr li l-klieb ikunu sabu l-fniek. Jekk il-klieb il-fenek isibuh fil-beraħ, dawn jibdew jiġru warajh u '**jkerru**', jiġifieri jgħajtu fil-waqt li jiġru warajh, kelma ġejja mill-verb '**kerrer**'. Wieħed jiskanta kemm il-klieb tal-fenek jistgħu jintunaw għajat differenti, hekk li saħansitra n-nassab ikun jaf il-fenek kemm hu bogħod mill-klieb. In-nassab jinduna wkoll liema kelb jew kelba, mill-ħafna li jkollu, ikun sab il-fenek. Dan jiġri għax kull kelb għandu l-għajta karatteristika tiegħu. Kelb jista' wkoll ikun aħjar mill-oħrajn għall-kaċċa tal-fniek.

Meta l-klieb jindikaw fejn hu mistoħbi l-fenek, jew għax il-kelb ikun sabu hemm, inkella għax ikun gerrxu hu stess u wasslu fil-borġ jew fil-ħarq **bil-kirriera** (bil-ġiri u bl-agħjat fl-istess waqt, f'Għawdex igħidu **bil-kurriera**), allura n-nassab jaqbad in-nemes ħalli jitilqu għal wara l-fenek. Il-ħruq u t-toqob kollha minfejn il-fenek jista' jiżgiċċa jiġu mdawra bix-xbieki biex malli joħroġ jibqa' dieħel fix-xibka u hekk jinqabad ħaj.

Issa, mela, il-klieb jinżammu u ma jsir ebda kliem jew diskors. In-nemes, bil-ġolġol f'għonqu, biex sidu jinduna fejn ikun qiegħed, jidħol fil-ħarq jew fil-borġ, u jibda jfittex il-fenek. Il-fenek jibża' wisq min-nemes u jipprova jaħrab bħalma tgħid it-taqbila folkloristika:

*"Il-fenek jew iż-żarmuġi*
*li fil-borġ ikun kuntent,*
*malli jħoss in-nemes riesaq*
*jaqbdu l-akbar disprament."*

Jekk il-post fejn ikun mistoħbi l-fenek ikun wieħed kbir, allura dan idum xi ftit mhux ħażin biex joħroġ u jaqbeż għal ġox-xbiek u dan minħabba li joqgħod jiġri minn naħa għal oħra. Meta l-fenek ikun qiegħed jiġri minn banda għal oħra jingħad li jkun qiegħed **ikarwat**.

Hawn ta' min igħid li xi drabi l-fenek jinqabad min-nemes ġol-ħarq jew ġol-borġ fejn ikun. M'hix l-ewwel darba li ġara dan, u l-fenek jisfa maqtul min-nemes. In-nemes jixroblu ftit minn demmu, naturalment wara li jkun qatlu, imma mhux demmu kollu bħalma jgħidu x'uħud. Iżda biex żgur in-nemes ma jagħmel ebda ħsara, dan jintelaq **imsarram**, jiġifieri bis-**sarima** f'ħalqu.

Għal dawk li qatt ma semgħu jew jafu x'inhi kaċċa jew insib għall-fniek tal-liebru jew selvaġġi, irridu ngħidu li din is-sengħa jew delizzju teħtieġ ħafna ġiri u mixi fir-raba', f'passaġġi fl-egħlieqi, mogħdijiet fix-xagħri, jew qalb il-blat taħt is-sisien u l-irdumijiet tal-għoljiet, skabrużi ħafna u perikolużi għal min ma jkunx imdorri u li jaħlulek ħafna żmien jekk ma tkunx tafhom sewwa. Imma dawk li jħobbu din ix-xorta ta' kaċċa xejn m'hu se jaqtgħalhom qalbhom. In-namur iġegħilhom jagħmlu kollox. **Min ikun Għawdex u jara xi lampa tixgħel fuq xi waħda mill-għoljiet, għandu jkun jaf li hemmhekk aktarx ikun hemm xi ħadd qiegħed jonsob għall-fniek. Jekk jirnexxilu jaqbad xi fenek, dak it-tali, imbagħad, ikun jista' jiekol ikla laħam tajjeb tal-fniek selvaġġi, laħam li jingħad li hu wisq itjeb minn tal-fniek li nrabbu d-dar.**



*Kummentarju (3)*



# L-Esperjenza tal-Kunsill Ċiviku ta' Għawdex: X'tgħallimna?

*Kitba ta'* VICTOR VELLA MUSCAT

**"Kien f'Ottubru tal-1958 li xi patrijotti Għawdxin ħassew il-bżonn li volontarjament iwaqqfu kumitat proviżorju sabiex jistħarreġ u jwettaq, bi trattattivi diretti u mmedjati ma' l-awtorità, il-ħtiġijiet ta' Għawdex u ta' l-Għawdxin fil-qasam kulturali, ekonomiku u soċjali".**

*Victor Vella Muscat, f'siltiet minn taħdita mogħtija f'Seminar organizzat mill-Moviment Azzjoni Soċjali, janalizza l-isfidi li kellu l-Kunsill Ċiviku u l-ħidma li wettaq ħamsin sena ilu.*

Fl-opinjoni tiegħi dan l-esperiment li twettaq fi gżiritna matul is-sittinijiet kien suċċess prinċipalment dovut għal tliet raġunijiet: l-Għawdxin riduh u approvawh, il-leġiżlatur ried li dan l-esperiment jirnexxi, l-Għawdxin li wettquh,għalkemm kien fih ħafna difetti, għamlu minn kollox sabiex ikun suċċess.

### *L-Għawdxin riduh*

**Biex wieħed jagħti opinjoni oġġettiva dwar jekk il-Kunsill Ċiviku ta' Għawdex kellux il-kunsens ta' l-Għawdxin, wieħed irid l-ewwel jeżamina kemm iċ-ċirkostanzi partikolari taż-żminijiet li fih twaqqaf, kif ukoll l-aspirazzjonijiet ta' l-Għawdxin li, matul sekli sħaħ, fil-limiti ta' gżira żgħira bħal Għawdex, ikollhom kontroll effettiv tal-amministrazzjoni tal-ħwejjeġ essenzjali għall- ħajja ta' kuljum.**

Diġà fi tmiem it-tieni seklu wara Kristu, nsibu f'Għawdex it-treġija tal-gżira mmexxija minn Muniċipju Ruman bi privileġġi ta' amministrazzjoni lokali.

Iżjed tard fis-sena 1416, fi żmien il-ħakma ta' Sqallija, f'Għawdex kien hawn ukoll Gvern Lokali msejjaħ **Università** li fih kemm il-Ħakem kif ukoll il-Ġurati kienu Għawdxin. L-Università tneħħiet fl-1818 fi żmien il-Gvernatur Maitland, u l-amministrazzjoni t'Għawdex għaddiet taħt il-Gvern Ċentrali f'Malta.



Meta f'April tal-1958 il-Kostituzzjoni tal-1947 ġiet sospiża, il-ftit vuċi li kellhom l-Għawdxin permezz tar-rappreżentanti tagħhom fil-Parlament ġiet fix-xejn. Kien għalhekk li f'**Ottubru tal-1958** ħassew il-bżonn li volontarjament iwaqqfu kumitat proviżorju biex iressaq quddiem l-awtorità l-ħtiġijiet ta' Għawdex u ta' l-Għawdxin fil-qasam kulturali, ekonomiku u soċjali. Dan il-kumitat fi ftit żmien firex l-għeruq tiegħu ma' l-irkejjen kollha tal-gżira Għawdxija u, bl-elezzjoni ta' kumitati distrettwali f'kull belt u raħal, seta' jiġbor tagħrif dirett u mmedjat dwar il-bżonnijiet kollha ta' Għawdex u ta' l-Għawdxin.

Wara li dan il-Kumitat Ċiviku dam jaħdem għal kważi sentejn, fl-4 ta' April 1960 huwa kiseb rikonoxximent uffiċjali mill-Gvern tal-ġurnata u beda jissejjaħ "il-Kunsill Ċiviku ta' Għawdex" bl-uffiċċju prinċipali tiegħu fil-*Banca Giuratale*, ir-Rabat, u ngħata xi responsabbiltajiet ta' sorveljanza fuq xi dipartimenti tal-Gvern. F'Novembru ta' l-istess sena, wara insistenza kontinwa min-naħa tal-Kunsill Ċiviku, il-Gvern Ċentrali laqa' l-proposti Għawdxin għal aktar poteri fil-qasam amministrattiv. Għalhekk, fid-19 ta' Marzu 1961, deher fil-Gazzetta tal-Gvern l-Abbozz ta' l-Ordinanza li tipprovdi għat-twaqqif ta' Gvern Lokali f'Għawdex. Fl-14 ta' Ġunju 1961 saru l-elezzjonijiet tal-Kumitati Distrettwali u fid-19 ta' l-istess xahar saru l-elezzjonijiet tal-Kunsill.

### *L-Għawdxin aċċettawh*

**Jeħtieġ neżaminaw il-konkorrenza ta' l-eletturi Għawdxin biex nagħrfu kemm il-Kunsill Ċiviku kien rikjest u aċċettat minnhom.**

L-elezzjonijiet tal-Kunsill Ċiviku kienu jsiru f'żewġ fażijiet : dik tal-Kumitati Distrettwali u l-oħra tal-membri tal-Kunsill. L-elezzjoni tal-Kumitati Distrettwali kienet issir



f'kull belt u raħal fejn ikun hemm iktar minn sitt kandidati. Dawn kienu jvarjaw minn erbatax-il kandidat fid-distrett tal-Munxar għal sebgħa f'Għajnsielem u fil-Fontana. **Minn dan il-lat mela, kien hemm suċċess totali peress li l-elezzjonijiet saru fid-distretti kollha.**

Imbagħad skond ir-Rapport tal-Uffiċċju Elettorali Ewlieni dwar din l-elezzjoni, insibu li **71.2% minn dawk eleġibbli li jivvutaw, tefgħu l-vot tagħhom.** M'hemmx dubju għalhekk li minn dan il-lat ukoll, l-elezzjoni kienet suċċess.

*Il-leġiżlaturi riedu*

Huwa ovvju li l-Gvern Ċentrali kien ħerqan li, la darba ddeċieda li japprova t-twaqqif statutorju tal-Kunsill Ċiviku, dan il-Kunsill jirnexxi. **L-Ordinanza Nru XI tal-1961, għalkemm b'ċerti limiti, tat lill-Kunsill dawk il-poteri kollha li kienu meħtieġa sabiex dan seta' jaħdem u jaqdi l-funzjonijiet tiegħu skond il-liġi.**

Peress li l-problema prinċipali li kull amministrazzjoni trid tħabbat wiċċha magħha, hija dik ta'natura finanzjarja, l-Ordinanza stabbiliet bil-quddiem is-sorsi tal-fondi tal-Kunsill. Barra minn dan, tat il-poter lill-istess Kunsill li, jekk ikun meħtieġ, **seta' jagħmel taxxi fuq il-proprjetà** (*rates*) sabiex ikun dejjem assigurat li l-fondi meħtieġa ma jonqsux.Għalkemm il-Kunsill kellu impost fuqu bil-liġi s-setgħa li jagħmel xi taxxi, huwa qatt ma talab din il-funzjoni, qatt ma kien ferħan biha u **qatt ma eżerċitaha.**

*L-Għawdxin wettquh b'suċċess*

L-ewwel Kunsill kien jinkludi fih x'uħud mill-aħjar imħuħ tal-gżira peress li għall-elezzjoni kull min kellu vot kien eleġibbli li jkun elett fil-Kunsill, inklużi saċerdoti u impjegati governattivi. Il-Kunsillieri kienu ġejjin minn erbatax-il distrett differenti u għalhekk wieħed jistenna li xi ftit tal-parrokkjaliżmu ma kienx nieqes b'konsegwenza li, xi drabi kien ikun hemm seduti kemmxejn imqanqla. B'danakollu s-sens komun u l-ġid ġenerali ta' Għawdex dejjem finalment ittrijonfaw.

**Kull kunsillier ma kienx ħlief *porta-voce* tad-distrett tiegħu u bħala tali kien jipprova jagħmel minn kollox biex jakkwista l-akbar porzjon possibbli mill-fondi vvotati. Kien intlaħaq ftehim fil-Kunsill li l-formola ta' fondi allokati għal kull distrett kellha tinħadem fuq żewġ persentaġġi differenti, wieħed ibbażat fuq il-popolazzjoni tad-distrett u l-ieħor ibbażat fuq il-kobor tad-distrett. Wara kien jittieħed l-*average* taż-żewġ persentaġġi u r-riżultat ikun il-kwota finali li distrett partikolari kellu jiġi allokat. B'hekk ġie assigurat li x-xogħlijiet ikunu mifruxa ma' Għawdex kollu, u t-tqassim tal-istess xogħlijiet isir skond ftehim milħuq bejn il-partijiet interessati.**

**Il-Kunsill, barra l-funzjonijiet li kellu d-dmir jaqdi skond il-liġi, ħass id-dover addizzjonali li jsemma' leħnu ma' l-awtoritajiet f'dak kollu li għandu x'jaqsam mal-gżira ta' Għawdex.** Huwa għalhekk, barra l-Kumitati tiegħu li skond il-liġi kellu obbligu li jinnomina ta' kull sena, kien jaħtar Kumitati oħrajn sabiex jagħtuh pariri fuq materji oħra li dwarhom deherlu li kellu jagħmel suġġerimenti bħal ngħidu aħna Turiżmu, Sports, *Trade Fairs*, l-Iżvilupp tal-Port ta' l-Imġarr...

Barra minn dan, il-Kunsill kellu wkoll ir-rappreżentanti tiegħu fuq diversi *Boards* u Kumitati tal-Gvern Ċentrali kif ukoll fil-kunsilli ta' l-għaqdiet volontarji nazzjonali.

**L-għaqal li bih mexa l-Kunsill jidher mill-mod ta' l-amministrazzjoni finanzjarja. Meta l-Kunsill ġie stabbilit kellu jissellef mingħand il-Gvern Ċentrali biex ikun jista' jaħdem. Meta ġie xolt fl-1973 ħalla warajh għal Gvern Ċentrali madwar nofs miljun lira Maltin. Fl-Estimi Annwali ta' l-ewwel sena l-Kunsill approva nefqa ta' Lm46,000, filwaqt li fl-aħħar sena tiegħu kellu approvata n-nefqa ta' kważi Lm200,000.**

**Id-diversità ta' suġġetti ttrattati mill-Kunsill huma xhieda ta' kemm kellu għal qalbu l-ġid ta' Għawdex u ta' l-Għawdxin. Fost dawn is-suġġetti kien hemm : il-bini ta' sptar ġdid, servizz bl-ajru bejn Malta u Għawdex, żona industrijali, mużew tal-folklor, *University of the Air*... Biex isolvi l-problema tan-nuqqas ta' djar, il-Kunsill irnexxielu jibni għoxrin flatt fi *block* wieħed, ħames garaxxijiet u tlieta u għoxrin *terraced houses*.**

*X'tgħallimna - Sens ċiviku*

Kien esperiment li wera s-sens ċiviku ta' l-Għawdxin. Il-Kunsillieri u l-membri tal-Kumitati Distrettwali kienu jwettqu sigħat twal ta' ħidma mingħajr ħlas. Kienu sigħat iddedikati għall-ġid ta' għajrhom u ta' pajjiżhom.

*Fl-għaqda, s-saħħa*

Il-Kunsill kien jirrappreżenta lil Għawdex kollu u għalhekk kien aktar faċli għalih li jitkellem b'awtorità f'isem l-Għawdxin kollha u kien aktar faċli li jiġi mismugħ peress li ma kien hemm ħadd ħliefu.

*Nies tal-post*

**Ħadd daqs in-nies tal-lokal ma jafu l-ħtiġijiet ta' l-istess lokalità u ħadd daqshom mhu interessat li dawn il-ħtiġijiet jiġu solvuti. Sabiex Għawdex jimxi 'l quddiem jeħtieġ li l-attivitajiet amministrattivi f'din il-gżira, jinġiebu taħt it-tmexxija ta' awtorità waħda, li jkollha s-sede tagħha f'Għawdex u mmexxija minn Għawdxin.**

XHIEDA NISRANIJA FL-ISTORJA TAL-KNISJA GĦAWDXIJA

# *Brother Michael Buttigieg S.J. (1907 - 1983)*

## *2. Kwalitajiet sbieħ u spiritwali*



Brother Michael Buttigieg wettaq ħidma kbira favur il-missjunarji ġewwa Kalkutta. Dan seta' jagħmlu biss għax kien bniedem ta' Alla.

Kien bniedem ta' talb. Kien iqum kuljum fl-4.30 am u jisma' l-quddiesa tal-5a.m. u jibqa' fil-kantorija waqt il-quddiesa tas-6.30a.m. Anki filgħaxija kien jiffrekwenta l-kappella. Kien bniedem ta' eżempju bħala bniedem ta' talb kemm mil-lat komunitarju u kemm mill-aspett personali. L-attività li kien jagħmel kienet bla ebda interessi. Minn idejh kienu jgħaddu eluf ta' liri, iżda n-negozju tiegħu qatt ma rrenda qligħ. Għalhekk Brother Michael Buttigieg huwa eżempju ta' kif wieħed għandu jgħix dak li qal Kristu li nkunu fid-dinja, filwaqt li ma nkunux ta' din id-dinja.

Dan il-Brother għex il-ħajja ta' komunità reliġjuża bis-sabiħ u anki bl-iebes tagħha. Kien bniedem li, b'sempliċità u umiltà, integra ruħu tajjeb mal-istituzzjoni li kien fiha u sar biċċa waħda minnha. Sħabu jiftakruh, meta kien għadu żgħir, mimli b'enerġija kbira, mimli paċenzja u li serva d-dmirijiet tiegħu b'imġiba ferreħija. Dawn huma kollha fatturi li jibnu komunità reliġjuża u jagħmluha dinamika.

Kien bniedem li għamel karità ma' kull klassi ta' nies. Dan juri li kien sensittiv għall-ħtiġijiet tal-proxxmu. Dan il-fatt li ġej juri din il-kwalità nobbli b'mod ċar. Darba kien daħal filgħaxija fil-kulleġġ u ltaqa' ma' wieħed fqir ħdejn il-bieb u talbu l-karità. Dakinhar Brother Michael ma tah xejn. Iżda meta daħal fil-kamra u kien se jibda jpejjep is-sigarru ftakar f'dak il-fqir. Dak il-ħin poġġa s-sigarru mill-ġdid fil-kaxxa u għal ħafna snin ma pejjipx aktar.

Brother Michael għex l-aħħar xhur ta' ħajtu b'serenità kbira. Meta, xi xahrejn qabel ma miet, il-Provinċjal għarrfu li ma kienx hemm kura tal-marda, dlonk wieġbu bil-kalma: "Sant'Injazju jgħid li l-mard huwa don ta' Alla mhux anqas mis-saħħa. Hekk neħodha Father. Din il-marda hija don ta' Alla. Għext ħafna snin kuntent fil-Kumpanija, għext ħajja mimlija. Ma jiddispjaċinix."

Għalkemm kien jaf li huwa marid gravi, kompla bil-ħidma tiegħu tas-soltu qisu kien fl-aqwa ta' saħħtu. Iżda, darba ħassu ħażin fil-kappella, u hekk kellu jieqaf.

Xi xahar qabel ma ngħaqad mal-Mulej, ir-Rettur tal-kulleġġ issuġġerielu li jagħmel il-Griżma tal-Morda. Dak iż-żmien dan is-sagrament kien jingħata lil dawk li waslu fl-aħħar, tant li bl-Ingliż kien jissejjaħ *Extreme Unction*, jiġifieri l-aħħar dilka. Ir-risposta ta' Brother Michael kienet pożittiva u wieġbu: "Iva, Father, għamilli l-Griżma tal-Morda, imma nixtieq madwari f'dak il-ħin sħabi kollha tal-komunità." Hija ħaġa kurjuża li kien huwa stess li daqq il-qanpiena biex tingħabar il-komunità.

Imbagħad Brother Michael għadda l-aħħar xahar fl-infermerija tal-kulleġġ. Qatt ma gerger mill-marda, anzi baqa' fil-paċi u jitlob sa l-aħħar. Darba, f'mument ta' wġigħ, semgħuh jgħid: "Il-mard huwa don ta' Alla."

Tant ħalla impressjoni tajba, li fl-omelija tal-funeral tiegħu ntqal: "Meta naħsbu fih, inħossu dak li qal wieħed mill-Fathers anzjani li kien jafu tajjeb: 'Il-Brother kien raġel tassew tajjeb.' Għex fostna l-virtujiet kollha."

***Angelo Xuereb***


# LUMEN CHRISTI BOOKSHOP

Triq Fortunato Mizzi, Victoria. Tel: 21560496/7



*Fis-Sajf fil-għodu biss: 10.00am - 1.00pm*

*Skont ta' 10% fuq kotba ta' qari tajjeb għat-tfal... is-sena kollha!*



Għawdex Online (4)



# Il-Ministeru għal Għawdex (2)



riċerka u kitba ta' SALVU FELICE PACE, sfelicepace@mail.global.net.mt

**Fl-aħħar appuntament magħkom ktibt dwar il-kontenut tal-websajt tal-Ministeru għal Għawdex bl-indirizz www.gozo@gov.mt. Din id-darba ser nikkonċentra fuq diversi servizzi li jingħataw permezz ta' din is-sit. Bħala punt ġenerali tajjeb li nsemmi li kull websajt ta' Ministeru jew Dipartiment tal-Gvern hija servizz fiha nnifisha, għax anke l-informazzjoni hija servizz.**

L-ewwel ma tolqtok f'kull websajt hija l-paġna tal-merħba. Minn din il-paġna fis-sit tal-Ministeru tagħna tista' ssib lista tal-avvenimenti kollha kulturali, reliġjużi u soċjali għax-xhur kurrenti. Dan tista' tagħmlu billi tikklikja fuq *'Gozo Cultural Calendar'*. Fis-sit issib ukoll taqsima b'avvenimenti annwali bħal Karnival u l-festi tal-Ġimgħa l-Kbira li allura jgħinu għal ċertu ppjanar kemm minn naħa ta' organizzaturi u kummerċjanti, kif ukoll għal dawk li jridu jieħdu sehem attiv jew jixtiequ jattendu. Fl-ewwel paġna ssib ukoll is-servizz tat-temp għal dak il-ħin li żżur is-sit.

Kif inhu mistenni, it-taqsima Trasport għandha importanza partikulari għall-poplu li ħafna drabi jiddependi għall-għixien tiegħu minn vjaġġi spissi jekk mhux ta' kuljum għal Malta. Hawn issib l-iskedi tal-vapuri tal-*Gozo Channel* u tal-Lanċa ta' Kemmuna. Tista' wkoll mis-sit tidħol fil-websajt **www.gozochannel.com** fejn issib ħafna tagħrif siewi, kif ukoll taqsima ta' servizz għall-konsumatur u lok fejn tista' tħalli xi lment. Hemm ukoll tagħrif dwar is-servizz li qed jiżdied fil-popolarità tiegħu, dak tal-ajruplan li jillandja fuq il-baħar. Il-kumpanija *Harbourair Malta* toffri servizz għat-turisti li jridu jgawdu x-xenarju tal-gżejjer Maltin mill-ajru u toffri wkoll servizz skedat. Mis-sit tista' tidħol f'**www.harbourairmalta.com** fejn issib ukoll formola biex tirriserva post fuq xi vjaġġ tal-għażla tiegħek. Issib ukoll skeda tal-karozzi tal-linja u lista ta' operaturi tal-karozzi tal-kiri u servizz ta' *taxi*. Dawn ta' l-aħħar huma akkumpanjati bl-indirizz tal-*email* kif ukoll tal-websajts tagħhom.

Bħala gżira turistika l-akkomodazzjoni hija pedina importanti ħafna. Fis-sit issib informazzjoni dwar appartamenti tista' tgħid f'kull rokna ta' Għawdex, *guesthouses*, lukandi u *farmhouses*. Il-listi li jsemmu biss akkomodazzjoni approvata mill-Awtorità Maltija tat-Turiżmu, ivarjaw ħafna. Mhux l-intenzjoni tal-websajt li tidħol fil-mertu ta' x'inhi l-aħjar akkomodazzjoni. Is-sit tiffaċilità l-għażla speċjalment għal dawk li ser ikunu jżuru Għawdex għall-ewwel darba.

L-Organizzazzjonijiet mhux Governattivi llum qed jingħataw aktar importanza. Il-websajt tal-Ministeru għal Għawdex fiha taqsima ddedikata lilhom bl-isem Assoċjazzjoni tal-NGOs. Fis-sit issib formola li tista' tintuża *online* biex anke l-Organizzazzjoni tiegħek tissieħeb f'din l-Assoċjazzjoni. Kważi kull qasam ta' attività llum għandu l-NGO tiegħu. Mis-sit tista' wkoll tidħol fil-websajt tal-Assoċjazzjoni tal-NGOs bl-indirizz **www.gozo-ngos.org**.

Ma tonqosx ukoll taqsima ta' interess għal kull resident Għawdxi dwar il-Kunsilli Lokali. Il-Kunsilli kollha għandhom il-websajt tagħhom, x'uħud aġġornati ta' kuljum, oħrajn le. Hawn nappella biex kull Kunsill iżomm il-websajt tiegħu dejjem aġġornata. Il-websajts tal-Kunsilli b'mod ġenerali jinkludi stqarrijiet għall-istampa maħruġa mill-Kunsill partikulari, avviżi ta' attivitajiet kulturali, soċjali, reliġjużi u sportivi, tagħrif dwar proġetti fil-lokalità, aħbarijiet lokali, l-istorja tal-lokal, listi ta' postijiet ta' interess għall-viżitaturi Maltin u barranin u tagħrif dwar il-ġemellaġġi. Fl-ewwel paġna ta' din it-taqsima ssib in-numru tat-telefon tal-Kunsill tiegħek.

Taqsima oħra bl-isem ta' "Riferenzi" tagħti lista ta' madwar għoxrin websajt ta' interess għall-Għawdxin. Dawn jistgħu jiġu aċċessjati mis-sit stess. X'uħud minnhom jixirqilhom il-kummenti tiegħi f'din ir-rubrika aktar 'l quddiem. L-interess ta' dawn is-siti jvarja minn edukazzjoni, arti, kultura u suġġetti oħra.

Il-websajt tinkuraġġixxi lil Għawdxin biex jagħmlu kuntatt magħha billi jibgħatu *email* f'dan l-indirizz: **info.mgoz@gov.mt**. Jista' jsir ukoll mal-websajt fl-indirizz: **webmaster.mog@gov.mt**.

Sizzlers
A La Carte • Take Away
Fortunato Mizzi Street,
Victoria, Gozo.
Tel: 21 566 599
Mob: 99 90 90 90
99 85 41 76

*Lenti fuq il-Ħajja Madwarna*

# Aħsibha qabel tfattarha!



*Kitba ta'* **GEORGE N. CASSAR**

**Wasal jum it-tieġ. Il-mistednin sabu posthom fil-knisja. Wieqaf, dritt, dritt, f'riġlejn l-altar maġġur, kien hemm l-għarus. Kien ilu xi kwarta jistenna. Fl-aħħar, mad-daqq tal-*Wedding March*, tfaċċat l-għarusa. Hekk kif rifset fuq il-presbiterju u l-għarus resaq ħdejha, donnu qabadha bħal ferħ ta' ġenn u għamlet waħda tinqara u tinkiteb. Tajret il-velu minn fuq wiċċha, daret fuq ommha xi erba' passi warajha, u "Hux int ridtu?" qaltilha b'leħen ċanfari. "Mela ejja żżewġu int." U qabdet u niżlet b'pass ħafif, bil-velu jperper warajha, u ħarġet 'il barra, sabet ix-xufier u ordnatlu jeħodha lura d-dar minn fejn kien ġabha.**

Din l-istorja ma qlajthiex minn żniedi. Dik l-imbierka ta' għarusa kienet bdiet tinnamra ma' ġuvni tamparha u spiċċat miġnuna fuqu, imma ommha ħaslet ma ħaditx grazzja miegħu u għamlitilha ħajjitha infern. Sadattant rat kif għamlet u laqqgħetha ma' wieħed, jiġi missierha fil-wisa', imma għax kien għamel il-flus ħasbet li tista' tressaq il-boċċa ħdejn il-likk. Arralha. Meta ġiet għas-*si* u n-*no*, il-boċċa sgiċċat u marret għal riħha.

Min jaf, dari, kemm povri nisa kellhom jitqannew b'irġiel li bilkemm kienu jafuhom, aħseb u ara kemm kienu jħobbuhom. Għalkemm dari għadda u mar, għadek issib lil min irid jindaħal u jippretendi li għandu dritt jiddeċiedi hu l-ħajja ta' ħaddieħor. Fi ċkunitna huma l-ġenituri li jiddeċiedu għalina sa l-inqas ħaġa, u jfasslulna ħajjitna kif jidhrilhom huma. U bir-raġun. Kieku kellna nitwieldu bl-użu tar-raġuni, aktarx li l-istess deċiżjonijiet li ħadu għalina, konna neħduhom aħna b'għajnejna magħluqa. Imma la tikber il-folja tinqaleb. Ma tkunx trid min jindaħallek u jiddettalek. Iżda ngħid u ntenni, għadek issib ġenituri li lil uliedhom, anki meta jixrafu, jibqgħu ma jafdawhomx. Jibqgħu jittrattawhom ta' tfal, jindaħlulhom f'kollox u jispiċċaw biex jifgaw il-personalità tagħhom. Uliedhom jikbru u x'aktarx jibqgħu immaturi, m'humiex kapaċi jfendu għal rashom.

Ħajjet il-bniedem hija sensiela sħiħa ta' għażliet, katina twila, twila, ta' deċiżjonijiet waħda f'waħda, il-biċċa l-kbira minnhom deċiżjonijiet ħfief, jekk mhux ukoll frivoli, imma biċċiet minnhom ta' natura serja. Bosta drabi lkoll kemm aħna niddeċiedu f'ħakka t'għajn, fuq l-impuls tal-mument. Ngħid għalija, waħda mid-deċiżjonijiet ħfief neħodha, għodu għodu, qabel ma l-mara toħroġ għax-xirja. Id-deċiżjoni ta' l-ikla ġeneralment tħalliha f'idejja - wieħed mill-ftit privileġġi li baqagħli. (Le, le, mhux kif qed taħseb int; m'iniex xi pittma għall-ikel. L-għażiża ommi darrietni niekol dak li joħroġ il-kunvent.) Imma, meta tiġi għas-serjetà, ngħidu aħna, x'karriera sa taqbad, jew titlaqx l-impjieg li għandek għax twebbilt li temigra, trid taħsibha u terġa' taħsibha. Deċiżjoni serja, jekk ma tinzertax f'emerġenza, ma tridx teħodha fis-saħna tal-mument, bir-rabja tagħwar ġo fik, jew meta tħossok għajjien, moħħok imħawwad jew qalbek muġugħa. Trid tirrifletti u tiżen kollox bil-kalma, u jekk ikun hemm bżonn, titlob parir minn persuna ta' l-esperjenza u ta' l-affari tagħha. Jekk ma tgħaġġilx, iż-żmien ukoll jista' jagħtik parir. Smajnieha kemm-il darba t-twissija: "Qis mitt darba u aqta' darba." **Trid tifhimha darba għal dejjem li deċiżjoni waħda ħażina taf tħalli warajha effetti ħżiena li jdumu jkarkru s-snin; tista' tbati int biss jew x'aktarx ibatu miegħek oħrajn. Imma mbagħad ma tridx tmur fl-estrem l-ieħor u ddum taħsibha eternità. Meta tibqa' fid-dell tal-biża', ittella' u tniżżel, ma tafx fejn int, id-dubju jibda jifnik. Għandu mnejn jiġrilek bħall-ħmar li sab ruħu quddiem żewġ qatgħet silla u baqa' bil-ġuħ!**

Xi kultant tiddeċiedi u bilkemm ikun sebaħ l-għada meta ssib li tkun ħadt falza stikka. Jiżbalja kulħadd, anki dak li jorbot idejh u ma jasal għall-ebda deċiżjoni; forsi l-iżball ta' dal-proxxmu jpatti iktar qares għalih. Ġie li ssib ruħek f'dilemma (bi qrunha b'kollox) u tiġi dahrek mal-ħajt: ikollok tagħżel bejn żewġ triqat li ebda waħda minnhom ma tkun togħġbok; taqta' minn fejn taqta', sa toħroġ id-demm. Drabi oħra tibża' tiddeċiedi għax tkun qed tissogra, u r-riskju, xi ftit jew wisq, jibża' minnu kulħadd. Nieħdu marid dieħel l-isptar. It-tabib qalhielu ċar u tond li hemm xi komplikazzjonijiet u l-operazzjoni tista' ma tirnexxix.

Imma l-pazjent, minkejja li f'għajnejh qed jixgħel l-aħmar, għamel kuraġġ lilu nnifsu u l-operazzjoni għamilha. Dan l-element ta' sogru jitfaċċa ta' spiss fin-negozju. Issa, ngħiduha kif inhi, jekk negozjant sa joqgħod jittertaq u jitfittet ġo fih biex jieħu deċiżjoni kull darba li jidħol għal xi biċċa negozju, jaqbillu jżarma llum qabel għada.




**Ħa rreġġa' l-arloġġ lura u nsemmi traġedja li ġrat sittin sena ilu. Kien sewwa sew is-Sibt 30 t'Ottubru 1948. Dik il-ħabta Għawdex tagħna kien għadu jlaqqat il-loqom li jaqgħu minn fuq il-mejda tar-rajjes ta' Malta. Grupp ta' Għawdxin niżlu l-Marfa biex jaqsmu għal Għawdex, imma l-vapur ma ħadimx. Kien ilu xi tlitt ijiem maltemp, bir-riħ jonfoħ mil-Lbiċ. Is-Sibt ta' qabel kien ġralhom l-istess; baqgħu mwaħħlin Malta. Nistħajjel kellhom seba' mitt sena sakemm jinġabru d-dar mal-familja. Fl-aħħar, għall-ħabta tas-sebgħa ta' filgħaxija, tfaċċa daqsxejn ta' luzzu. Għalkemm il-fliegu kien diġa' tkeffen fid-dlam, ilkoll kemm huma ddeċidew li jirkbu u jiġu bih. Il-biċċa l-kbira minnhom ma naħsibx li kienet l-ewwel darba li ħadu deċiżjoni ta' dik ix-xorta imma dakinhar is-sogru kien forsi ikbar. Ġara dak li ġara. X'ħin waslu xi mitt metru 'l bogħod minn Ħondoq ir-Rummien, il-luzzu nqaleb u 23 mis-27 li kien hemm fuqu tilfu ħajjithom. Hekk tiftaħ il-poeżija mqanqla "Id-Dgħajsa ta' l-Imħabba" li kiteb Ġorġ Pisani biex ifakkar din it-traġedja:**

***Id-dgħajsa bdiet ħierġa mill-Marfa,***
***mgħobbija sa ruħha bl-Għawdxin;***
***qalulha l-irjieħ: - Fejn int sejra***
***tittarraf f'burraxka bħal din ? -***

***Dlonk wieġbu ftit ilħna qalbiena***
***- Hemm gżira maħbuba bil-bosta***
***bla sabar ilkoll tistenniena. -***

Ċerti riskji, jekk huma raġonevoli, irid ikollok il-kuraġġ li teħodhom. Jekk tiġik ħażina, tkun tgħallimt spejjeż tiegħek. Imma anki jekk tkun għamilt ħmerija, ma tridx titmewwet. Flok tibbalzmahom, id-diżappuntamenti jaqbillek tidfinhom. Wara kollox, jekk tibqa' mkaħħal mal-passat, m'int sa tbiddel xejn. Ħajtek jaqbillek tibqa' tgħixha fil-milja kollha tagħha, bid-deċiżjonijiet tajbin u ħżiena li tkun ħadt. Nistieden hawnhekk lill-qarrej jaqra din l-intervista li wieħed ġurnalista żagħżugħ għamel lil direttur ta' kumpanija li baqa' msemmi għas-suċċessi kbar li għamel u l-fortuna li bena.

*Ġ: Sur Direttur, għaliex taħseb li kellek dak is-suċċess kollu fil-karriera tiegħek ?*
*D. Sempliċi. Żewġ kelmiet .*
*Ġ: X'inhuma dawn il-kelmiet ?*
*D. Deċiżjonijiet tajbin.*
*Ġ: U dawn id-deċiżjonijiet tajbin kif tasal għalihom?*
*D. Kelma waħda. Esperjenza.*
*Ġ: U l-esperjenza kif iġġibha, Sur Direttur?*
*D. Sempliċi wkoll. Żewġ kelmiet.*
*Ġ: U dawn il-kelmiet xinhuma?*
*D. Deċiżjonijiet ħżiena.*


RAYMOND CEFAI
TAL-KELBA LTD.
• BUILDING CONTRACTOR
• CRANE &
GENERATOR HIRE

"RayRita", Triq it-Tempju, Qala, Gozo.
Tel: 2155 7847, 2156 2532 Mob: 9949 3169

Passiġġata Biblika - 40

*"Għax intom tafu sewwa li jum il-Mulej jasal bħal ħalliel bil-lejl." (1 Tessalonkin 5:2)*

# NITĦEJJEW GĦALL-MIĠJA TAL-MULEJ

## Ħarsa lejn it-Tagħlim fiż-Żewġ Ittri ta' San Pawl Appostlu lit-Tessalonkin

**minn Fr. Charles Buttigieg**

### *L Ewwel u t Tieni Ittra lit Tessalonkin*

**L-ewwelnett, il-belt ta' Tessalonika, li hija Salonika tal-lum fil-grigal tal-Greċja, kienet imwaqqfa fis-sena 316 Q.K. Hija kienet imsemmija għal oħt Alessandru l-Kbir u kienet il-Belt Kapitali tal-Provinċja tal-Maċedonja. Il-belt kienet famuża, għaliex minnha kienet tgħaddi l-'Via Egnatia', it-triq prinċipali li kienet tgħaqqad l-Asja Minuri mal-Ewropa u għalhekk għal San Pawl serviet ta' punt strateġiku ferm importanti, imnejn il-fidi nisranija setgħet tinxtered ma' kullimkien: "Għax minn għandkom dwiet il-Kelma tal-Mulej, mhux biss fil-Maċedonja u fl-Akaja, imma kullimkien xterrdet il-fidi tagħkom f'Alla..." (1 Tess 1:8, ara Atti 17:1-19).**



*Tessalonika moderna, kif tidher parti minnha llum bħala belt fgata bil-bini.*

L Ewwel Ittra lit Tessalonkin inkitbet f'Korintu madwar is-sena 51 W.K., wara li Pawlu kellu jaħrab hu u Silas minn Tessalonika għal Bereja, imbagħad Ateni u mbagħad għal Korintu fit-tieni vjaġġ missunarju (ara Atti 17:1-34). Hija l-eqdem kitba kanonika tal-Ġdid Testment. Hawnhekk San Pawl jikteb sabiex iqawwi l-qalb ta' l-insara ta' din il-belt, wara li kien irċieva xi aħbarijiet, ħalli ma jerġgħux jaqgħu lura għall-paganiżmu u jkellimhom dwar il-Parusija jiġifieri t-Tieni Miġja Glorjuża ta' Ġesù. It-Tieni Ittra lit-Tessalonkin, inkitbet ftit xhur wara l-ewwel waħda, wara li San Pawl semgħa bit-tfixkil li kien hemm fil-komunità, billi xi uħud bdew jgħidu li l-Parusija kienet fil-qrib u għalhekk intefgħu fil-għażż. Hawnhekk, San Pawl b'awtorità tiegħu ta' appostlu, jwissi kontra dan l-aġir żbaljat. Fit-tislima tal-bidu taż-żewġ ittri, jsemmi flimkien miegħu lil Silas (Silvanu) u lil Timotju (ara 1 Tess 1:1 u 2 Tess 1:1). Ta' min isemmi li Aristarku u Sekundu dixxipli ta' San Pawl, kienu proprju minn Tessalonika (ara Atti 20:4).

### *Bil-Kurazza tal-Fidi u l-Elmu tat-Tama*

Huwa ċert li San Pawl permezz ta' dawn iż-żewġ ittri jrid jagħmel kuraġġ lil din il-komunità billi jsaħħaħha fil-fidi u jsaffiha minn kull tagħlim u twemmin żbaljat: "...Għixu fis-sliem bejnietkom, widdbu lill-għażżenin, agħmlu l-qalb lill-beżżiegħa, għinu lid-dgħajfa, stabru b'kulħadd, ifirħu dejjem, itolbu bla waqfien, roddu ħajr lil Alla f'kollox, għax dan hu li jrid Alla minnkom fi Kristu Ġesù" (1 Tess 5:13-18). Hija din il-fidi li tkompli ssaħħaħhom anke quddiem il-ħafna tfixkil u tkompli timlihom bit-tama fil-Mulej: "...Hekk inkunu mal-Mulej dejjem. Mela farrġu lil xulxin b'dal-kliem" (1 Tess 4:17-18); "Sidna Ġesù Kristu stess u Alla Missier tagħna, li ħabbna u tana l-kuraġġ ta' dejjem u tama bil-grazzja" (2 Tess 2:16).

### *Ejja Mulej Ġesù*

F'dawn iż-żewġ ittri, San Pawl jitkellem l-iktar dwar it-Tieni Miġja Glorjuża ta' Ġesù (ara 1

Tess 4:13–5:11 u 2 Tess 2:1-12). Huwa jisħaq li n-nisrani għandu jaħdem u jagħmel it-tajjeb waqt li jistenna lill-Mulej għaliex ħadd ma jaf meta dan ser iseħħ. San Pawl jistedinhom biex jaħdmu u ma jitgħażżnux għax importanti li wieħed ikun ippreparat għall-Miġja tal-Mulej u mhux jistennew u ma jagħmlu xejn bħalma kienu qegħdin jagħmlu xi uħud: "biex ma toqogħdux titħawdu u tinħasdu bħallikieku l-miġja tal-Mulej qorbot u la jekk tkunu mnebbħin mill-Ispirtu u lanqas jekk tisimgħu xi kelma jew taqraw xi ittra taparsi minn għandna" (2 Tess 2:2); "Issa aħna smajna li hemm xi uħud fostkom li qegħdin jitgħażżnu; m'humiex jaħdmu imma qegħdin jinħlew fix-xejn" (2 Tess 3:11).

Huwa filfatt jurihom kemm hu u sħabu, filwaqt li kienu jistennew il-Miġja tal-Mulej, kienu lkoll jaħdmu għall-għajxien tagħhom: "Intom ħuti tiftakru fit-taħbit u t-tbatija kbira tagħna, aħna ħdimna bil-lejl u bi nhar biex lil ħadd minnkom ma ngħabbu" (1 Tess 2:9). Din il-verità tal-Parusija għandha għalhekk timlihom bil-kuraġġ u t-tama ħalli jibqgħu fil-Mulej u jħobbu lil xulxin: "Fuq l-imħabba ta' l-aħwa ma għandkomx għalfejn niktbilkom, għax intom tgħallimtu minn Alla nnifsu tħobbu lil xulxin u dan intom tagħmluh ma' l-aħwa kollha…(1 Tess 4:9-10); "Jalla l-Mulej iwassal lil qlubkom għall-imħabba ta' Alla u s-sabar ta' Kristu" (2 Tess 3:5).

***Konklużjoni***

It-tagħlim ta' San Pawl lit-Tessalonkin għandu jkompli jsaħħaħna fit-talba ta' l-ewwel insara, li għandha tkun it-talba tagħna lkoll, fiż-żmien ta' l-Avvent: 'Ejja Mulej Ġesù' (bl-Aramajk: *marana' ta'*, fil-forma Griega: *maranatha*). Irridu mela nissaħħu fil-fidi, nħobbu lil xulxin ħalli b'hekk nittamaw fis-salvazzjoni: "Għax Alla ma għażilniex għall-għadab, imma għar-rebħa tas-salvazzjoni permezz ta' Sidna Ġesù Kristu li miet għalina biex, imqajmin jew reqdin, ngħixu flimkien miegħu" (1 Tess 5:9-10).



*Tessalonika: l-"Agora" antika fiċ-ċentru ta' belt moderna fil-Greċja.*

***Biblijografija***

ALETTI, J.-N., *"L'apôtre Paul et la parousie de Jésus Christ. L'eschatologie paulinienne et ses enjeux"*, RSR 84 (1996) 15-41.

HOLTZ, T., *Der erste Brief an die Thessaloniker*, EKKNT 13, Zurich 1986.

PLEVNIK, J., *"1 Thessalonians 4:17: The Bringing in of the Lord or the Bringing in of the Faithful?"*, Biblica 80 (1999) 537-546.

SIMPSON, J.W., *"Lettere ai Tessalonicesi"*, in G.F. HAWTHORNE – R.P. MARTIN – D.G. REID (eds.), *Dizionario di Paolo e delle sue Lettere*, Torino 2000, 1529-1541.

WANAMAKER, C., *"Like a Father treats his own children, Paul and the Conversion of the Thessalonians"*, Journal of Theology for Southern Africa 92 (1995) 46-55.

WRIGHT, N.T., *"Justification and Eschatology in Paul and Qumran"*, in A. SANG-WON (ed.), *History and Exegesis: New Testament Essays in Honour of Dr. E. Earle Ellis for His 80th Birthday*, London 2006, 104-132.

MARIO
DISPENSING OPTICIANS
57, MAIN GATE STREET, VICTORIA, GOZO.
Prop.: Mario P. Grech F.A.D.O. (Lond.).
Appointments for
EYE TESTING / EXAMINATION
by the Latest Computer Technology
and Eye Specialists
Telephone: 55 65 28 / 56 33 31

Peter's Butcher Shop
For top quality fresh meat, a wide selection of fresh sausages and quality homemade meat products such as meat balls, bragioli, kebabs, burgers, stuffed pork and more...
St. Joseph Square, Qala Gozo
Mob: 7905 5051 · Tel: 2785 5051

**Għawdex Qabel ir-Ritratti (9)** — *minn* **JOHN CREMONA**

# L-eqdem ċimiterju ta' Għawdex



Dessiné et gravé par J. Houel

Vue d'un Edifice antique
situé près la Tour des Géants, dans l'Isle du Goze.

Naħseb li ftit huma dawk li llum ma semgħux biċ-Ċirku tax-Xagħra jew kif inhu magħruf aktar komunament il-*Brochdorff Circle*. Dan huwa kumpless funerarju ta' żmien it-tempji preistoriċi u l-uniku wieħed tas-sura tiegħu li nstab s'issa f'Għawdex u għalhekk nistgħu nsejħulu l-eqdem ċimiterju ta' Għawdex.

L-eqdem parti ta' dan il-kumpless tmur lura sas-sena 4100 QK u dam jintuża ta' l-anqas sa l-2500 QK. Dan kien jikkonsisti f'ċirku ta' ġebel kbir maġenb it-triq li mit-telgħa tax-Xagħra twassal għal Sant'Anton. F'nofsu kien hemm taraġ li jniżżel l-isfel għal numru ta' għerien naturali u oħrajn maqtugħa mill-bniedem li fihom kien isir ir-ritwal tad-dfin.

L-ewwel persunaġġ li ddeskrivieh fid-dettall u li ħalla xi akwarelli tal-post kien Jean Pierre Louis Laurent Houel fil-ktieb monumentali tiegħu *'Voyage pittoresque des isles de Sicile, de Malte et de Lipari'* stampat f'Pariġi fl-1785 li dwaru diġà tkellimt fl-artiklu numru (1) ta' din is-sensiela.

Houel jgħid li l-qies tal-ġebel li jiffurmaw iċ-ċirku, l-forma u l-mod ta' kif inhu mibni dan iċ-ċirku huwa interessanti ferm u impressjonanti minħabba l-qisien tiegħu li mill-ewwel jimpressjonaw lil min iżur dan il-post. Huwa jagħti wkoll il-qisien taż-żewġ ġebliet kbar li jidhru fin-nofs u jgħid li dawn huma għoljin tmintax-il pied, u sitt piedi b'erba' piedi wisa'. Huma mbegħdin minn xulxin erba' piedi u jiffurmaw l-intrata għal ġoċ-ċirku.

Bejn l-1820 u l-1826, il-Gvernatur ta' Għawdex John Otto Bayer u l-Maġistrat James Somerville ħaffru fin-nofs taċ-ċirku u sabu fdalijiet li ħallielna xhieda tagħhom l-artist Charles de Brocktorff permezz ta' żewġ akwarelli li llum jinstabu fil-Bibljoteka Nazzjonali f'Malta. Dawn ir-rovini ġew meqruda ftit tas-snin wara meta sid l-art kisser kollox għaliex ma laħaqx ftiehem mal-gvern fuq il-prezz ta' l-art.

Għal ħafna snin dan il-post ħadd ma kien għadu jaf fejn qiegħed u min jgħid post u min jgħid ieħor. Kellhom ikunu r-riċerki u l-istudji ta' Joe Attard Tabone mix-Xagħra li reġgħu stabbilew il-post fejn kien. Bejn is-snin 1987 u 1994 arkeoloġi barranin u Maltin skavaw dan il-post u ġabru u studjaw aktar minn mitejn elf għadma umana u tunnellata ta' fuħħar flimkien ma' wħud mill-isbaħ sejbiet ta' arti preistorika li llum jinstabu għall-wiri fil-mużew ta' l-arkeoloġija ta' Għawdex. Dalwaqt mistenni li jiġi stampat ir-rapport ta' l-iskavar, studju importanti ferm li ser jitfa' ħafna dawl ġdid fuq il-ħajja, r-ritwali u d-drawwiet tan-nies tal-preistorja li għexu f'Għawdex.

L-inċiżjoni hija intitolata *Vue d'un edifice antique situe pres la Tour des Geants, dans l'Isle de Goze* u ġġib in-numru CCXLIX. Hija għandha qisien ta' 260mm x 375mm. L-akwarella oriġinali ta' din l-inċiżjoni bħal oħrajn li jidhru fl-istess ktieb kienet inxtrat mill-Imperatriċi Katerina tar-Russja u llum tinsab fil-Mużew tal-*Hermitage* f'St Petersburg.




# L-arluġġar Angelo Antonio Contacina

**Id-dokument numru mija tmienja u sittin li qegħdin nippubblikaw f'din is-sensiela ta' paġni mill-Arkivju Nazzjonali ta' Għawdex hu dwar l-arloġġ ġdid li tqiegħed fiċ-Ċittadella fil-bidu tas-sena 1708. Dan id-dokument jinsab reġistrat fil-għaxar volum ta' l-*Acta* ta' l-*Universitas Gaudisii,* il-Gvern Reġjunali ta' Għawdex fi żmien il-Kavallieri ta' San Ġwann (1530-1798), manetta (1708-1709), folju 18r (NAG, UG, *Acta,* 10 (1708-1709) f. 18r).**



Din hi traskrizzjoni tal-irċevuta tal-ħlas:

*Signore Notaio Aloysio Grech, Giurato e Tesoriere di questa Università del Gozo, pagarete ad Angelo Antonio Contacina, orologiere, Scudi quattordici di moneta per suo accesso in quest'Isola del Gozo in pianeare ed allestire l'orologio nuovo, e recesso da dett'Isola a quella di Malta e per tutto quello che spreceso havea nel suo memoriale, giusta il decreto dell'Eccelentissimo Signore Siniscalco spedito li 10 corrente al quale inherendo, per che tirando a cautela ponerete a nostri conti, lì 20 novembre 1708.*

L-arloġġ il-ġdid taċ-Ċittadella – kif ktibna f'numru 161 ta' din is-serje – kien tpoġġa f'postu fl-ewwel ġimgħat tas-sena 1708 u l-ħlasijiet konnessi miegħu saru nhar il-5 ta' Frar, 1708. L-ikbar spiża kienet tal-arloġġ innifsu. Sewa s-somma ta' 122 skut u 6 tarì (€23.76) – somma kbira ħafna meta wieħed jikkunsidra li mas-60 skut kienet paga tajba ta' sena.

Fid-dokument tal-5 ta' Frar, 1708, l-iskrivan ta' l-Università kien kiteb isem l-arluġġar bħala Mastru Angelo Contarini. Dan id-dokument jirreferi għall-istess arluġġar, b'kitba iktar deċifribbli, bħala Angelo Antonio Contacina – aktarx li l-isem eżatt hu dan it-tieni wieħed. Il-kunjom hu tipikament Sqalli.

L-arloġġ il-ġdid kien tqiegħed fit-torri tal-arloġġ li jinsab fuq ir-riħ tal-Pjazza tal-Katidral. It-torri nbena fis-sena 1639 bil-ħidma ta' Girolamo Castelnovo, dak iż-żmien Gvernatur ta' Għawdex. L-arloġġ fil-bidu kellu kwandrant wieħed faċċata tal-Knisja Matriċi u Kolleġġjata ta' Għawdex. It-tieni kwadrant, dak li jħares lejn ir-Rabat, kien miżjud fis-sena 1739.

L-arloġġ li tqiegħed fil-bidu tas-sena 1708 – tliet mitt sena ilu – jidher li ma bediex jiffunzjona mill-bidu u li kellu bżonn xi aġġustamenti mill-imgħallem li kien għamlu. Għal din ir-raġuni, intalab il-permess tas-Siniskalk biex l-arluġġar li kien bnieh jerġa' jinġieb Għawdex ħalli jagħmel it-tibdil meħtieġ.

Is-Siniskalk laqa' t-talba ta' l-Università fil-10 ta' Novembru, 1708. L-arluġġar inġieb Għawdex immedjatament u dlonk beda x-xogħol fuq l-arloġġ u għamel l-aġġustamenti meħtieġa.

Il-proġett li l-arluġġar kien ippreżenta, il-vjaġġ lejn Għawdex u lura, u x-xogħol fuq l-arloġġ il-ġdid swew lill-Università s-somma ta' 14-il skut (€2.72). Dawn tħallsu lill-arluġġar nhar l-20 ta' Novembru, 1708.

**John Portelli Enterprises Ltd.**
**IATA ACCREDITED AGENT**

The Agent for all your Travel Needs!!

7, INDEPEDENCE SQUARE, VICTORIA VCT 1022, GOZO, MALTA
TEL: (356) 2156 1212 / 2156 1213 FAX: (356) 2156 0133
e-mail: tokkjpetravel@onvol.net

108, ST. JOHN STREET, VALLETTA VLT 1169, MALTA
TEL: (356) 2124 7016 / 2123 5772 FAX: (356) 2124 7536
e-mail: sangwannjpetravel@onvol.net

# B'Impenn u bi Pjaċir



Antoine Vassallo (President Assoċjazzjoni tal-Organizzazzjonijiet mhux Governattivi Għawdxin)
info@gozo-ngos.org - 2156 5492

## IKTAR GĦAJNUNA MILL-FONDI EWROPEJ

Inħoss li l-Ħamis 3 ta' Lulju kien jum sinifikattiv: saret laqgħa ta' 'l fuq sew minn sagħtejn fiċ-ċentru ta' l-NGOs (ix-Xewkija). Propjament l-essenzjal la kien it-tul - u lanqas il-post; għalkemm anki dan hu rilevanti: dan il-bini tal-gvern kien spiċċa battal - u nieżel! Il-Ministeru għal Għawdex iddeċieda jkompli mal-isforzi biex jiżdiedu l-faċilitajiet offruti fi gżiritna u allokah fis-sena 2000 għall-użu tal-volontarjat. Matul is-snin kompla tjieb u llum iservi anki għal, per eżempju, il-liċenzji tas-sewqan u għal bosta laqgħat u korsijiet. Sintendi jibqa' prinċipalment lokal bla ħlas għall-għaqdiet żgħar u kbar.

U allura kien xieraq li dan l-appuntament isir hawn. Għax rappreżentanti minn firxa wiesgħa ta' organizzazzjonijiet kienu preżenti biex jirċievu spegazzjonijiet dwar il-leġiżlazzjoni l-ġdida fir-rigward tas-settur volontarju. Avolja forsi ma kienx ħin ideali, is-sala mtliet għal kollox - anzi faret. Dan kien sodisfazzjon ċar għalija għax, ikolli nistqarr, kont xi ftit inkwetat! L-erba' mistednin li ġibna minn Malta żgur ma għandhomx ħin x'jaħlu: kienu jinkludu l-Kummissarju ta' l-organizzazzjonijiet volontarji (Prof. Kenneth Wain), l-uffiċjal responsabbli u Dr Max Ganado (li kien involut sew fil-formulazzjoni ta' dawn il-liġijiet). La ġew huma għalxejn u lanqas l-oħrajn! Dan kien ikkonfermat anki min-numru ta' mistoqsijiet u interventi. U bqajna niddiskutu anki x'ħin kellhom jieqfu biex jilħqu l-vapur!



*A Vassallo, Prof Wain u l-Ministru għal Għawdex Giovanna Debono*

Meta kienet ħarġet oriġinalment il-*White Paper*, konna organizzajna diskussjoni dwarha u ma qagħdniex lura milli noffru kritika u suġġerimenti, speċjalment f'dak li jolqot direttament lill-Għawdxin. Anki issa, domna x-xhur nippruvaw biex isseħħ din il-laqgħa - il-membri tal-Kunsill ta' l-Assoċjazzjoni konna ċerti mill-eżistenza ta' dubji mifruxa li kellhom bżonn spjega minn ras il-għajn. Barra minn hekk, ħadna l-okkażjoni biex inħeġġu ħalli nipparteċipaw għalenija fl-istruttura l-ġdida: b'hekk biss niggarantixxu li l-interessi "Għawdxin" jiġu mħarsa, mhux l-inqas fid-deċiżjonijiet dwar regolamenti u kif se jitħaddmu. Hekk jew hekk, bosta jidhru l-vantaġġi - inkluż il-punt essenzjali li din ir-"reġistazzjoni" tgħin fil-kuntatti barranin (u fil-parteċipazzjoni fi proġetti konnessi ma' programmi tal-Unjoni Ewropea). Kumment interessanti



*A ntoine Vassallo, Prof Wain, il-Ministru għal Għawdex Giovanna Debono u Dr Ganado*

kien dwar il-volum impressjonanti ta' kumitati u għaqdiet li għandhom konnessjoni mal-parroċċi, x'aktarx fi proporzjon ikbar minn f'Malta. Il-konsegwenza nimmaġinaha li, x'ħin jissetiljaw l-affarijiet, jinħass il-bżonn ta' klassifikazzjoni differenzjata - jekk xejn fir-rabtiet li joħorġu mir-reġistrazzjoni.

Iżda din il-laqgħa ma spiċċatx hemm: serviet ukoll ta' okkażjoni biex il-Ministru Debono (ritratt 2: jidhru ukoll Prof Wain u Dr Ganado) – barra li tesprimi s-sodisfazzjon tagħha għall-qawwa tas-settur volontarju, kif ma titlef l-ebda opportunità li tagħmel - tħabbar uffiċċju ġdid fil-Ministeru biex jipprovdi informazzjoni u għajnuna dwar sorsi ġodda ta' fondi Ewropej. Inħalli f'idejn Joseph Farrugia, l-uffiċjal inkarigat, biex jispjegalna xi ftit.

L-iskop tal-*EU Programmes Information Unit (EUPIU)* fi ħdan il-Ministeru għal Għawdex hu li jiffaċilità u jgħin sabiex Kunsilli Lokali, għaqdiet mhux governattivi, s-settur privat u dak pubbliku jagħmlu l-aħjar użu mill-programmi ta' finanzjament u għajnuna ta' l-Unjoni Ewropea.

Ir-rwol ewlieni ta' dan l-uffiċċju hu li jiġu individwati skemi li jgħoddu partikolarment għal Għawdex minn fost aktar minn 350 Programm ta' Fondi Ewropej, li huma ndirizzati lejn diversi setturi soċjo-ekonomiċi. L-entitajiet ikkonċernati ser ikunu mgħarrfa b'dawn l-iskemi u, meta toħroġ Sejħa għal Proposta, dawk interressati ikunu jistgħu jirrikorru f'dan l-uffiċċju għall-għajnuna. Fost is-servizzi li joffri, l-uffiċċju jgħin entitajiet u individwi jsibu l-imsieħba neċessarji mill-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea għall-implimentazzjoni tal-Proġett; jorganizzaw u jimlew l-applikazzjoni għall-proġett tagħhom; u fuq kollox jgħin biex ifasslu l-*budget* u jaċċerta li dan ikun wieħed bilanċjat u li jirrispetta l-kriterji tal-eleġibilità. Min-naħa l-oħra, dawk l-individwi jew organizzazzjonijiet li jkunu jridu informazzjoni dwar jekk il-proġett tagħhom jikkwalifikax għal xi tip ta' fondi mill-Unjoni Ewropea, dan l-uffiċċju ser jgħinhom jiżviluppaw il-proġett tagħhom imsawwar fuq l-oġġettivi tal-Unjoni Ewropea u jidentifika taħt liema Programm ikunu jistgħu japplikaw meta toħroġ is-sejħa għall-proposta.

Għalhekk, permezz ta' dan l-uffiċċju, issa għandna għodda oħra li biha jista' jikber l-għarfien u tingħata għajnuna aħjar u aktar effettiva fir-rigward ta' kif jiġu individwati sorsi ta' fondi Ewropej. B'hekk ikun żgurat li jsir l-aħjar użu ta' fondi fir-rigward ta' opportunitajiet ippreżentati minn programmi relatati mal-ħtiġijiet partikolari ta' entitajiet Għawdxin u tal-gżira t'Għawdex.

Min-numru ta' laqgħat li diġà saru ma' Kunsilli Lokali u organizzazzjonijiet mhux Governattivi, jidher ċar li kien ilu jinħass il-bżonn li f'Għawdex ikun hawn uffiċċju li joffri dan it-tip ta' servizz: ġiet konfermata l-utilità ta' dan l-Uffiċċju. Għalhekk nirrikkmanda bis-sħiħ illi dawk kollha involuti fis-settur pubbliku u privat fil-gżira ta' Għawdex jagħmlu użu siewi tas-servizzi li bdew jingħataw mill-uffiċċju l-ġdid, biex b'hekk igawdu mill-vantaġġi kemm finanzjarji kif ukoll inter-kulturali, permezz tad-diversi programmi u skemi ta' għajnuna mill-Unjoni Ewropea.

**joseph.k.farrugia@gov.mt**
(telefon tal-uffiċċju **22100229**)



*Joseph Farrugia jispjega permezz ta' PowerPointPresentation*

Min-naħa tiegħi nżid li bqajt impressjonat b'liema ħeġġa dawn is-servizzi bdew jiġu offruti - minn kamra żgħira temporanja. Ovvjament ix-xogħol żgur ikun jista' jimxi aħjar - u fil-kumdità - meta jitlestew il-bidliet li qegħdin isiru fl-użu ta' l-ispazji fil-Ministeru (li qatt ma huma biżżejjed dment li jkompli jiżdied in-numru ta' impjegati li jinġiebu - u s-servizzi li jiġu offruti). Mela nistgħu ngħidu li seħħet wegħda oħra nkluża fil-programm elettorali - u ssaħħet mira oħra tal-Assoċjazzjoni: is-sapport lill-volontarjat.

Waqt li nerġa' nesprimi t-tama li jitfaċċaw iktar individwi li lesti jagħtu ftit mill-ħin prezzjuż tagħhom favur is-settur volontarju sħiħ u jitħajru jidħlu fil-Kunsill tal-Assoċjazzjoni, jixraq insemmi li qegħdin nagħmlu li nistgħu - anki f'dawk li huma kuntatti internazzjonali. Forsi l-iktar ħaġa "spettakolari" kienet il-*Gozo Day* fi żmien ċ-CHOGM. Issa għadna kemm wettaqna proġett fl-iskema Leonardo Da Vinci (*NGOs Experiencing Europe - Illustrating it at home*) li kien intlaqa' mill-aġenzija għal Malta. L-esperjenza waqt żewġ żjajjar ta' ħmistax fl-Italja u l-Greċja rispettivament minn sitt rappreżentanti li jaħdmu ġo firxa ta' organizzazzjonijiet fi gżiritna trid tixtered fost kulħadd. Infatti, bħala parti mill-attivitajiet f'konnessjoni ma' Jum il-Volontarjat 2008, se jsir Seminar nhar is-Sibt 29 ta' Novembru biex tingħata informazzjoni dwar il-programmi li l-EUPA toħroġ għall-organizzazzjonijiet u individwi f'pajjiżna - u l-għajnuna li toffrilhom.

**ANTOINE VASSALLO**
*(President ta' l-Assoċjazzjoni)*
vasanti@waldonet.net.mt



PLAY - FORUM (3)

# Ma' Mewġ il-Ħajja



***Din hi t-tielet kontribuzzjoni fis-sensiela ta' djalogi drammatiċi dwar problemi ta' żmienna, miktubin mill-mibki u qatt minsi MONS. SALV BORG. Dawn huma utli ħafna għal-laqgħat ta' diskussjoni, biex joħolqu kuxjenza nisranija dwar sitwazzjonijiet diffiċli fis-soċjetà tagħna.***

## SLALEB U KARITÀ

*Tonina* Kieku taf kemm ilni nistenna biex nidħol sal-Belt. U ħa ngħidlek, li kieku ma kontx int li ħajjartni, ma kontx nidħol.

*Klara* Issa la aħna hawn neħduha *easy*. M'għandniex għaġla mmorru lura lejn id-dar.

*Tonina* Iżda Ċikku x'jgħid?

*Klara* Xi tridu jgħid... Hu wkoll ġie magħna l-Belt. Bħalissa min jaf kemm qed iħuf. Għax hu wkoll ilu ħafna ma jiġi 'l hawn.

*Tonina* Le... Minn daqshekk mhux se jagħmel f'qalbu! Riġlejh għadhom tajbin, u jaf kull toqba li hawn hawnhekk, peress li ma nafx kemm-il sena qatta' jaħdem il-Belt.

*Klara* Mela taf x'nagħmlu?... Tridx nidħlu f'dak il-ħanut u nieħdu *capuccino* u żewġ pastizzi ta' l-irkotta!

*Tonina* Ma ngħidx le, avolja qegħda ftit attenta, għax emminni ma għadu jiġini xejn.

*Klara* Tiġix tgħidli li pastizz jew tnejn ser iħaxxnek!... Tonina issa la aħna hawn nixxalaw. Illum ġejna, issa min jaf meta nerġgħu nidħlu l-Belt flimkien.

*Tonina* Inti ġmielek dieħla u ħierġa l-Belt. Ara jien irrid parank biex nitħarrek.

*Klara* Isma' Tonina, dan l-aħħar qed iġġibhom bi kbar wisq... ma nafekx hekk lilek.

*Tonina* Ma tibqax li tkun... Jien kieku rrid noħroġ u nippassiġġa, iżda nħossni ma niflaħx.

*Klara* Tintelaqx!

*Tonina* Kelma ħej!... Tintelaqx!!... U dak għax irrid, min jisimgħek?! Ċikku ħadli moħħi. Iktar ma qiegħed jixjieħ iktar qed isir bużżieqa u jien dak li nkun irrid, biex ninfaqa' jiena wkoll.

*Klara* Ċikku jħobbok...Tonina int ma jonqsok xejn... Għandek żewġt itfal m'hawnx bħalhom... qatt ma inkwetawk...

*Tonina* Minn daqshekk veru. Iżda xorta waħda jibqa' l-fatt li minkejja li issa Johnnie tiegħi ilu sitt snin Ruma, għadni ma nistax nġerraħha l-firda minnu.

*Klara* Johnnie ma jonqsu xejn. L-aħħar li ċempilli qalli li fil-parroċċa tiegħu rnexxielu jiftaħ *Day Centre* għall-persuni b'diżabbiltà.

*Tonina* Iva?... hekk qallek?...Imma lili ma jgħidli qatt xejn. Dejjem jgħid li sejjer sewwa, u kull darba jistedinni lili u lil Ċikku sabiex naslu wasla sa ħdejh.

*Klara* Isma' minnkom jonqos. Hu pjaċir għandu bikom, u anke ħafna familji mill-parroċċa tiegħu jixtiequ jagħmlu konoxxenza tagħkom.

*Tonina* Naqta' qalbi... Jiena anke biex dħalt miegħek il-Belt rajtha bi tqila.

*Klara* Tonina, ara lil min qed nara riesqa 'l hawn.

*Tonina* Dik mhix Antida ta' Ċensu l-Bajjad?

*Klara* Hi kollha kemm hi.

*Tonina* Kif saret hux. Għadma u ġilda.

*Klara* Mhux bilfors... Għandha salib bħal dak dejjem ma' wiċċha. Għal bintha qed ngħid. Tiddependi kollox minnha.

*Tonina* Veru... Emminni nitħassarha lil Antida... Dik iżgħar ħafna minni.

*Klara* U żgur ukoll. Anki iżgħar minni. Dejjem nafha warajja l-iskola. Miskina minn meta żżewġet lil Ċensu ma ħadetx ir-ruħ. Imbagħad komplietha bintha Rosie... tfajla b'diżabbiltà kbira.

*Tonina* Kif jgħidu: kull warda għandha magħha x-xewk... mhux hekk?

*Klara* L-għodwa t-tajba Antida... Kif int?

*Antida* Kif tridni nkun... kieku nista' mmur naqbeż minn fuq is-sur...

*Klara* Qed tiċċajta, Antida...

*Antida* Qed ngħid bl-akbar serjetà. Issa nħossni sfinita għall-aħħar. Qabel kelli tama li Rosie tiegħi għad tibda timxi xi ftit, jew inkella tkun tista' tmexxi l-*wheel-chair* tagħha, weħidha. Issa qtajt qalbi għall-aħħar.

*Tonina* Ma tridx tagħmel hekk, Antida.

*Antida* Iva, Tonina... Kieku sewwa qed tgħidli... Iżda ibqa' ċerta li kieku inti qegħda minfloki, l-istess ħaġa kont tgħidli.

*Klara* Antida, fuq Alla m'hemm ħadd.

*Antida* Bħalek ngħid, Klara. Iżda meta ser jitbissimli ftit il-Mulej?

*Klara* Taħseb int li mhux qed jitbissimlek?... U mhux jitbissimlek biss iżda qed jagħtik ukoll l-għajnuna biex tkun tista' ġġorr is-salib li għoġbu jisilfek...

*Antida* Kliem sabiħ, Klara... Iżda ftit li xejn mhu ser itaffili l-ġerħa li għandi f'qalbi.

*Tonina* Imma, Antida... Tinsiex: inti għandek warda mill-isbaħ...Rosie, isimha magħha!

*Antida* Warda iebsa, bla saħħa, marradija.

*Klara* Warda hi dejjem warda...

*Antida* Jien mhux il-warda li tinkwetani... Jinkwetani l-atteġġament ta' ħafna nies li jniggżuk bi kliemhom kif ukoll b'għemilhom...

*Tonina* U le, Antida... ma tridx teħodha hekk... Dan kulħadd iridlek il-ġid...

*Antida* Naf x'qed ngħid!... X'għamlitilhom it-tifla tiegħi meta l-iskola jwarrbuha fil-ġenb, għax kif jgħidu huma, qed tkun ta' xkiel għalihom? Għaliex jinjorawha għal kollox...? X'tort għandha Rosie tiegħi jekk twieldet immankata...? X'għamlet f'ħajjitha biex taqla' dejjem fuq wiċċha?

*Klara* Qed nipprova nifhmek, Antida. Il-qalb ta' omm tbati u ssofri ħafna quddiem il-mard ta' uliedha ... Imma kuraġġ... taqtax qalbek.

*Antida* Ara kieku mradt jien, żgur li ma kont ngħid xejn. Iżda ħej... id-dinja kiefra wisq. Taħsbu intom li jien u missierha ma nħossux, meta jirreferu għalina bħala missier u omm dik l-immankata?... X'tort għandha oħtha, li l-għarus tagħha u niesu weġġgħuha, meta ħassru l-għerusija tiegħu magħha...? Allura din oħtha se tibqa' ġġorr fuqha l-piż tad-diżabbiltà ta' oħtha ż-żgħira?

*Klara* Id-dinja taf tkun kiefra... din hi l-istorja kollha! Iżda bħalma hemm nies li qed iħarsu bl-ikrah lejha, hemm nies oħrajn li huma mimlija imħabba lejn Rosie...




*Antida* Ma nafx jien... ma nafx... Imbagħad, ngħiduha kif inhi: kemm jien, kif ukoll Ċensu dak li naqilgħu nonfquh biex inkunu nistgħu ngħixu. Flus imwarrba m'għandix biex mqar neħduha vaganza.

*Klara* Dak il-Bambin jipprovdi. Inti ħalli f'idejja. Għada għandna laqgħa tal-Karitas tal-parroċċa tagħna, u nara kif dawn jistgħu jgħinuk...

*Antida* Jien qatt ma saqqaft wiċċi biex nittallab il-flus... Biss minħabba f'binti lesta li nagħmel wiċċi, anke biex inħallsilha għal ftit ġranet li tagħmel fir-*Respite Centre*. Iżda li nittallab il-flus biex insiefru, dak ma jkun qatt.

*Tonina* Tgħidx ħmerijiet. Il-lejla nċempel lil Johnnie tagħna u nara jkunx jista' jżommkom hu fil-parroċċa tiegħu ġewwa Ruma. Jekk ikun jista' żgur li mhux ser jgħidli le!

*Klara* Ara l-passaġġ bl-ajru nħallasulkom jien... Kelli ħsieb nagħmel safra għal Ġunju li ġej. Ma ġara xejn ... insiefer għall-aħħar tas-sajf.

*Antida* Imma...

*Klara* Imma xejn!... Mhux jien qed noffrilek?! Inti ħalli f'idejja u ma jiddispjaċikx żgur.

*Antida* Ma nafx...ma nafx!

*Ċikku* *(jitfaċċa)* Kemm ilni nfittixkom... Il-Belt kollha kemm hi ħrattha... ċedejt u għajjejt... U huma hawnhekk, ixxamplati taħt din l-umbrella, iniżżlu l-*capuccino* u jgerrmu l-gallettini.

*Tonina* Ċikk, ġrejt għax ridt... Kieku kont magħna kien imissek *capuccino* int ukoll, u xi gallettina konna nħallulek.

*Ċikku* L-għodwa t-tajba Antida... Dan x'ġiebek 'l hawn dalgħodu?

*Antida* Dħalt il-Belt biex forsi nkellem xi uffiċjal għoli minħabba binti Rosie forsi nsib xi ħadd li jgħinni biex nagħmlilha ħajjitha xi ftit aħjar milli hi llum.

*Ċikku* Kemm tħobbok Rosie... Antida . Xi jumejn ilu qattajt siegħa nitkellem magħha quddiem id-dar tagħkom. Kienet fuq il-*wheel-chair* fuq il-bankina. Kemm hi tifla minn tagħna... u kemm tirraġuna!

*Tonina* Ċikk, aqtagħli kurżità... fejn mort tħuf dalgħodu mal-Belt?

*Ċikku* Kieku taf!... Ara, veru l-Bambin jaf x'inhu jagħmel! Kif tafu intom ma kelli ebda ħsieb nidħol il-Belt illum. Iżda tħajjart minnkom u kif kont hawnhekk wasalt wasla s'għand wieħed li żmien ilu kont selliftu xi ftit tal-flus. Kif rani tbissimli u qalli: dawn tiegħek... Kont sellifthomli int... Għall-grazzja t'Alla n-negozju daħakli, u kont bil-ħsieb nasal wasla sa għandek ir-raħal biex irroddlok il-flus li kont selliftli... U żiedli wkoll xi ħaġa fuq ir-riħ.

*Klara* Tajba Ċikk... Ġietek sewwa llum!

*Ċikku* Ġietni ħej!....għax ngħidilkom il-veru kont għoddni qtajt qalbi li nerġa' narahom dawn il-flus. Dawn waqgħu mis-sema... Xi tgħid Tonina?

*Tonina* Waqgħu mis-sema... sewwa qed tgħid... Iżda dawk kapaċi jagħmlu bosta nies kuntenti... Min jaf Ċikk, jekk dawk il-flus ngħadduhom lil Antida, ħalli tkun tista' tiftaħ fond sabiex għada pitgħada tkun tista' tixtri *wheel-chair* ta' l-elettriku lil Rosie tagħha...!!

*Ċikku* Sewwa qed tgħid. Dawn kienu flus li kont raddejtilhom salib għal wiċċhom. Issa l-Bambin ipprovdihomlna u aħna ngħadduhom lil Antida... Inti xi tgħid, Antida?

*Antida* Jien emmnuni, ħallejtuni mbellha... Ma nafx kif nista' naqbad nirringrazzjakom. Illum qed inħossni mmiss is-sema b'idejja.

*Klara* Qed tara Antida... li mhux dejjem sħab ikrah fuq il-ħajja tagħna. Illum feġġet ix-xemx...

*Tonina* U feġġet għalina wkoll.

*Antida* Grazzi... Grazzi, Ċikk, Tonina u Klara...*(tibki)*

*Klara* Huwa aħna li jeħtieġ nirringrazzjaw lilek, għax kont int li tajtna ċ-ċans li nagħmlu dan l-att ta' mħabba lejk, lejn Ċensu u lejn bintek Rosie.

*Ibża' għal Saħħtek*



# Dwar il-Mewt u l-mejtin

*minn* DR MARIO SALIBA MD MMCFD

**Il-mewt hija t-tmiem tal-ħajja bioloġika. Għal eluf ta' snin il-mewt kienet misteru u magħha hemm marbuta diversi tradizzjonijiet reliġjużi u riti. Il-ħassieba u x-xjentisti minn dejjem ipprovaw jifhmu dan il-misteru u speċjalment il-ħajja ta' wara l-mewt. Kull min ħa l-ħajja jrid imut. Wara kollox aħna l-insara nemmnu li l-mewt hija l-bidu ta' ħajja oħra eterna. Missirijietna kienu jgħidu, mal-mewt ruħek 'l Alla, ġismek lit-trab u ħwejġek lil niesek.**

Il-mewt dejjem b'xi għilla. B'xi ħaġa jew oħra rridu mmutu. Meta u kif ħadd ma jaf għax filli ħaj u filli mejjet. Il-kaġun tal-mewt jista' jkun l-mard, inċident, gwerra jew vjolenza fiżika. Illum nafu li nofs in-nies imutu minħabba mard tal-qalb u taċ-ċirkulazzjoni, kważi nofs l-ieħor bil-kanċer u l-kumplament minħabba inċidenti, gwerer u diżastri naturali.

Il-mewt ħadd ma jista' għalija. Minkejja dan, il-bniedem minn dejjem ipprova jtawwal il-ħajja jew anke jirbaħ lill-mewt. Minħabba li x-xjenza u l-mediċina għamlu ħafna żviluppi, l-ħajja tal-bniedem twalet. Fil-futur ser naraw iktar skoperti speċjalment f'dan il-qasam u l-użu taċ-ċelluli steminali. Permezz ta' dawn iċ-ċelluli l-bniedem qed jipprova jagħti ħajja mill-ġdid lil organi li jkunu mardu, per eżempju, il-qalb u l-fwied. Minkejja dan, il-bniedem għadu ma rebħilhiex lill-mewt. Il-mewt hija l-unika ħaġa li ma tinxtarax u li hija żgura. L-iżviluppi fix-xjenza qed jagħmlu ħajjitna kumplikata. Illum ma nafux eżatt la meta tibda l-ħajja u lanqas meta tispiċċa. Ir-regola kienet li l-mewt isseħħ meta l-qalb tieqaf taħdem u dak li jkun ma jibqax jieħu nifs. Illum huwa possibbli li sa żewġ minuti li jkun seħħ dan, il-qalb nistgħu nerġgħu nqajmuha u għalhekk dak li jkun jerġa' jieħu l-ħajja. F'ċerti sitwazzjonijiet partikulari meta jkun hemm temperatura baxxa jew il-bniedem ikun f'koma minħabba xi effett ta' drogi jew nuqqas ta' zokkor, il-ġisem tal-bniedem jista' jibqa' fi stat ta' raqda qisu mejjet għal sigħat jew anke ġranet.

Illum ukoll huwa possibbli li nżommu l-qalb taħdem anke wara li l-moħħ jieqaf jaħdem. Din is-sitwazzjoni fejn il-moħħ ikun waqaf jaħdem mingħajr l-ebda tama li jirkupra, qed tissejjaħ bħala mewt bioloġika u hija irreversibbli. Dawn il-magni li jżommu l-qalb taħdem għamluha possibbli biex organi jkunu ttrapjantati minn bniedem għal għand bniedem ieħor. Illum qed jinħolqu ħafna problemi etiċi meta dan ikun jista' jsir, jiġifieri meta jkunu jistgħu jintfew il-magni u jittieħdu l-organi għat-trapjant. Il-mument tal-mewt, jew aħjar x'ħin il-moħħ jieqaf jaħdem, jibqa' xi ħaġa kruċjali u t-tobba mhux dejjem jaqblu dwar dan. F'kull pajjiż tad-dinja tista' tittieħed azzjoni kriminali kontra dak it-tabib li jieħu xi organi għat-trapjant qabel ma' l-moħħ jieqaf kompletament. Biex ikun dikjarat dan, hemm diversi protokolli u jridu jkunu preżenti iżjed minn tabib wieħed u li ebda wieħed minn dawn it-tobba ma jkun involut fl-operazzjoni tat-trapjant. Kulħadd għadu jiftakar l-istorja ta' Terri Schiavo li qajmet ħafna kontroversji dwar il-kwistjoni tal-mewt tal-moħħ u l-istat veġitattiv li minnu kienet għaddejja Terri.

L-użanza li l-mejtin kienu jindifnu 24 siegħa wara li jkunu dikjarati mejta ġejja mill-fatt li kien hemm każijiet fejn persuni indifnu ħajjin. Ir-regola ta' 24 siegħa tgħodd għal persuni li mietu mewta naturali. Dawk li mietu soptu kienu jħalluhom 48 siegħa qabel jagħlqu t-tebut u jidfnuhom. Kienu jindifnu qabel biss jekk ikun hemm sinjali ċari ta' putrefikazzjoni.



Il-katavri kienu jitpoġġew esposti f'kamra apposta. Dan beda jsir fil-1880. (Quddiem is-Seminarju f'Għawdex kien hemm kamra li kenet isservi għal dan il-għan u kienet tissejjaħ "Il-Kamra tal-Mejtin". Jiena meta kont żgħir kont nibża' ngħaddi waħdi minn quddiemha għax darba kienet miftuħa u kont rajt tebut!). Fl-antik it-tebut ried jinżamm mikxuf u sa anke kienu jorbtu idejn u saqajn il-mejjet mal-ilsien ta' qanpiena bi spaga biex f'każ li jitħarrek u għalhekk ifisser li għadu ħaj, l-qanpiena kienet iddoqq! Ir-regola ta' 24 siegħa għadha tgħodd sallum, u biex persuna tindifen qabel irid isir ċertifikat minn tabib u jispeċifika r-raġuni, normalment minħabba s-sħana speċjalment fis-sajf. Mhux l-ewwel darba li nies indifnu ħajjin. Fi żmien il-Kavallieri persuni li kienu jmutu b'mard kontaġġjuż kienu jindifnu malajr f'ċimiterju apposta li kien hemm Lazzaretto, wara li kienu jkunu eżaminati mill-*Protomedicus*.

Id-dfin fil-knejjes baqa' sejjer sal-aħħar tas-seklu 18. Id-dfin fiċ-ċimiterji pubbliċi ġie fis-seħħ permezz tal-Ordinanza tad-Dfin fil-10 ta' Mejju, 1869. L-ewwel dfin beda f'Jannar tal-1872 u sas-sena 1922 kienu ġa ndifnu 113,586. Din l-Ordinanza llimitat id-dfin taħt iz-zuntier tal-knisja jew fil-knisja għall-Isqof tal-post u xi saċerdoti biss u t-tebut ried ikun mgħotti bil-ħamrija sa 18-il pulzier għoli. Finalment id-dfin fil-knejjes waqaf totalment meta l-Knisja stess infurzat il-Liġi Kanonika fil-1918 biex dfin fil-knejjes ikun permess biss għall-Papa, Kardinali, membri tal-familji rjali u l-Isqof tal-post. L-użu tal-ħruq tal-ġisem jew kremazzjoni qatt ma kien permess fir-Reliġjon Kattolika. Illum din saret diskutibbli.



Forsi kieku din kienet aċċettata fil-kultura tagħna ma kienx ikollna ħafna mill-problemi li għandna minħabba tkabbir ta' ċimiterji. Fit-Tibet milli jidher ma għandhomx problema bil-mejtin għax il-katavri jħalluhom għall-arja fuq xi muntanja!

X'jiġri meta l-mewt tkun seħħet tassew? Xi drabi wara li bniedem ikun miet nistgħu naraw li xi parti minn ġismu bħas-saqajn jitħarrku! Dan huwa possibbli, jista' jkun minħabba bugħawwieġ fil-muskoli minkejja li l-ħajja fil-ġisem tkun spiċċat. Hekk kif tieqaf iċ-ċirkulazzjoni l-ġisem jieħu dehra bajdanija. Ftit ftit it-temperatura tal-ġisem tibda niżla sakemm tkun daqs dik ta' l-arja ta' madwar. Ir-rata li biha jiġri dan jiddependi mit-temperatura ta' l-arja. Ftit sigħat wara l-mewt, iseħħu ċerti tibdiliet fil-kimika tal-muskoli li jwassal għal ebusija tal-muskoli (*rigor mortis*). Din tilħaq l-aqwa tagħha 12-il siegħa wara l-mewt u tibda mill-wiċċ. Sa 36 siegħa wara l-mewt din terġa' lura u l-ġisem ma jibqax iebes. Id-demm jakkumula fil-partijiet t'isfel tal-ġisem. Wara 48 siegħa l-ġisem jibda' jiddekomponi ftit ftit. Ir-rata ta' dekompożizzjoni tiddependi mit-temperatura tal-arja u mill-kundizzjoni tal-ġisem qabel il-mewt. L-ewwel li jitħassru huma l-imsaren u l-organi interni. Il-ġisem jibda' jintefaħ minħabba il-gassijiet li jiffurmaw u tibda ħierġa riħa tinten. Din ir-riħa tal-mewt nistgħu nneħħuha billi jitneħħew l-imsaren u l-organi interni, u il-vini u l-arterji jkunu injettati bil-formalina biex il-ġisem ikun ippreservat għal numru ta' ġranet. Dan isir meta jkun irid jittieħed f'post ieħor għad-difna. Din hija l-bażi tal-ibbalzmar tal-katavri li hija sengħa fiha nfisha. Din is-sistema flimkien mal-mammifikazzjoni tal-ġisem kienet użata ferm fil-passat. Biżżejjed insemmu l-Egizzjani li kienu esperti fiha. Sallum hemm ċerti kulturi fejn dan għadu jsir.

Aħna lill-mewt u lill-mejtin tagħna nagħtuhom importanza kbira. Ir-rispett lejn il-mejtin huwa kbir u l-postijiet fejn dawn huma midfunin huma postijiet sagri. Il-funerali u r-ritwal tad-dfin huma sinifikattivi u ċerimonji sollenni. Il-popolarità li persuna tkun tgawdi f'ħajjitha, tintwera fil-mewt u waqt il-funeral tagħha. Għalina l-insara u għal min jemmen fil-ħajja eterna ta' wara l-mewt, il-mewt hija biss passaġġ. Dan il-passaġġ ġa beda, meta ser nispiċċawh Alla biss jaf.

*mariosaliba@gmail.com*






## TISLIBA MALTIJA U BIBLIKA

Ħajr lil Emmanuel Ellis

***Mimdudin***

(1) Il-Ktieb tal-Kelma (7)
(7) L-akbar sultan ta' Israel (5)
(8) Hekk jagħmlu s-sħab quddiem ix-xemx (7)
(9) Kienu henjin (6)
(11) Minnufih (5)
(13) Musmar żgħir (4)
(14) Lok 'il bogħod mill-inkwiet (7)
(15) Ir-ragħaj tal-Kattoliċi (4)
(16) Għalaqt (5)
(17) Mogħti l-eżistenza (6)
(21) Ġarrab esperjenza qarsa (7)
(22) Allat foloz (5)
(23) Ħarsu 'l quddiem b'ottimiżmu (7)

***Weqfin***

(2) Iċ-ċimiterju l-kbir (10)
(3) Fiha titqiegħed l-isfera bl-Ewkaristija għall-adorazzjoni (8)
(4) Tħokk biex taqdi (4)
(5) L-aktar virtù pura (4)
(6) Mnejn għadda dak tax-xita jerġa' jgħaddi (4)
(9) L-għasfur jgħanni bil-ferħ jew bid-dieqa ġewwa fiha? (5)
(10) Hekk nindirizzawh lill-Isqof jew lill-President tar-Repubblika (10)
(12) Jerġa' jieħu saħħtu (5)
(13) Il-frotta ta' l-Eden (8)
(18) Jum il-Mulej (4)
(19) Ta' ħtieġa (4)
(20) Akkordju (4)



**TISLIBA - Novembru 2008**

Isem u Kunjom ______________________

Indirizz ______________________

______________________

*Post Code* ______________

*It-Tisliba trid tasal lil "Il-Ħajja f'Għawdex", Lumen Christi Media Centre, Triq Fortunato Mizzi, Victoria, Għawdex, mhux aktar tard mill-aħħar jum ta' Diċembru 2008. Ir-rebbieħ jingħata premju ta' tliet kotba tal-Lumen Christi Publications.*

**Ir-rebbieħa tat-Tisliba Awissu/Settembru 2008 hu**
**Joseph Saliba, "L-Għarix", Triq Dun S. Gauci, Munxar MXR 1361**

SCICLUNA

**Scicluna International Housewares**

Shops:
11, 95-96, 101, Palm Street, Victoria, Gozo - Malta
Tel: +356 2155 6493
Fax: +356 2156 1008
E-mail: scicluna.gozo@keyworld.net

**MIX-XENA SPORTIVA F'GHAWDEX** *minn* **Joe Bajada**



# IT-TAZZA INDIPENDENZA TIFTAĦ L-ISTAĠUN TAL-FOOTBALL GĦAWDXI

### *Victoria Hotspurs jirbħuha għat-tielet darba*

It-28 Edizzjoni tat-Tazza Indipendenza riservata għat-timijiet tal-ewwel diviżjoni, fetħet għal darb'oħra l-istaġun tal-futbol Għawdxi. Kienu *Victoria Hotspurs* li b'żewġ gowls, wieħed f'kull taqsima skurjati mill-Brażiljan Fabiano Bassi li għelbu fil-finali l-isfida ta' *Qala St Joseph* biex rebħu din it-Tazza għat-tielet darba fl-istorja tagħhom. Dan is-suċċess tar-Rabtin kien meritat għax kienu huma l-iktar tim konsistenti matul din l-ewwel kompetizzjoni organizzata dan l-istaġun mill-GFA. Dan is-suċċess tagħhom ikompli jikkonferma kemm *Victoria Hotspurs* komplew jimpressjonaw fejn apparti li ma kinetx sorpriża li fl-istaġun l-ieħor spiċċaw fit-tieni post fil-kampjonat, issa bl-akkwisti li għamlu komplew saħħew il-formazzjoni tagħhom, fejn b'Alex Tramboo huma kkonsolidaw id-difiża u fl-attakk Manwel Cordina qed dejjem iżid fil-logħob tiegħu. Fuq kollox qed jispikka l-kollettiv ta' *Hotspurs* li jidhru li l-*players* kollha huma integrati tajjeb ma' xulxin u dan b'awgurju pożittiv li ser ikunu fost l-isfidanti prinċipali matul dan l-istaġun il-ġdid.

Din it-Tazza Indipendenza bdiet bil-logħbiet tal-kwarti finali fejn hawn il-finalisti tal-istaġun l-ieħor *Qala St Joseph* ħadu battikata kbira biex eliminaw lil *Kerċem Ajax* fejn sal-ħin barrani l-iskor kien dak ta' 3-3 u kellhom ikunu l-*penalties* li kkwalifikawhom. Doppjetta minn *penalties* ta' Riccardo Saverino u gowl ieħor minn Mark Bonello kienu l-iskorers tas-*Saints*, b'Ejofir Nkwocha darbtejn u Milos Stojanovic jirrispondu għal Ajax. B'hekk din il-partita kellha tiġi deċiża bil-*penalties* fejn għal Qala skurjaw Mario Mifsud, Mark Bonello, Marcos Secco u Riccardo Saverino, bil-*penalty* ta' Eric Nkwankwo jkun salvat minn Victor Galea. Minn naħa l-oħra Kerċem skurjaw tnejn minn Ejofir Nkwocha u Jean Paul Mizzi, mentri t-tentattiv ta' Godfrey Eniy kien salvat minn Victor Agius u Darko Stojanovic tefa' barra.

*Victoria Hotspurs* b'gowl lejn it-tmiem tad-debuttant Manwel Cordina eliminaw lil Għajnsielem u minn naħa l-oħra t-tim promoss ta' SK Victoria Wanderers issuperaw lil *Sannat Lions* wara l-għoti tal-*penalties* wara li sal-ħin barrani l-iskor kien baqa' ta' 1-1. Kien Fernando de Andrade li poġġa lil *Lions* minn fuq, b'Ajibade Adesina jisforza l-ħin barrani lejn tmiem il-logħba bil-gowl tad-*draw*. Waqt l-għoti tal-*penalties* SK Victoria marru l-aħjar fejn skurjaw erba' minn Ige Adesina, Marvin Grech, Joseph Vella u David Udo Monday, filwaqt li t-tentattiv ta' Ajibade Adesina kien salvat minn Demis Bajada. Minn naħa l-oħra l-gowler Rabti Marlon Mercieca kien il-protagonista meta salva l-ewwel żewġ *penalties* tal-Lions mogħtija minn Eman Bugeja u Fernando de Andrade, bit-tliet *penalties* l-oħra Sannatin ikunu skurjati minn Benneth Njoku, Sabri Rais u John Camilleri.

Fl-ewwel semi finali rajna partita replika għall-finali tal-istess kompetizzjoni tal-istaġun l-ieħor meta dakinhar kienu *Nadur Youngsters* li kisbu s-suċċess finali bil-*penalties*. Din id-darba iżda kienu l-avversarji ġirien tagħhom ta' *Qala St Joseph* li marru l-aħjar meta rebħulhom b'marġni strett ta' 2-1 fejn huma rnexxielhom idawru telfa f'rebħa fejn fit-tieni taqsima approfittaw mill-vantaġġ numeriku fejn kisbu l-gowl deċiżiv. Kienet partita li fiha spikkat ir-rivalità tal-ġirien fejn minkejja t-temp rifreskanti, f'mumenti minnhom lejn tmiem l-ewwel taqsima l-irjus saħnu u kellha tintervjeni l-pulizija biex inġabet lura l-ordni fil-*pitch*. Konsegwenza ta' hekk, tliet *players* sfaw imkeċċija. Kien Jeffrey Meilak li poġġa lil *Youngsters* minn fuq biex ftit wara Riccardo Saverino minn *penalty* kiseb id-*draw*. Wara l-intervall l-ex-Eric Nkwanko kiseb il-gowl tar-rebħa.

Fis-semi finali l-oħra *Victoria Hotspurs* kienu aħjar mill-avversarji ta' *SK Victoria Wanderers* f'dan l-ewwel *derby* staġjonali Rabti. Huma kisbu gowl f'kull taqsima minn Michael Vella u Manwel Cordina, bil-gowl tal-Wanderers jasal fil-ħin mogħti żejjed minn Ige Adesina.

Fi tmiem il-finali ta' kontra Qala, l-*captain* u l-vici *captain* Michael Vella u Marvin Buttigieg ta' *Victoria Hotspurs* kienu ppreżentati bit-Tazzi tal-Indipendenza mill-Ministru għal Għawdex, Giovanna Debono u Alvin Grech, president tal-GFA. Huma kienu assistiti minn Anton Camilleri, Joe Bajada u George Cini viċi-president, segretarju ġenerali u teżorier rispettivament tal-GFA.

### *Powerade KO Tieni Diviżjoni - Xagħra United jiddominaw*

Din l-ewwel kompetizzjoni riservata għat-timijiet tat-tieni diviżjoni rat lit-tim relegat ta' *Xagħra United* jiddominaw fejn fil-finali kontra *Oratory Youths* kisbu tliet gowls wara l-intervall minn Anthony Bajada, Emanuel Bezzina u Mark Buhagiar. Xagħra kienu għaddew *bye* fil-kwarti finali, biex fis-semi finali huma kisbu rebħa kbira ta' 4-1 kontra *Żebbug Rovers* bil-gowls tagħhom jaslu minn doppjetta ta' Joseph Sultana u gowls oħra minn Mark Buhagiar u Philip Attard. Basil Chibueze skorja l-gowl ta' konsolazzjoni għaż-Żebbuġin.

Il-kompetizzjoni bdiet bil-kwarti finali fejn hawn *St Lawrence Spurs* eliminaw lil *Xewkija Tigers* 3-2 bi tripletta ta' Hammed Sulaiman, waqt li għal Xewkija rrisponda darbtejn Rodney Buttigieg. Minn naħa l-oħra *Oratory Youths* għelbu lil *Munxar Falcons* bil-*penalties* wara li l-iskor sal-ħin barrani kien ta' 2-2. Għalihom li ġrew darbtejn wara r-riżultat skurjaw Orlando Atzori u Andrew Zammit, fil-waqt li għal *Falcons* kienu skurjaw Daniel Pace u Jerry Okbuleke. Waqt l-għoti tal-*penalties Oratory* skurjaw erba' minn Joseph Grech, Clifford Obinwanne, Andrew Zammit u Charles Xuereb, bit-tentattiv ta' Orlando Atzori jkun salvat minn Adrian Parnis. It-tliet *penalties* ta' Munxar skurjawhom Christian Micallef, Jerry Ogbuleke u Shaun Attard, filwaqt li Anthony Briffa u Mario Azzopardi kellhom il-*penalties* tagħhom salvati minn Franklin Vella.

Fis-semi finali l-oħra Oratory Youths b'*penalty* skurjat fil-ħin barrani minn Kevin Grech eliminaw lil *St Lawrence Spurs*. Fi tmiem il-finali l-*captain* ta' Xagħra, Joseph Bartolo kien ippreżentat it-Tazza *Powerade* minn Alvin Grech, president tal-GFA. Huma kienu assistiti minn Anton Camilleri, Joe Bajada u George Cini viċi-president, segretarju ġenerali u teżorier rispettivament tal-GFA.

### *Seminar interessanti mill-Gozo Youth F.A.*

Il-*Gozo Youths FA* fetħet l-impenji staġjonali tagħha 2008-09 bil-ħatra ta' Kumitat ġdid fejn hawn ukoll insibu uċuħ ġodda jokkupaw l-għola karigi fejn bħala *Chairman* inħatar Carmel Attard, filwaqt li Reno Rapa kien appuntat Segretarju. Saviour Bajada baqa' jokkupa l-kariga ta' Teżorier. L-ewwel attività li din l-Għaqda organizzat kien *Seminar* ta' jumejn li tmexxa minn Mark Falzon u Patrick Vassallo. Fil-bidu tas-*Seminar* saru messaġġi minn Carmel Attard, kif ukoll minn Alvin Grech, President tal-*Gozo F.A.* Diversi *coaches* segwew b'interess dan is-*Seminar* fejn mistenni li oħrajn simili jsir b'mod regolari matul dan l-istaġun u dan grazzi għar-rispons tajjeb li kien hemm għal dan l-ewwel wieħed.



# Imkejjen Għawdxin

*Versi ta' Anton F. Attard*
*Ritratti ta' Joseph J.P. Zammit*







## 14. ĊIMITERJI

*Ċimiterju... lok imqaddes,*
*midfen, għalqa tal-mejtin...*
*l-eqdem wieħed li kellna Għawdex*
*kien jinsab fejn Sant' Wistin.*

*U fir-raħal qrib tax-Xagħra*
*Ċimiterju hemm tal-pesta,*
*dan kien tkabbar kemm-il darba*
*u għad fadallu biex jitlesta!*

*Ħdejn ta' Santa Marta l-knisja*
*hemm il-midfen tal-Kolera,*
*jew tal-Għonq, hekk isejħulu,*
*tiegħu fqira wisq id-dehra.*

*Tal-Barmil, imbagħ'd, il-midfen*
*l-akbar wieħed ta' dil-gżira,*
*beda b'wieħed ta' l-Infetti*
*imma llum sar ħaġa kbira!*

*L-Isqof Gonzi s-seklu l-ieħor*
*ħareġ żewġ ordnijiet serji:*
*Ma jsirx iżjed dfin fil-knejjes!*
*Fittxu ibnu ċ-ċimiterji!*

*Hekk hawn Għawdex kull parroċċa*
*għandha l-midfen, post qaddis,*
*li f'Novembru n-nies iżżuru*
*għax fih hemm xi ħadd għażiż.*

**Noti:** *Iċ-Ċimiterju ta' fejn Sant' Wistin kien iċ-Ċimiterju tal-Matriċi, illum Katidral. Dawk tax-Xagħra, tal-Għonq u tal-Barmil nbnew mill-Gvern oriġinarjament minħabba l-mejtin b'mard li jittieħed. L-ordni ta' l-Isqof Gonzi ħarġet fis-sena 1934 u bdiet tgħodd mill-1 ta' Jannar, 1935, ħlief għal xi knejjes fir-Rabat.*







# Djamanti ta' Għawdex

*Ritratti ta' Lynda Caton Roseblade*

## ŻEWĠ SNAJJA ANTIKI LI QED JOSFRU



Ir-Raħħal



Is-Sajjied



# X'taf fuq SAN PAWL?




*Ktieb ġdid ta' Mons. Lawrenz Sciberras. Studju dettaljat ta' ħajtu u kitbietu, bi 80 ritratt jew illustrazzjonijiet. "Xogħol tassew prestiġjuż". €7*

-*-




*Ktieb ieħor interessanti ta' Kevin J. Hanlon, maqlub għall-Malti minn Fr. Geoffrey G. Attard, dwar l-Ittri ta' San Pawl, Ragħaj li għadu jiggwida l-insara ta' llum. €4*

-*-




*Ktejjeb ideali għall-kbar u għaż-żgħar, b'qari ħafif, kollu kulur. Fih il-ħajja ta' San Pawl fil-qosor f'36 paragrafu ma' pitturi famużi fil-Bażilika tiegħu f'Ruma. €2*

Tliet rigali... l-isbaħ tifkira fis-Sena Pawlina

LUMEN CHRISTI PUBLICATIONS